# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/767

**tal-31 ta' Lulju 2018**

**dwar l-Għajnuna mill-Istat SA.36511 2014/C (ex 2013/NN) implimentata minn Franza permezz tal-limitu massimu tas-CSPE**

*(notifikata bid-dokument C(2018) 4975)*

**(It-test bil-Franċiż biss huwa awtentiku)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 108(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 62(1)(a) tiegħu,

Wara li l-partijiet interessati ġew mistiedna jressqu l-kummenti tagħhom skont dawn l-Artikoli ([1]) u wara li ġew ikkunsidrati dawn il-kummenti,

Billi:

### 1. PROĊEDURA

(1) Wara kuntatti preliminari fl-2013 bejn is-servizzi tal-Kummissjoni u Franza, fil-11 ta' Ottubru 2013 din innotifikat l-iskema tagħha ta' appoġġ għall-elettriku eoliku fuq l-art li f'dik id-data kien iffinanzjat minn taxxa fuq l-elettriku msejħa "kontribuzzjoni għas-servizz pubbliku tal-elettriku" jew "CSPE".

(2) Peress li l-iskema kienet diġà fis-seħħ meta saret in-notifika, il-fajl ġie ttrasferit fir-Reġistru tal-għajnuna mhux innotifikata fid-29 ta' Novembru 2013.

(3) Permezz tal-ittra tas-27 ta' Marzu 2014, il-Kummissjoni informat lil Franza li hija ma kellha l-ebda oġġezzjoni kontra l-għajnuna għall-elettriku eoliku fuq l-art iżda kellha dubji dwar il-kompatibbiltà mas-suq intern tat-tnaqqis fis-CSPE mogħti lil dawk li jipproduċu l-elettriku għall-konsum personali (awtokonsumaturi), lill-konsumaturi l-kbar tal-elettriku u lill-konsumaturi li jużaw l-elettriku b'mod intensiv. Għalhekk, hija informat lil Franza dwar id-deċiżjoni tagħha li tiftaħ il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 108(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE") fir-rigward tat-tnaqqis fis-CSPE.

(4) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiftaħ il-proċedura (id-"Deċiżjoni tal-ftuħ") ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati biex jippreżentaw l-kummenti tagħhom dwar il-miżuri inkwistjoni u dwar l-applikazzjoni possibbli tal-Linji Gwida tal-UE dwar l-Għajnuna mill-Istat għall-protezzjoni ambjentali u l-enerġija 2014-2020 ([2]) ("il-Linji Gwida tal-2014") għat-tnaqqis tas-CSPE inkwistjoni.

(5) Il-Kummissjoni rċeviet kummenti mingħand ħames partijiet interessati: (i) Air Liquide, permezz ta' ittra tat-3 ta' Novembru 2014; (ii) EDF, permezz ta' ittra tas-17 ta' Novembru 2014; (ii) RATP, permezz ta' ittra tat-2 ta' Diċembru 2014; (iv) SNCF, permezz ta' ittra tat-3 ta' Diċembru 2014 u (v) l-Unjoni tal-Industriji li Jużaw l-Enerġija (Union des Industries Utilisatrices d'Energie — UNIDEN), permezz ta' ittra tat-3 ta' Novembru 2014. Dawn il-kummenti kienu jirrigwardaw l-ewwel nett l-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat, kif ukoll il-konformità tal-miżuri mat-TFUE minn naħa u mal-Linji Gwida tal-2014 min-naħa l-oħra.

([1]) ĠU C 348, 3.10.2014, p. 78.
([2]) ĠU C 200, 28.6.2014, p. 1.

(6) Franza baghtet il-kummenti taghha f'nota tal-5 ta' Mejju 2014, issupplimentata b'ittra datata t-22 ta' Ottubru 2015. F'din l-ittra, wara li fakkret it-tnaqqis differenti ta' CSPE, Franza argumentat li t-tnaqqis mis-CSPE moghti lil dawk li jiġġeneraw l-elettriku ghall-konsum personali ma kienx jikkostitwixxi ghajnuna. Imbaghad ikkunsidrat li l-limitu tas-CSPE ghal kull sit u l-limitu tas-CSPE ta' 0,5 % tal-valur miżjud kienu kompatibbli mar-regoli dwar l-ghajnuna mill-Istat.

(7) Matul il-proċedura ta' investigazzjoni formali, il-Kummissjoni ghamlet seba' talbiet ghal informazzjoni bejn il-21 ta' Awwissu 2014 u s-27 ta' Ottubru 2017. Min-naha taghhom, l-awtoritajiet Franċiżi baghtu hdax-il nota u dokumenti ta' informazzjoni bejn is-7 ta' Mejju 2014 u t-12 ta' Diċembru 2017. Dawn l-iskambji ta' informazzjoni kienu jirrigwardaw (i) il-kjarifika tal-ammonti ta' CSPE imhallsa u t-tnaqqis moghti lil ċerti tipi ta' benefiċjarji, (ii), il-kwalifika tal-miżuri bhala ghajnuna mill-Istat u l-analiżi ġuridika tal-konformità taghhom mar-regoli dwar l-ghajnuna mill-Istat u (iii) il-preżentazzjoni ta' pjan ta' aġġustament, bl-ghan li t-tnaqqis ta' CSPE moghti jinġieb f'livelli kompatibbli mar-regoli applikabbli dwar l-ghajnuna mill-Istat. L-ewwel proposta ta' pjan ta' aġġustament ġiet ippreżentata fin-nota tal-4 ta' Novembru 2014 u ffinalizzata permezz tan-nota tat-23 ta' Novembru 2017.

## 2. DESKRIZZJONI TAL-MIŻURI

(8) Din it-Taqsima tinkludi suċċessivament preżentazzjoni tas-CSPE u tat-tnaqqis ta' din il-kontribuzzjoni moghti ghall-perjodu 2003-2015, li huwa s-suġġett ta' din id-deċiżjoni.

### 2.1. Preżentazzjoni tas-CSPE

(9) Is-CSPE ġiet stabilita permezz tal-Liġi Nru 2003-8 tat-3 ta' Jannar 2003 dwar is-swieq tal-gass u tal-elettriku u dwar is-servizz pubbliku tal-enerġija ("il-Liġi Nru 2003-8"). L-iskema deskritta f'din id-deċiżjoni hija dik ta' qabel ir-riforma tas-CSPE tal-2016, introdotta bil-Liġi Finanzjarja ta' rettifika ghall-2015 Nru 2015-1786 tad-29 ta' Diċembru 2015 (LFR 2015).

(10) Is-CSPE hija ntiża biex tikkumpensa l-ispejjeż addizzjonali relatati mal-hlasijiet tas-servizz pubbliku tal-elettriku, imġarrba mill-fornituri stabbiliti tal-elettriku (EDF u l-impriżi lokali ta' distribuzzjoni). Dawn l-ispejjeż addizzjonali jirriżultaw prinċipalment mill-iffinanzjar ta' erba' tipi ta' politiki:

(a) dawn jirriżultaw primarjament mill-obbligu li ghandha EDF jew l-impriżi ta' distribuzzjoni lokali (ELD) li jixtru l-elettriku minghand ċerti tipi ta' impjanti li jipproduċu elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli (eolika, fotovoltajka, eċċ.). Dan il-komponent jirrappreżenta 39 fil-mija tas-CSPE miġbura fuq il-perjodu kollu kopert mill-miżuri, jiġifieri l-2003 sal-2015;

(b) dawn jikkorrispondu ghall-finanzjament tal-koġenerazzjoni ta' effiċjenza gholja, u jammontaw ghal 25 % tas-CSPE miġbura fuq il-perjodu tal-2003 sal-2015. Fin-nota taghha tal-20 ta' Diċembru 2016, Franza spjegat li s-CSPE kienet mahsuba biss biex tiffinanzja l-koġenerazzjoni ta' effiċjenza gholja. F'din in-nota, Franza ddikjarat li dan l-appoġġ kien disponibbli minn naha f'arranġament ta' kuntratt ta' xiri stabbilit bejn l-1997 u l-2001 li jhallas lill-impjanti ta' koġenerazzjoni b'effiċjenza enerġetika ta' aktar minn 65 fil-mija u min-naha l-ohra bl-appoġġ mill-2013 lill-impjanti ta' koġenerazzjoni bil-gass naturali ta' effiċjenza gholja ta' aktar minn 12-il MW;

(c) huma l-konsegwenza tal-kumpens ghall-ġeneraturi tal-elettriku fiż-żoni mhux interkonnessi (Korsika jew id-Dipartimenti Franċiżi *extra*-Ewropej), sabiex ma jġarrbux spejjeż ta' ġenerazzjoni oghla, meta mqabbla mal-ispejjeż ta' produzzjoni mġarrba fi Franza u riflessi fil-prezz tal-elettriku mhallas mill-konsumatur ahhari, li huma orhos peress li jibbenefikaw mill-kost tal-enerġija nukleari. Dan il-komponent jirrappreżenta 31 fil-mija tat-total ta' CSPE miġbura fuq il-perjodu kollu ta' rapportar, jiġifieri l-2003 sal-2015; Din is-sistema ta' żamma tat-tariffi tal-elettriku f'Korsika u fid-Dipartimenti Franċiżi *extra*-Ewropej ekwivalenti ghat-tariffi applikati fi Franza kontinentali hija maghrufa wkoll bhala l-"Ugwalizzazzjoni tar-rati";

(d) tlieta fil-mija (3 %) minnhom huma ġġenerati mill-implimentazzjoni tat-tariffa soċjali msejha "prodott essenzjali", kif ukoll parti mill-ispejjeż imġarrba mill-fornituri tal-elettriku minhabba l-parteċipazzjoni finanzjarja taghhom fl-iskema stabbilita ghall-persuni f'sitwazzjoni prekarja.

(11) Il-Kummissjoni tinnota li, minbarra dawn il-politiki ffinanzjati mis-CSPE, hemm politiki oħrajn iffinanzjati mis-CSPE, iżda f'ammonti iżgħar. Dawn il-miżuri jirrappreżentaw inqas minn 2 fil-mija tas-CSPE miġbura. Dawn jikkorrispondu prinċipalment:

(1) għall-appoġġ mogħti bejn l-2003 u l-2015 lill-impjanti ta' produzzjoni tal-elettriku mill-inċinerazzjoni tal-iskart domestiku. EDF u l-intrapriżi lokali ta' distribuzzjoni dak iż-żmien kienu obbligati jixtru elettriku prodott minn dawn l-impjanti b'rata stabbilita b'digriet ministerjali. L-ispejjeż addizzjonali mġarrba minn dawn l-operaturi kienu kkumpensati mis-CSPE. Franza qieset li s-sehem ta' enerġija rinnovabbli prodott minn dawn l-impjanti huwa ta' 50 fil-mija, skont ir-regoli dwar l-istatistika tal-enerġija tal-AIE u tal-Eurostat.

(2) għall-appoġġ lill-impjanti li jintużaw fis-sigħat intensivi u li jikkontribwixxu għas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija. Dawn l-impjanti jaħdmu prinċipalment bid-diżil u nbnew fid-disgħinijiet (1990s). Dawn jintużaw għal ftit sigħat skont il-ħtiġijiet tas-sistema elettrika.

(3) għall-appoġġ għal diversi miżuri (EUR 221 miljun matul il-perjodu tal-2003 u l-2015), jiġifieri l-ewwel nett il-finanzjament tal-hekk imsejħa kuntratti tal-enerġija garantita ntiżi biex jinkoraġġixxu l-produzzjoni indipendenti (impjanti ta' produzzjoni tal-elettriku b'qawwa ta' inqas minn 8 000 kVA, impjanti maħluqa biex jużaw il-valur kalorifiku tal-iskart solidu), ippreżentati minn Franza bħala "ta' użu sekondarju" għas-servizz pubbliku tal-elettriku. It-tieni, il-finanzjament tal-kuntratti ma' diversi produtturi tal-kuntratti tax-xiri tal-produzzjoni tagħhom.

(12) L-Artikolu L121-7 tal-Kodiċi tal-Enerġija Franċiż jistipula li l-kumpens tal-ispejjeż attribwiti għall-missjonijiet ta' servizz pubbliku tal-elettriku huwa mħallas minn kontribuzzjonijiet dovuti mill-konsumaturi finali tal-elettriku li jinsabu fit-territorju nazzjonali. Dawn il-komponenti, kollha f'daqqa, jirrappreżentaw spiża addizzjonali waħda għall-konsumaturi Franċiżi. Il-kontribuzzjoni titħallas mill-konsumaturi finali kollha tal-elettriku bi prorata tal-kWh (kilo watt fis-siegħa) ikkunsmati, inkluż minn dawk li jipproduċu l-elettriku għall-użu personali. Bejn l-2003 u l-2015, is-CSPE inbidlet b'dan il-mod:

**Varjazzjonijiet fl-ammont ta' CSPE meħud - 2003/2015**

*(F'EUR/MWh)*

| | 2003 | 2004 | 2005 | 2006 | 2007 | 2008 | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 | 2015 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| CSPE | 3,0 | 3,3 | 4,5 | 4,5 | 4,5 | 4,5 | 4,5 | 4,5 | 9,0 | 10,5 | 13,5 | 16,5 | 19,5 |

*Sors:* Rapport tal-Qorti tal-Awdituri 2017

(13) Il-kontribuzzjonijiet tal-konsumaturi finali eliġibbli, li eżerċitaw id-drittijiet mogħtija fl-Artikolu 22(III) tal-Liġi Nru 2000 - 108 tal-10 ta' Frar 2000 dwar l-immodernizzar u l-iżvilupp tas-servizz pubbliku tal-elettriku (iktar 'il quddiem il-"Liġi Nru 2000-108"), fornuti permezz tan-netwerk tat-trasport pubbliku jew min-netwerk ta' distribuzzjoni pubbliku, huma rkuprati mill-operatur inkarigat mill-immaniġġjar tan-netwerk li miegħu huma konnessi dawk il-konsumaturi, fil-forma ta' imposta addizzjonali fuq it-tariffi tal-użu tan-netwerk.

(14) Il-kontribuzzjonijiet rkuprati minn dan l-operatur jitħallsu lill-operaturi li jbatu l-ispejjeż ta' servizz pubbliku permezz tal-Caisse des Dépôts et Consignations ("CDC"). Is-CDC tħallas din il-kontribuzzjoni erba' darbiet fis-sena lill-operaturi li jbatu l-ispejjeż koperti mis-somom miġbura. Fl-1 ta' Jannar ta' kull sena, hija tħallas lill-Ombudsman nazzjonali tal-enerġija somma ugwali għall-ammont tal-baġit tiegħu.

(15) Is-CDC iżżomm kont ta' dawn it-tranżazzjonijiet differenti f'kont speċifiku. L-ispejjeż tal-ġestjoni sostnuti mill-Caisse huma deċiżi kull sena mill-Ministri responsabbli mill-ekonomija u mill-enerġija. Meta l-ammont tal-kontribuzzjonijiet miġbura ma jaqbilx mal-ammont ikkonstatat tal-ispejjeż tas-sena, l-aġġustament isir fis-sena ta' wara bl-ispejjeż dovuti għal din is-sena. Jekk is-somom dovuti ma jiġux irkuprati matul is-sena, huma jiżdiedu mal-ammont tal-ispejjeż tas-sena segwenti ([3]).

(16) Kull sena, il-Kummissjoni li tirregola l-enerġija ("CRE") tevalwa l-operat tal-iskema dwar l-ispejjeż tas-servizz tal-pubbliku tal-elettriku koperti fir-rapport annwali tagħha. Id-Digriet Nru 2004-90 emendat (id-Digriet Nru 2004-90 tat-28 ta' Jannar 2004 dwar il-kumpens tal-ispejjeż ta' servizz pubbliku tal-elettriku) jorganizza l-operat tal-kumpens: kull sena, qabel il-15 ta' Ottubru, is-CRE tipproponi lill-Ministru responsabbli mill-enerġija l-ispejjeż provviżorji tas-sena segwenti kif ukoll il-kontribuzzjoni ta' unità għal kull kWh ikkunsmat fi Franza li permezz

([3]) ECLI:EU:C:2013:851.

tagħha jiġu ffinanzjati l-ispejjeż. Il-proposta tas-CRE hija bbażata fuq id-dikjarazzjoni tal-ispejjeż irreġistrati għas-sena preċedenti (N-1) u fuq id-dikjarazzjoni tal-ispejjeż proġettati għas-sena ta' wara (N+1). Id-dikjarazzjonijiet isiru mill-operaturi li jġorru l-ispejjeż. Kif spjegat fil-premessi 14 u 15, il-mekkaniżmu tal-irkupru huwa ċċentralizzat fil-livell tas-CDC.

(17) Is-CRE tivverifika l-ammont tal-ispejjeż irreġistrati. Fir-rigward tal-ispejjeż relatati mal-appoġġ lill-enerġiji rinnovabbli, dawn jikkorrispondu għad-differenza bejn l-ammont ta' appoġġ u l-prezz tas-suq miksub għall-bejgħ ta' din l-enerġija mill-operaturi obbligati. B'hekk, ir-referenza għall-prezz tas-suq isservi biex jiġi stabbilit l-ammont ta' kumpens. Is-CRE speċifikat il-metodu ta' determinazzjoni ta' dan il-prezz tas-suq. Dan ma jikkorrispondix għall-valur reali tas-suq li jkun kiseb l-operatur obbligat, iżda għal valur referenzjarju, stabbilit skont diversi parametri (prezz tas-suq terminali u prezz spot b'ponderazzjonijiet differenti skont is-setturi, prezz tas-suq matul il-ġimgħa, il-prezz tasl-saldu tad-differenzi), li jirriflettu kemm jista' jkun l-imġiba ta' attur tas-suq b'saħħtu sabiex l-operatur obbligat jingħata inċentiv għall-prestazzjoni.

(18) Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tas-sanzjonijiet previsti mil-liġi, fil-każ ta' nuqqas jew ta' insuffiċjenza ta' ħlas tal-kontribuzzjoni fi żmien xahrejn mid-data li din tkun dovuta, is-CRE tibgħat ittra ta' tfakkira akkumpanjata minn penalità għad-dewmien li r-rata tagħha hija stabbilita għal 10 fil-mija tal-ammont tal-kontribuzzjoni dovuta. Fl-aħħar nett, f'każ li l-kontribwent jonqos milli jħallas il-kontribuzzjonijiet stmati, il-Ministru responsabbli mill-enerġija joħroġ penali amministrativa skont il-kundizzjonijiet previsti f'dan l-Artikolu 41.

(19) Bejn l-2003 u l-2015, l-ammont ta' CSPE miġbura mill-operatur responsabbli għan-netwerk kien ta' EUR 36,9 biljun. Dan kien maqsum kif ġej:

**Ammonti rkuprati mill-EDF taħt is-CSPE**

*(EUR miljuni)*

| | ENR | Koġenerazzjoni | Ugwalizzazzjoni tar-rati | Tariffi soċjali | Oħrajn | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 2003 | 129 | 689 | 332 | 0 | 69 | 1 219 |
| 2004 | 261 | 835 | 470 | 0 | 89 | 1 655 |
| 2005 | 186 | 810 | 501 | 98 | 99 | 1 694 |
| 2006 | 72 | 944 | 540 | 49 | 66 | 1 671 |
| 2007 | (5) | 560 | 921 | (12) | 2 | 1 466 |
| 2008 | 121 | 488 | 995 | 49 | 41 | 1 694 |
| 2009 | 293 | 499 | 780 | 42 | 42 | 1 656 |
| 2010 | 411 | 769 | 678 | 57 | 21 | 1 936 |
| 2011 | 1 231 | 784 | 767 | 32 | 68 | 2 882 |
| 2012 | 1 724 | 741 | 1 063 | 70 | 29 | 3 627 |
| 2013 | 2 667 | 823 | 1 462 | 134 | 60 | 5 146 |
| 2014 | 3 286 | 545 | 1 495 | 251 | 46 | 5 623 |
| 2015 | 4 057 | 626 | 1 618 | 304 | 58 | 6 663 |
| | 14 433 | 9 113 | 11 622 | 1 074 | 690 | 36 932 |

*Sors*: Nota mill-awtoritajiet Franċiżi lis-servizzi tal-Kummissjoni - 20 ta' Diċembru 2016

(20) Bejn l-2003 u l-2015, il-kompożizzjoni tas-CSPE inbidlet b'dan il-mod:




*Sors*: Franza – nota tal-20 ta' Diċembru 2016

2.2. **It-tnaqqis tas-CSPE**

(21) Il-liġi tipprovdi għal tliet kategoriji ta' tnaqqis tas-CSPE għal ċerti konsumaturi. Dan it-tnaqqis huma kumulattiv u huwa ppreżentat hawn taħt:

(a) Għall-klijenti industrijali li jikkunsmaw aktar minn 7 GWh, l-ammont massimu tal-kontribuzzjoni huwa ta' 0,5 fil-mija tal-valur miżjud (VM) tal-impriża (Artikolu L. 121-21 tal-Kodiċi dwar l-Enerġija);

(b) l-Artikolu L.121-12 tal-Kodiċi dwar l-Enerġija mbagħad jillimita l-ammont tal-kontribuzzjoni dovuta għal kull sit ta' konsum għal EUR 627 783 ([4]) għall-konsumaturi finali. Dan il-limitu massimu kien jiġi aġġornat kull sena skont l-inflazzjoni sal-2013. Fl-2014 u fl-2015, il-limitu massimu żdied bl-istess rata tal-kontribuzzjoni unitarja, sa 5 fil-mija fis-sena;

(c) dawk li jipproduċu l-elettriku għall-użu individwali sa 240 GWh fis-sena u għal kull sit ta' produzzjoni jistgħu wkoll jibbenefikaw minn tnaqqis tas-CSPE (l-Artikolu L.121-11 tal-Kodiċi dwar l-Enerġija).

(22) Bejn l-2003 u l-2015, dan it-tnaqqis differenti tas-CSPE, ħlief għall-impriżi tat-trasport, kien jammonta għal EUR 6,8 biljun u kien imqassam kif ġej:




*Sors*: Franza – 15.11.2017

([4]) Ammont stabbilit fl-1 ta' Jannar 2015. Dan l-ammont ġie rivedut gradwalment. Fl-2013 kien jammonta għal EUR 569 418.

(23) Spjegazzjoni fid-dettall ta' dawn il-limiti massimi hija ppreżentata hawnhekk.

2.2.1. *Limitu massimu tal-kontribuzzjoni ta' 0,5 fil-mija tal-valur miżjud (Artikolu L.121-21 tal-Kodiċi dwar l-Enerġija introdott mill-Artikolu 67 tal-Liġi Nru 2005-781 tat-13 ta' Lulju 2005 tal-programm li jistabbilixxi l-linji gwida tal-politika dwar l-enerġija)*

(24) Il-limitu massimu ta' 0,5 fil-mija tal-valur miżjud li japplika għall-klijenti industrijali li jikkunsmaw aktar minn 7 Gwh fis-sena, ġie stabbilit fl-2005 skont it-termini tal-Liġi Nru 2005-781 tat-13 ta' Lulju 2005 dwar il-programm li jistabbilixxi l-linji gwida tal-politika dwar l-enerġija u li effettivament ġie implimentat fl-2006.

(25) Franza indikat li l-għan ta' dan il-limitu massimu kien li tinżamm il-kompetittività tal-impriżi li jużaw l-elettriku b'mod intensiv, li huma attivi prinċipalment fis-settur tal-metallurġija, tal-karta, tal-industrija kimika, eċċ., jiġifieri setturi esposti għall-kompetizzjoni internazzjonali, speċjalment ta' dawk li l-konsum tagħhom jaqbeż is-7 GWh fis-sena, filwaqt li jiġi limitat, l-impatt tiegħu fuq il-kategoriji l-oħrajn ta' konsumaturi permezz tal-limitu ta' 7 GWh.

(26) Dan il-limitu massimu ta' 0,5 % tal-valur miżjud tas-CSPE jiġi ddikjarat lis-CRE li, wara li tivverifikah, tiddeċiedi li tirrimborża l-ammonti lura. Dawn l-ammonti jiġu rrimborżati biss ladarba l-valur miżjud tal-impriża jkun magħruf (jiġifieri l-aktar kmieni matul is-sena N+1, għal ammonti miġbuda fis-sena N).

(27) Franza indikat li, minn total ta' EUR 6,8 biljun fi tnaqqis mogħti bejn l-2003 u l-2015, il-limitu massimu tas-CSPE ta' 0,5 % tal-valur miżjud kien jikkostitwixxi 69 fil-mija (EUR 4,7 biljun) tal-eżenzjonijiet totali. Skont l-informazzjoni mogħtija minn Franza, dan il-limitu massimu kien jirrigwarda total ta' 1 636 impriża matul il-perjodu 2003-2015.

2.2.2. *Il-limitu massimu tal-kontribuzzjoni għal kull sit (l-Artikolu L.121-12 tal-Kodiċi dwar l-Enerġija u l-Artikolu 5 tal-Liġi Nru 2000-108)*

(28) Dan il-limitu massimu ġie introdott meta nħolqot is-CSPE, permezz tal-Artikolu 37 tal-Liġi Nru 2003-8 tat-3 ta' Jannar 2003 kkwotata preċedentement (li emenda l-Artikolu 5 tal-Liġi Nru 2000-108). Huwa daħal fis-seħħ fl-2003. Il-limitu massimu tas-CSPE għal kull sit inizjalment kien stabbilit għal EUR 500 000. Dan il-limitu massimu mbagħad ittella' għal EUR 550 000 skont l-Artikolu 37 tal-Liġi Nru 2010-1657 tad-29 ta' Diċembru 2010 dwar il-finanzi għall-2011. Dan l-Artikolu kien jipprovdi l-aġġornament ta' dan il-limitu massimu fi proporzjon ugwali għar-rata provviżorja tat-tkabbir tal-indiċi tal-prezzijiet għall-konsumatur minbarra t-tabakk, assoċjat mal-abbozz tal-liġi dwar il-finanzi tas-sena. Fl-2013, il-Parlament iffissa dan il-limitu massimu għal EUR 569 418 u adotta regola ġdida ta' aġġornament ta' dan il-limitu massimu, skont l-Artikolu 59 tal-Liġi Finanzjarja ta' rettifika għall-2013: imbagħad ġie aġġornat kull sena fi proporzjon ugwali għall-bidla fl-ammont tal-kontribuzzjoni tal-unità tas-CSPE, sa żieda ta' 5 fil-mija fis-sena. Fl-1 ta' Jannar 2015, kien jammonta għal EUR 627 783.

(29) Il-limitu massimu tas-CSPE għal kull sit huwa, skont Franza, il-varjazzjoni tal-limitu massimu ta' 0,5 fil-mija tal-valur miżjud iżda fil-livell ta' sit ta' konsum aktar milli fil-livell tal-kumpanija. Franza ċċarat ukoll li dan il-limitu massimu fil-livell ta' sit jippermetti li jiġu inklużi kumpaniji li jikkunsmaw ħafna elettriku fuq il-livell ta' sit, iżda madankollu ma jagħmlux użu intensiv mill-elettriku.

(30) Franza indikat li, minn total ta' EUR 6,8 biljun fi tnaqqis mogħti bejn l-2003 u l-2015, l-iffissar tal-limitu massimu tas-CSPE għal kull sit ammonta għal 29 fil-mija (EUR 2,0 biljun) ta' dan l-ammont. Skont Franza, 522 kumpanija bbenefikaw minn dan il-limitu massimu.

2.2.3. *Il-limitu ta' eżenzjoni għal 240 GWh (l-Artikolu L.121-11 tal-Kodiċi dwar l-Enerġija u l-Artikolu 5 tal-Liġi Nru 2000-108)*

(31) L-eżenzjoni għall-elettriku awtoġenerat tintiret mill-Fond tas-Servizz Pubbliku għall-Produzzjoni tal-Elettriku (FSPPE, skema ta' qabel is-CSPE). Dan il-Fond inħoloq permezz tal-Artikolu 5 tal-Liġi tal-10 ta' Frar 2000 dwar l-immodernizzar u l-iżvilupp tas-servizz pubbliku tal-elettriku. Kien iffinanzjat mill-produtturi, mill-fornituri tal-elettriku u mill-importaturi tal-elettriku u mill-produtturi tal-elettriku li jipproduċu l-elettriku għall-użu personali, lil hinn minn kwantità ta' elettriku prodotta fis-sena u stabbilita b'digriet. Fid-Digriet Nru 2001-1157 tas-6 ta' Diċembru 2001 dwar il-Fond tas-Servizz Pubbliku għall-Produzzjoni tal-Elettriku, meħud għall-applikazzjoni tal-Artikolu 5 tal-Liġi Nru 2000-108, din il-kwantità kienet iffissata għal 240 GWh.

(32) Produttur tal-elettriku jista' għalhekk jibbenefika minn eżenzjoni mill-kontribuzzjoni skont l-ammont ta' kWh prodotti u kkunsmati minnu stess, sa massimu ta' 240 GWh għal kull sit ta' produzzjoni. Ma' dan l-istess produttur jista' jibbenefika minn din l-eżenzjoni konsumatur wieħed tal-istess sit, diment li n-numru ta' kWh eżentati minħabba konsum proprju u mibjugħa lil dan il-konsumatur ma jaqbiżx il-limitu tal-240 GWh għal kull sit ta' produzzjoni.

(33) Franza indikat li l-għan tal-eżenzjoni mogħtija għall-elettriku prodott għall-użu personali huwa li titbaxxa t-tassazzjoni tal-awtokonsumaturi li, meta jiffinanzjaw l-impjanti tagħhom stess, ikunu għażlu li ma jikkontribwixxux għall-politika nazzjonali dwar l-enerġija iżda lanqas li jibbenefikaw minnha.

(34) Din l-eżenzjoni daħlet fis-seħħ fl-2002. Hija nżammet meta nħolqot is-CSPE (minflok il-FSPPE) fl-2003, permezz tal-Artikolu 37 tal-Liġi Nru 2003-8: *"L-elettriku prodott minn produttur għall-użu personali tiegħu jew mixtri għall-użu personali tiegħu minn konsumatur finali mingħand terz li jopera impjant ta' produzzjoni fuq is-sit ta' konsum jittieħed inkunsiderazzjoni għall-kalkolu tal-kontribuzzjoni biss minn 240 miljun kilowatt fis-siegħa fis-sena u għal kull sit ta' produzzjoni."*

(35) Franza ċċarat li fil-prattika din l-eżenzjoni kienet tirrigwarda essenzjalment siti industrijali li l-maġġoranza tagħhom għandhom impjanti ta' koġenerazzjoni (minbarra l-produzzjoni tal-elettriku), u li, barra minn hekk, l-individwi ma bbenefikawx minn din l-eżenzjoni.

(36) Fl-2011, 88 sit kienu bbenefikaw minn din l-eżenzjoni għall-konsum personali, għal volum eżentat ta' 11-il TWh. Barra minn hekk, fl-2012, fl-2013 u fl-2014 ġew eżentati rispettivament 94,8 TWh, 84,6 TWh u 87,4 TWh ([5]).

(37) Skont Franza, 88 sit ibbenefikaw minn din l-eżenzjoni fil-perjodu ta' bejn l-2003 u l-2015. Din kienet tirrappreżenta madwar 2 fil-mija tat-tnaqqis totali mogħti, minn total ta' EUR 6,8 biljun.

### 2.3. **L-ammont ta' tnaqqis tas-CSPE mogħti**

(38) Matul il-perjodu kollu eżaminat, jiġifieri l-2003 sal-2015, it-tnaqqis tas-CSPE tela' għal EUR 6,8 biljun. It-tqassim ta' dan it-tnaqqis skont it-tip ġie ppreżentat fit-Taqsimiet 2.2.1 sa 2.2.3.

### 2.4. **Il-benefiċjarji tal-miżuri**

(39) Il-kumpaniji li jibbenefikaw mit-tnaqqis tas-CSPE huma konsumaturi kbar tal-elettriku, li jaqgħu taħt madwar 227 settur, skont il-klassifikazzjoni NACE. L-oqsma ewlenin ta' attività li joperaw fihom huma l-metallurġija, l-industrija kimika u petrokimika, kumpaniji tal-gass, fabbriki tal-karti, l-industrija nukleari, l-ajrunawtika, il-produzzjoni elettronika, il-manifattura tal-karozzi, l-agroindustrija u t-trasport. Kumpanija tista' tibbenefika fl-istess ħin minn diversi kriterji ta' eżenzjoni.

(40) Dawn il-benefiċjarji tal-miżuri huma eliġibbli għall-applikazzjoni ta' wieħed jew aktar mil-limiti massimi tas-CSPE. Skont l-informazzjoni pprovduta minn Franza, fil-perjodu kollu kkonċernat, l-2003 sal-2015, 1 664 kumpanija bbenefikaw mit-tnaqqis tas-CSPE mifruxa kif ġej: 1 636 taħt il-limitu massimu ta' 0,5 % tal-valur miżjud tas-CSPE, 552 eliġibbli għal-limiti massimi tas-CSPE skont is-sit, 88 ([6]) taħt l-eżenzjoni għall-konsum personali. Ċerti kumpaniji setgħu jakkumulaw diversi tipi ta' tnaqqis.

### 2.5. **It-tul ta' żmien tal-miżuri u r-riforma tal-2016**

(41) Is-CSPE ġiet introdotta fl-2003 L-ammont u t-tqassim tagħha ġew ippreżentati fit-Taqsimiet 2.2.1 sa 2.2.3.

(42) Fl-2015, hija ġiet sostitwita minn skema ġdida. Il-Liġi Finanzjarja ta' rettifika għall-2015 Nru 2015-1786 tad-29 ta' Diċembru 2015 (LFR 2015) introduċiet riforma fit-tassazzjoni fuq l-enerġija, li tirrigwarda b'mod partikolari l-finanzjament tal-ispejjeż ta' servizz pubbliku tal-elettriku u tal-gass. Għalhekk is-CSPE tneħħiet għall-konsum ta' wara l-31 ta' Diċembru 2015.

(43) Mill-1 ta' Jannar 2016, il-finanzjament tal-politiki, li qabel kien isir permezz tas-CSPE, qed isir mill-baġit tal-Istat.

### 2.6. **L-esklużjoni tat-tnaqqis tas-CSPE mogħti lill-kumpaniji tat-trasport mill-kamp ta' applikazzjoni tad-deċiżjoni**

(44) Minħabba l-qafas regolatorju speċifiku applikabbli għall-kumpaniji tat-trasport ferrovjarju ([7]), it-tnaqqis tas-CSPE mogħti lill-kumpaniji tat-trasport ferrovjarju huwa eskluż minn din il-proċedura u se jkun is-suġġett ta' deċiżjoni speċifika tal-Kummissjoni. Għaldaqstant huwa eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-deċiżjoni.

---

([5]) It-tweġiba ta' Franza tal-5 ta' Mejju 2014

([6]) Nota tal-awtoritajiet Franċiżi tat-23 ta' Novembru 2017 u l-Anness għaliha.

([7]) Linji gwida Komunitarji dwar l-għajnuniet mill-Istat għall-impriżi ferrovjarji, ĠU C 184, 22.7.2008, p. 13

(45) Għaldaqstant, l-ammont ta' tnaqqis tas-CSPE, indikat fit-Taqsima 2.2, ma jinkludix it-tnaqqis mogħti lill-kumpaniji tat-trasport ferrovjarju.

## 2.7. **Deskrizzjoni tar-raġunijiet li għalihom ngħata bidu għall-proċedura**

(46) Fid-Deċiżjoni tal-ftuħ tagħha ([8]), il-Kummissjoni qieset li l-miżuri kienu jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat li l-kompatibbiltà tagħha mas-suq intern ma ntwerietx biżżejjed.

### 2.7.1. *L-eżistenza ta' għajnuna*

(47) Il-Kummissjoni kkunsidrat li t-tnaqqis tas-CSPE mogħti kien għajnuna mill-Istat.

(48) Inizjalment hija stmat li t-tnaqqis differenti tas-CSPE ipprovdut mil-liġi kien jikkostitwixxi vantaġġ selettiv għall-impriżi li jikkunsmaw l-enerġija tagħhom stess, għall-konsumaturi l-kbar tal-elettriku u għal dawk li jużaw l-elettriku b'mod intensiv: L-ewwel nett, l-eżenzjoni tas-CSPE mogħtija lill-impriżi li jipproduċu l-elettriku li jużaw huma stess, kif spjegat fil-premessa 144 tad-Deċiżjoni tal-ftuħ hija għajnuna selettiva. It-tieni nett, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-benefiċjarji ta' limitu tas-CSPE għal kull sit ingħataw vantaġġ, li fil-fatt ingħata biss lil ċerti setturi ekonomiċi. Fl-aħħar nett, il-limitu massimu ta' 0,5 % tal-valur miżjud tas-CSPE jirrigwarda biss lill-kumpaniji industrijali li jaqbżu ċertu limitu ta' konsum, u jagħti għalhekk vantaġġ lil dawn il-kumpaniji wkoll.

(49) Imbagħad il-Kummissjoni osservat li l-vantaġġi li jirriżultaw mit-tnaqqis tas-CSPE kienu ffinanzjati minn riżorsi tal-Istat u kienu attribwibbli lill-Istat, bħas-CSPE. Peress li s-CSPE hija riżorsa tal-Istat, it-tnaqqis tas-CSPE huwa *a fortiori* rinunzja ta' riżorsi tal-Istat.

(50) Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni qieset ukoll li t-tnaqqis differenti tas-CSPE seta' jkollu impatt fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri u joħloq distorsjonijiet fil-kompetizzjoni minħabba d-differenza fit-trattament bejn il-benefiċjarji tal-miżuri u l-kompetituri tagħhom, imċaħħda mill-possibbiltà li jibbenefikaw minnha.

### 2.7.2. *Kompatibbiltà tal-għajnuna*

(51) F'dak li jirrigwarda l-kompatibbiltà tal-miżuri mas-suq intern, il-Kummissjoni nnotat li fid-data tad-Deċiżjoni tal-ftuħ, is-CSPE la kienet taxxa ambjentali armonizzata skont il-punt 153 tal-LGPA, u lanqas ([9]) taxxa ambjentali mhux armonizzata skont il-punt 151, moqri flimkien mal-punt 70(14) ta' dawn il-Linji Gwida tal-2008.

(52) F'dan ir-rigward, hija nnotat li l-bażi taxxabbli speċifika mhux bilfors kellha effett negattiv fuq l-ambjent, ladarba s-CSPE hija parzjalment dovuta fuq l-elettriku minn sorsi rinnovabbli. Għal din ir-raġuni din lanqas ma tista' titqies li għandha l-għan li tinkludi l-ispejjeż ambjentali fl-ammont tas-CSPE. Barra minn hekk, mhijiex maħsuba biex tiggwida lill-manifatturi jew lill-konsumaturi finali lejn attivitajiet li jirrispettaw aktar l-ambjent. Għall-kuntrarju, tnaqqis tal-konsum iwassal għall-ħtieġa li tiżdied is-CSPE dovuta biex tkopri l-ispejjeż tal-produzzjoni ta' enerġija rinnovabbli. Għalhekk il-Kapitolu 4 ([10]) tal-Linji Gwida tal-2008 ma japplikax.

(53) Madankollu l-Kummissjoni kkunsidrat li l-miżuri għat-tnaqqis tas-CSPE setgħu jkunu analizzati fid-dawl tal-Artikolu 107(3)(c) TFUE, waqt li stiednet lill-Franza tispeċifika d-dettalji tagħhom.

(54) Il-Kummissjoni nnotat ukoll li kien għaddej il-proċess ta' reviżjoni tal-Linji Gwida tal-2008 u li l-abbozz tal-Linji Gwida tal-2014 kienu jinkludu l-punti li ġejjin:

"(180) Il-finanzjament ta' appoġġ għall-enerġija minn sorsi rinnovabbli għalkemm imposti mhux immirat lejn esternalità negattiva u għalhekk ma għandu l-ebda effett ambjentali dirett. Madankollu, dan jista' jirriżulta fi prezzijiet ogħla tal-elettriku. Iż-żieda fil-prezzijiet tal-elettriku tista' tkun espliċita permezz ta' tariffa speċifika li hija imposta fuq il-konsumaturi tal-elettriku b'żiedamal-prezz tal-elettriku jew indiretta permezz ta' kostijiet addizzjonali li jiffaċċjaw fornituri tal-elettriku minħabba l-obbligi biex jixtru enerġija rinnovabbli li huma sussegwentement jgħaddu lill-konsumaturi tagħhom, il-konsumaturi tal-elettriku. Eżempju tipiku hu x-xiri obbligatorju minn fornituri tal-elettriku ta' ċertu persentaġġ ta' enerġija rinnovabbli permezz ta' ċertifikati ħodor li għalihom il-fornitur mhuwiex ikkumpensat.

([8]) ĠU C 348, 3.10.2014, p. 78.
([9]) Il-punti (154) u (155) tad-Deċiżjoni tal-ftuħ.
([10]) Kapitolu 4: "Għajnuna f'forma ta' tnaqqis jew eżenzjonijiet mit-taxxi ambjentali"

(181) Fil-prinċipju, il-konsumaturi kollha tal-enerġija għandhom iġorru l-kostijiet tal-finanzjament għall-appoġġ għall-enerġija rinnovabbli. Madankollu, ċertu tnaqqis jista' jkun meħtieġ biex tiġi żgurata bażi suffiċjenti ta' finanzjament għall-appoġġ tal-enerġija rinnovabbli(84). Sabiex jiġi evitat li l-impriżi affettwati b'mod partikolari mill-finanzjament tal-appoġġ għall-enerġija rinnovabbli jitpoġġew f'sitwazzjoni kompetittiva diffiċli, l-Istati Membri jista' jkollhom ix-xewqa li jagħtu kumpens parzjali għal kostijiet addizzjonali sabiex jiffaċilitaw il-finanzjament ġenerali ta' appoġġ għall-enerġija minn sorsi rinnovabbli u jiġi evitat rilaxx tal-karbonju. Mingħajr ebda kumpens lill-impriżi partikolarment affettwati, l-aċċettazzjoni pubblika għat-twaqqif ta' miżuri ta' appoġġ ambizzjużi għall-enerġija rinnovabbli se tkun limitata. Min-naħa l-oħra, jekk tali kumpens ikun għoli wisq jew mogħti lil ħafna konsumaturi tal-elettriku, l-aċċettazzjoni pubblika għal appoġġ għall-enerġija rinnovabbli tista' tkun ugwalment imxekkla."

(55) Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni nnotat li l-abbozz tal-Linji Gwida tal-2014 (il-punt 229) kien jipprovdi li l-għajnuna mogħtija fil-forma ta' tnaqqis tal-kontribuzzjonijiet għall-finanzjament għall-enerġija minn sorsi rinnovabbli kienet se tiġi vvalutata skont il-linji gwida l-ġodda dwar l-għajnuna ambjentali u tal-enerġija, ladarba dawn jiġu adottati (anki jekk l-għajnuna tkun ingħatat qabel id-dħul fis-seħħ tal-Linji Gwida tal-2014).

(56) Peress li Franza pprovdiet ftit li xejn informazzjoni dwar l-għan tat-tnaqqis u l-ġustifikazzjoni tiegħu, il-Kummissjoni esprimiet ukoll dubji dwar il-kompatibbiltà tal-għajnuna mas-suq intern. Għaldaqstant hija stiednet lil Franza tispjega: (i) l-għan ta' interess komuni li għandha l-miżura, (ii) l-adegwatezza tagħha, (iii) l-effett ta' inċentiv tagħha, (iv) il-prevenzjoni suffiċjenti tal-effetti negattivi u mhux mixtieqa tagħha fuq il-kummerċ.

(57) Fid-Deċiżjoni tal-ftuħ tagħha l-Kummissjoni kkunsidrat għalhekk li Franza ma kinitx iġġustifikat biżżejjed il-kompatibbiltà tal-miżuri ta' tnaqqis tas-CSPE għal ċerti benefiċjarji mas-suq intern.

### 2.8. **L-adozzjoni tal-Linji Gwida tal-2014**

(58) Il-Linji Gwida tal-2014 daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2014. Huma jinkludu Taqsima 3.7.2 ġdida dwar l-"*Għajnuna fil-forma ta' tnaqqis fil-finanzjament ta' appoġġ għall-enerġija minn sorsi rinnovabbli*".

(59) Din it-taqsima tirrikonoxxi, l-ewwel nett, li l-ħlasijiet miġbura għall-finanzjament tal-politiki dwar l-enerġija m'għandhomx effett ambjentali dirett u m'humiex taxxi ambjentali fis-sens strett tal-kelma, li għandhom l-għan li jżidu l-kostijiet ta' mġiba li tagħmel ħsara lill-ambjent. Madankollu jistgħu jikkontribwixxu b'mod indirett għall-protezzjoni tal-ambjent billi jippermettu l-finanzjament tal-iskemi ta' appoġġ għall-protezzjoni tal-ambjent.

(60) It-tieni nett, dawn il-Linji Gwida jinnotaw li, f'ċerti każijiet, is-sistema ta' finanzjament ta' dawn il-miżuri ta' appoġġ permezz ta' taxxa fuq l-elettriku hija konċepibbli biss jekk il-kumpaniji kkonċernati b'mod partikolari mill-ispejjeż relatati mal-finanzjament tal-appoġġ għall-enerġija rinnovabbli, jistgħu jibbenefikaw mit-tnaqqis.

(61) It-tielet, dawn il-Linji Gwida jistabbilixxu l-livelli ta' tnaqqis meqjusa aċċettabbli biex il-miżuri ta' appoġġ jibqgħu finanzjarjament aċċettabbli u jevitaw riport ta' piż sinifikanti wisq fuq il-konsumaturi l-oħrajn.

(62) Fl-aħħar nett, it-Taqsima 3.7.3 tal-Linji Gwida tal-2014 tipprovdi l-possibbiltà li jiġi adottat pjan ta' aġġustament biex il-livelli ta' tnaqqis previsti minn miżura nazzjonali jikkonverġu gradwalment lejn livelli ta' tnaqqis kompatibbli mar-rekwiżiti tal-Linji Gwida u proporzjonati għar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat.

## 3. **KUMMENTI TAL-PARTIJIET INTERESSATI**

(63) Apparti l-kumpaniji tat-trasport, li ġew indirizzati b'mod separat, id-Deċiżjoni tal-ftuħ irċeviet il-kummenti li ġejjin.

### 3.1. **EDF**

(64) EDF bagħtet il-kummenti tagħha lill-Kummissjoni fis-17 ta' Novembru 2014. Skont dan il-Grupp, l-eżenzjonijiet li rċieva kienu jirrigwardaw kważi […] fil-mija tal-konsum tal-elettriku kkunsmat minnu stess bl-għan li jipproduċi elettriku injettat fin-netwerk pubbliku. Skont EDF, dan il-konsum proprju jirrigwarda, minn naħa, l-elettriku kkunsmat mit-tagħmir awżiljarju tal-impjanti, u min-naħa l-oħra dak tal-istazzjonijiet ta' trasferiment ta' enerġija permezz tal-pompi fl-impjanti idroelettriċi, fornit f'dan il-każ miċ-ċentrali nukleari.

(65) Il-Grupp iqis li dan il-konsum proprju għandu jibbenefika minn eżenzjoni totali tas-CSPE, minn naħa, skont id-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE ([11]), imsemmija fil-paragrafu 51, li l-Artikolu 14(1)(a) tagħha jipprovdi li l-Istati Membri jeżentaw mit-taxxa tas-sisa l-prodotti tal-enerġija kif ukoll l-elettriku użat għall-produzzjoni tal-elettriku jew biex tinżamm il-kapaċità ta' produzzjoni tal-elettriku, u min-naħa l-oħra, skont id-deċiżjoni li tivvalida, taħt l-għajnuna mill-Istat, l-iskema Ġermaniża ta' "ħlas addizzjonali tal-EEG" stabbilita fil-Liġi "EEG 2014" ([12]).

(66) Barra minn hekk, EDF tenfasizza l-ħtieġa li tiġi żgurata l-koerenza bejn is-sistemi ta' eżenzjoni mill-ispejjeż relatati mal-enerġija, bejn id-diversi Stati Membri, u li jiffavorixxu b'mod partikolari lill-industriji li jużaw l-elettriku b'mod intensiv. Differenza fit-trattament ta' dawn l-eżenzjonijiet bejn l-Istati Membri tista' għalhekk iżżid id-diskrepanzi fil-kompetittività attwalment osservata fid-diversi swieq.

### 3.2. **ALFI**

(67) ALFI (Air Liquide France Industrie) bagħtet il-kummenti tagħha lill-Kummissjoni fit-3 ta' Novembru 2014. Il-Grupp jenfasizza l-ewwel nett li l-ispejjeż imġarrba mill-Grupp għall-enerġija jirrappreżentaw […] sa […] fil-mija tal-ispejjeż ta' produzzjoni. It-tieni, ALFI issostni li żieda kbira ħafna fl-ispiża tal-elettriku tinkoraġġixxi l-internalizzazzjoni tal-produzzjoni tal-gass industrijali, mid-diversi industriji li jużawh (kimika, azzar, petrokimiċi, ħġieġ), iżda fuq skala iżgħar, li twassal għal żieda globali tal-konsum tal-enerġija.

(68) ALFI imbagħad targumenta li t-tnaqqis tas-CSPE iwassal għall-għoti ta' vantaġġ lill-benefiċjarji tiegħu. Skont dan il-Grupp, dan it-tnaqqis tas-CSPE sempliċiment jissodisfa "missjoni ta' servizz pubbliku" ta' provvista, u għalhekk ma jikkostitwixxix għajnuna, mingħajr ma jispeċifika eżattament il-bażi legali.

(69) Fl-aħħar nett, ALFI tqis li, mingħajr preġudizzju għan-nuqqas ta' għajnuna, kif spjegat fil-premessa preċedenti, dan it-tnaqqis ta' CSPE, f'każ li jikkwalifika bħala għajnuna mill-Istat, ikun kompatibbli mat-Taqsima 3.7.2 tal-Linji Gwida tal-2014 li tirrikonoxxi, taħt ċerti kundizzjonijiet, il-kompatibbiltà ta' differenzjazzjoni u ta' tnaqqis immirat għall-benefiċċju tal-kumpaniji industrijali li jużaw l-elettriku b'mod intensiv. Għaldaqstant, xorta waħda jkun eskluż l-irkupru tal-għajnuna, jekk ikun ippruvat li teżisti.

### 3.3. **UNIDEN**

(70) UNIDEN, assoċjazzjoni li tirrappreżenta l-interessi tal-industriji l-kbar li jikkunsmaw l-enerġija fi Franza, bagħtet il-kummenti tagħha lill-Kummissjoni fit-3 ta' Novembru 2014. Skont din l-assoċjazzjoni, it-tnaqqis tas-CSPE għandu diversi għanijiet ta' interess komuni, li jagħmlu l-miżuri kompatibbli skont l-Artikolu 107(3) TFUE u mal-Linji Gwida tal-2014.

(71) L-ewwel nett, il-miżuri għandhom l-għan li jżommu l-kompetittività tas-setturi industrijali esposti għall-kompetizzjoni globali. It-tieni nett, il-miżuri għandhom għan soċjali. It-tielet, il-miżuri għandhom għan ta' koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, li jikkonsisti b'mod partikolari fil-protezzjoni tal-konsumaturi l-aktar żvantaġġati. Fl-aħħar nett, il-miżuri għandhom għan ta' effiċjenza fl-enerġija, f'koerenza sħiħa mad-dritt tal-Unjoni Ewropea.

## 4. **IL-KUMMENTI TA' FRANZA**

(72) Franza bagħtet kummenti kemm dwar il-kwalifika tal-miżuri kif ukoll dwar il-kompatibbiltà tagħhom mas-suq intern.

### 4.1. **Il-limiti massimi tas-CSPE għal kull sit u ta' 0,5 % tal-valur miżjud mhumiex għajnuna mill-Istat**

(73) L-argumenti prinċipali ta' Franza biex tiġġustifika n-nuqqas ta' għajnuna jirrigwardaw kemm in-nuqqas ta' selettività kif ukoll in-nuqqas ta' distorsjoni fil-kompetizzjoni.

#### 4.1.1. *Ebda selettività*

(74) Skont Franza, il-miżuri mhumiex selettivi, għal tliet raġunijiet ewlenin:

([11]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE tas-27 ta' Ottubru 2003 li tirriforma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku (ĠU L 283, 31.10.2003, p. 51).

([12]) SA.38632 – Riforma tal-Liġi dwar l-Enerġija Rinnovabbli fil-Ġermanja.

(75) L-ewwel nett, il-ġurisprudenza kkunsidrat li l-introduzzjoni mill-Istati Membri ta' tnaqqis ta' ħlasijiet żejda ma kinitx biżżejjed biex tistabbilixxi s-selettività, sa fejn, teoretikament, il-kumpaniji li jaqbżu l-limiti stabbiliti mhumiex fl-istess sitwazzjoni fattwali tal-kumpaniji l-oħrajn. Il-ġurisprudenza tal-Qorti kkunsidrat għalhekk li l-limitu massimu għal kull sit ma kienx biżżejjed biex jagħmluh miżura selettiva u li l-limiti massimi tat-taxxi setgħu fil-fatt ma jikkostitwixxux għajnuna selettiva ([13]). Rigward l-istabbiliment tal-limitu massimu tas-CSPE għal 0,5 % tal-valur miżjud, Franza tibbaża fuq il-ġurisprudenza tal-Kunsill Kostituzzjonali ([14]) biex tfakkar li meta wieħed iqis is-CSPE konformi mal-prinċipju tal-ugwaljanza tat-taxxa, l-imħallef kien irrikonoxxa li l-benefiċjarji ta' dan il-limitu massimu kienu f'sitwazzjoni differenti minn dik tal-kumpaniji l-oħrajn, u minn dan joħroġ in-nuqqas ta' għajnuna selettiva.

(76) It-tieni nett, fir-rigward speċifikament tal-konsum proprju, Franza tqis li l-eżenzjoni tas-CSPE mogħtija lill-konsumaturi tal-enerġija personali tirrigwarda lill-benefiċjarji li huma f'sitwazzjoni fattwali differenti mill-kontributuri l-oħrajn għas-CSPE u għalhekk teskludi li l-għajnuna hija selettiva.

(77) It-tielet, in-nuqqas ta' selettività huwa ġġustifikat min-natura tas-sistema fiskali Franċiża, li minnha jirriżultaw il-miżuri, u li ma għandha ebda karattru selettiv. Skont Franza, il-limiti massimi ta' CSPE jirriżultaw mill-istess natura tas-sistema fiskali li tipprovdi li l-piż tat-taxxa irid iqis il-kapaċitajiet ta' kontribuzzjoni ta' kull wieħed.

(78) Fl-aħħar nett, fil-każ tal-konsumaturi li jipproduċu enerġija għall-użu personali minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli ("ENR") jew ta' koġenerazzjoni, attivi prinċipalment fis-setturi tal-kimika, tal-azzar u tal-petrokimiċi, Franza tenfasizza li huwa loġiku li l-elettriku prodott u kkunsmat minnhom stess ikun eżentat mis-sehem tas-CSPE li tiffinanzja l-ENR jew l-appoġġ għall-koġenerazzjoni, peress li dan l-elettriku ma rċieva ebda appoġġ pubbliku ffinanzjat mis-CSPE, iżda jikkontribwixxi għall-għan ta' protezzjoni tal-ambjent tal-appoġġ għall-ENR u għall-koġenerazzjoni ffinanzjat bl-istess mod tal-elettriku injettat fin-netwerk (li jibbenefika mill-appoġġ iffinanzjat mis-CSPE). Franza tenfasizza li għal din ir-raġuni, l-eżenzjoni tal-awtokonsumaturi li jużaw ENR jew il-koġenerazzjoni ma tikkostitwixxix vantaġġ selettiv.

4.1.2. *Nuqqas ta' tgħawwiġ tal-kompetizzjoni*

(79) Franza targumenta li miżura simili kienet diġà teżisti qabel ma daħlet fis-seħħ is-CSPE fl-2003. Għaldaqstant, Franza tqis li l-għajnuna kellha biss ftit impatt fuq is-sitwazzjoni ekonomika u kompetittiva tal-kumpaniji fi Franza.

### 4.2. F'każ li l-kwalifika ta' għajnuna tiġi kkonfermata, il-limiti massimi ta' CSPE għal kull sit u ta' 0,5 % tal-valur miżjud huma għajnuna kompatibbli

(80) F'każ li l-kwalifika ta' għajnuna tiġi kkonfermata xorta waħda, Franza tipproponi analiżi tal-kompatibbiltà tas-CSPE fuq tliet assi differenti:

(81) L-ewwel nett, il-miżuri huma kompatibbli minħabba l-fatt li jirrispettaw id-dispożizzjonijiet ipprovduti mid-Direttiva 2003/96/KE (ara t-Taqsima 4.2.1).

(82) It-tieni, peress li s-CSPE tista' titqies bħala taxxa ambjentali, it-tnaqqis tagħha huwa fil-fatt kompletament kompatibbli mal-qafas Komunitarju dwar l-għajnuna mill-Istat għall-protezzjoni tal-ambjent ([15]) (minn hawn 'il quddiem "il-Linji Gwida tal-2001"), il-Linji Gwida tal-2008 u dawk tal-2014 (ara t-Taqsima 4.2.2).

(83) It-tielet, jekk is-CSPE ma tkunx tista' titqies bħala taxxa ambjentali, allura l-limiti massimi tagħha jkunu kompatibbli mal-Linji Gwida tal-2014 għall-parti tas-CSPE li tiffinanzja l-enerġiji rinnovabbli, u mal-Artikolu 107(3)(c) TFUE għall-komponenti l-oħrajn tas-CSPE (ara t-Taqsima 4.2.3).

4.2.1. *Il-miżuri huma kompatibbli peress li jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2003/96/KE*

(84) Franza tenfasizza li d-Direttiva 2003/96/KE tippermetti ċerti eżenzjonijiet:

([13]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-15 ta' Novembru 2011, Il-Kummissjoni *vs* Il-Gvern ta' Ġibilterra u r-Renju Unit, C-106/09, ECLI:EU:C:2011:732.
([14]) Deċiżjoni Nru 2005-516 DC, tas-7 ta' Lulju 2005
([15]) Komunikazzjoni tal-Kummissjoni — Linji gwidi tal-Komunità dwar l-għajnuna tal-istat għall-ħarsien tal-ambjent, (ĠU C 37, 3.2.2001, p. 3).

(85) L-ewwel nett, fl-Artikolu 14(1)(a) tagħha, id-Direttiva tawtorizza l-eżenzjoni mit-taxxa għall-elettriku użat għall-produzzjoni tal-elettriku, jew għaż-żamma tal-kapaċità ta' produzzjoni. Din l-eżenzjoni tkopri fil-biċċa l-kbira l-eżenzjoni tal-konsum proprju previst taħt il-miżuri inkwistjoni.

(86) It-tieni, fl-Artikolu 15(1)(e) tagħha, id-Direttiva tawtorizza l-eżenzjoni mit-taxxa għall-elettriku għall-konsum proprju u prodott mill-koġenerazzjoni.

(87) Fl-aħħar nett, fl-Artikolu 17(1)(a) tagħha, id-Direttiva tawtorizza eżenzjonijiet parzjali għall-kumpaniji "konċentrati fl-enerġija", definiti bħala kumpaniji fejn jew ix-xiri ta' prodotti ta' enerġija u elettriku jammontaw għal tal-inqas 3 % tal-valur tal-produzzjoni jew it-taxxa nazzjonali pagabbli fuq l-enerġija tammonta għal tal-inqas 0,5 % tal-valur miżjud.

#### 4.2.2. *F'każ li s-CSPE hija taxxa ambjentali, il-limiti massimi tas-CSPE huma kompatibbli mar-regoli applikabbli għall-għajnuna mill-Istat*

(88) Fil-korrispondenza tagħha mal-Kummissjoni, Franza tqis li s-CSPE tista' titqies bħala taxxa ambjentali, kif definita mill-punt 70(14) tal-Linji Gwida tal-2008. Franza fil-fatt stmat li l-bażi taxxabbli kellha effetti negattivi fuq l-ambjent, għalkemm kellha l-għan li tiffinanzja l-enerġiji rinnovabbli, u li għalhekk din l-iskema ta' għajnuna hija favorevoli għall-ambjent. Din il-kwalifika tirriżulta fl-evalwazzjoni tal-kompatibbiltà tal-miżuri mas-suq intern fid-dawl ta' tliet bażijiet suċċessivi ta' kompatibbiltà.

(89) L-ewwel nett, għall-perjodu ta' bejn l-2003 u l-2008, il-kompatibbiltà tat-tnaqqis tas-CSPE jenħtieġ li tkun evalwata fid-dawl tal-Linji Gwida tal-2001. Skont Franza, din il-kompatibbiltà hija żgurata mill-fatt li l-benefiċjarji jħallsu sehem konsiderevoli mis-CSPE, jiġifieri tal-inqas 20 fil-mija, skont il-punti 51(1)(a) u 51(1)(b) tal-Linji Gwida tal-2001.

(90) It-tieni, Franza tqis li l-miżuri huma konformi mal-Linji Gwida tal-2008, għall-perjodu ta' bejn l-2008 u l-2014. Minn naħa, Franza tqis is-CSPE bħala taxxa ambjentali. Min-naħa l-oħra, il-Linji Gwida tal-2008 jipprovdu fil-punt 4 tagħhom li t-taxxi ambjentali huma kompatibbli mas-suq intern. Għaldaqstant, il-kompatibbiltà tal-miżuri mas-suq intern hija b'hekk ippruvata biżżejjed.

(91) Fl-aħħar nett, Franza tqis li ż-żewġ limiti tas-CSPE huma kompatibbli mal-Linji Gwida tal-2014, applikabbli bejn l-1 ta' Lulju u t-tmiem tal-miżuri fl-2015, u li b'mod partikolari jirrispettaw il-punt 170 ta' dawn il-Linji Gwida.

#### 4.2.3. *Din il-kompatibbiltà hija ġġustifikata fid-dawl kemm tat-Taqsima 3.7.2 tal-Linji Gwida tal-2014 kif ukoll tal-Artikolu 107(3)(c) TFUE*

(92) Fin-notifika tagħha tat-22 ta' Ottubru 2015, Franza madankollu aċċettat li tikkunsidra l-possibbiltà li ma tqisx is-CSPE bħala taxxa ambjentali, u li minn dan tqis il-konsegwenzi tal-analiżi tal-kompatibbiltà tagħha mas-suq intern fid-dawl kemm tat-Taqsima 3.7.2 tal-Linji Gwida tal-2014 kif ukoll tal-Artikolu 107(3)(c) TFUE.

##### 4.2.3.1. Tnaqqis tas-CSPE sa fejn tippermetti l-finanzjament tal-enerġiji rinnovabbli

(93) Skont Franza, il-konformità tal-miżuri mal-Linji Gwida tal-2014 hija ppruvata. Franza tirreferi speċifikament għat-Taqsima 3.7.2 bħala bażi legali biex tevalwa l-kompatibbiltà tal-miżuri inkwistjoni ([16]) mas-suq intern.

(94) L-ewwel nett, Franza tinnota li l-għajnuna kollha mogħtija qabel l-1 ta' Jannar 2011, fil-forma ta' tnaqqis tal-kontribuzzjonijiet li jiffinanzjaw l-appoġġ għall-elettriku prodott minn sorsi rinnovabbli, tista' tiġi ddikjarata kompatibbli mas-suq intern, kif previst fil-punt 248 tal-Linji Gwida tal-2014.

(95) It-tieni nett, għall-perjodu ta' wara l-2011, Franza tqis li l-għajnuna tista' tingħata diment li tkun soġġetta għal pjan ta' aġġustament li jiżgura, permezz ta' kriterji oġġettivi, il-konverġenza tal-livelli ta' tnaqqis mogħtija taħt il-miżuri inkwistjoni, mal-livelli permessi mit-Taqsima 3.7.2 tal-Linji Gwida tal-2014.

([16]) Nota tat-22 ta' Ottubru 2015

(96) Franza tisħaq li 50 fil-mija tal-appoġġ għall-inċinerazzjoni għandu jkun ikkwalifikat bħala appoġġ għall-produzzjoni ta' enerġija rinnovabbli minħabba li 50 fil-mija tal-iskart maħruq huwa skart bijodegradabbli, kif jirriżulta mill-istatistika tal-AIE u mill-Eurostat.

4.2.3.2. Tnaqqis tas-CSPE sa fejn tippermetti l-finanzjament tal-koġenerazzjoni, l-ugwalizzazzjoni tat-tariffi u t-tariffi soċjali

(97) Għas-sehem tas-CSPE li ma jirrigwardax il-finanzjament tal-elettriku minn enerġiji rinnovabbli, Franza pprovdiet analiżi tal-kompatibbiltà dettaljata tal-miżuri li l-Kummissjoni qed tiddeskrivi hawn taħt.

4.2.4. *Għan ta' interess komuni tal-limiti massimi*

(98) Franza tqis li t-Trattat jipprovdi bażi legali sodisfaċenti sabiex jiġġustifika l-kompatibbiltà tal-miżura mas-suq intern, għas-sehem tal-limiti massimi tas-CSPE li jirrigwarda l-"politiki l-oħrajn barra l-iżvilupp tal-enerġiji rinnovabbli, peress li l-limiti massimi li jirrigwardaw is-sehem tas-CSPE li jiffinanzja l-iżvilupp tal-enerġiji rinnovabbli huma (…) irregolati [] mil-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-protezzjoni ambjentali u l-enerġija 2014."

(99) Franza tinnota l-ewwel nett li l-leġiżlazzjoni Ewropea tippermetti li jitqies leġittimu li l-kumpaniji li jużaw l-elettriku b'mod intensiv ma jġorrux piżijiet eċċessivi ta' provvista tal-elettriku, minħabba għanijiet ta' interess komuni li huma (i) il-koġenerazzjoni, (ii) l-għan ta' koeżjoni territorjali u ta' protezzjoni tar-reġjuni ultraperiferiċi, (iii) l-għan ta' koeżjoni soċjali u l-ġlieda kontra l-esklużjoni.

(1) L-ewwel nett, l-appoġġ għall-koġenerazzjoni huwa ġġustifikat kemm mid-Direttiva 2004/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([17]) fuq il-promozzjoni ta' kogenerazzjoni, kif ukoll mid-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew tas-7 u t-8 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi l-għan ta' tnaqqis tal-konsum tal-enerġija, li għalih il-koġenerazzjoni għandha rwol importanti x'taqdi. Franza tinnota li s-sehem tas-CSPE li jirrigwarda l-appoġġ għall-koġenerazzjoni jista' jinkludi l-appoġġ allokat għall-inċinerazzjoni tal-iskart mhux bijodegradabbli, diment li dan jintuża għall-koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja.

(2) It-tieni, l-ugwalizzazzjoni tat-tariffi tikkontribwixxi għall-għan Komunitarju ta' koeżjoni territorjali, rikonoxxuta fl-Artikolu 3 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea (TUE). Franza ssostni ukoll li l-għan ta' interess komuni ta' din il-politika huwa bbażat fuq l-Artikoli 174 TFUE, 349 TUE, kif ukoll 107(3)(a) TFUE.

(3) It-tielet, it-tariffi soċjali għandhom l-għan ta' interess komuni appoġġjat mill-Artikoli 3 TUE u 174 TFUE skont Franza. Franza tfakkar li l-għan ta' din il-politika jista' wkoll ikun iġġustifikat mill-Artikolu 1 tal-Karta tad-Drittijiet fundamentali. Franza ssemmi mbagħad il-premessa 45 tad-Direttiva 2009/72/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([18]) li tgħid *"l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jipproteġu klijenti vulnerabbli fil-kuntest tas-suq intern tal-elettriku"*. Franza tindika li l-ipprezzar soċjali tal-elettriku, billi jiżgura l-aċċess għal oġġett fundamentali, jipparteċipa fil-protezzjoni tad-dinjità tal-bniedem.

(100) Skont Franza, iż-żewġ limiti massimi tas-CSPE, għal kull sit u ta' 0,5 % tal-valur miżjud, għandhom, ukoll, l-għan li jippreservaw il-kompetittività tal-kumpaniji, appoġġat mill-Artikolu 173(1) TFUE. Franza tinnota wkoll li d-Direttiva 2003/96/KE tippermetti wkoll lill-Istati Membri japplikaw eżenzjonijiet favur il-kumpaniji konsumaturi kbar sabiex tinżamm il-kompetittività tagħhom, possibbiltà rikonoxxuta wkoll mil-Linji Gwida tal-2014 (Taqsima 3.7.2) għall-finanzjament tal-enerġiji rinnovabbli. Għalkemm dan l-għan ta' preservazzjoni tal-kompetittività mhuwiex suffiċjenti biex jiġġustifika l-eżistenza ta' interess komuni, huwa jikkontribwixxi skont Franza biex jiġġustifika dan l-għan ta' interess komuni.

4.2.4.1. In-neċessità

(101) In-neċessità tal-miżuri hija, skont Franza, debitament iġġustifikata, peress li jikkontribwixxu biex isaħħu l-kompetittività tal-kumpaniji benefiċjarji u għalhekk biex jipprevjenu r-riskji ta' delokalizzazzjoni. Barra minn hekk, peress li l-miżuri huma mmirati kif xieraq u l-limiti massimi kkalkulati kif suppost, mhumiex diskriminatorji. F'dan ir-rigward Franza tosserva l-konsistenza tal-limiti magħżula bejn iż-żewġ gruppi ta' eżenzjonijiet, għal kull sit u tal-valur miżjud, peress li l-limitu għal kull sit huwa biss varjazzjoni tal-limitu massimu ta' 0,5 % tal-valur miżjud. Fl-aħħar nett, il-benefiċjarji jintgħażlu skont kriterji trasparenti u oġġettivi, immirati lejn il-kumpaniji li huma l-aktar f'riskju li jitilfu l-kompetittività.

([17]) Id-Direttiva 2004/8/KE tal-Palament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 fuq il-promozzjoni ta' koġenerazzjoni bbażata fuq id-domanda għal sħana utli fis-suq intern tal-enerġija, li temenda d-Direttiva 92/42/KEE (ĠU L 52, 21.2.2004, p. 50).

([18]) Id-Direttiva 2009/72/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku u li temenda d-Direttiva 2003/54/KE (ĠU L 211, 14.8.2009, p. 55).

(102) Franza tiġġustifika wkoll il-ħtieġa tal-miżuri minħabba li jekk jitqajjem dubju dwar dan it-tnaqqis dan ikun ifisser spejjeż addizzjonali ta' bejn madwar 12 u 24 fil-mija tal-valur miżjud. Franza targumenta wkoll li żieda ta' EUR 2/MWh fil-kont tal-enerġija tirrappreżenta żieda ta' 2 fil-mija tal-ispejjeż ta' produzzjoni, li hija aktar mill-"*marġni pożittiv*" ta' dawn il-kumpaniji. F'dan il-kuntest, sforz finanzjarju addizzjonali maħluq mit-tneħħija ta' dan it-tnaqqis tas-CSPE, kulma jagħmel iżid ir-riskju ta' delokalizzazzjoni tal-kumpaniji li jużaw l-elettriku b'mod intensiv, u joħloq riskju fuq il-finanzjament tal-politiki mmirati billi jirriporta l-piż tiegħu fuq il-konsumaturi l-oħrajn.

4.2.4.2. L-adegwatezza tal-għajnuna

(103) Bl-istess mod, Franza tqis li l-adegwatezza tal-miżuri hija ġġustifikata mid-Direttiva 2003/96/KE, li tirrikonoxxi li l-kumpaniji li jħallsu ammont ta' taxxa fuq l-enerġija ugwali għal 0,5 fil-mija tal-valur miżjud tagħhom jistgħu jibbenefikaw minn eżenzjonijiet lil hinn minn dan il-limitu, kemm minħabba n-nuqqas ta' armonizzazzjoni fiskali kif ukoll minħabba r-riskju ta' telf ta' kompetittività fuq livell internazzjonali.

(104) Għaldaqstant, skont Franza, it-tnaqqis tas-CSPE huwa xieraq f'kuntest ta' nuqqas ta' armonizzazzjoni sħiħa tat-tassazzjoni u minħabba d-degradazzjoni sinifikanti tal-kompetittività Ewropea.

4.2.4.3. Proporzjonalità

(105) Franza tenfasizza mbagħad li t-tnaqqis tas-CSPE huwa proporzjonat. Huwa jikkorrispondi għal kontribuzzjoni medja ta' bejn 31 fil-mija u 34 fil-mija tal-kontribuzzjoni totali, jiġifieri bejn EUR 5,1 u 5,6/MWh (stima tal-2014), meta mqabbla ma' CSPE ta' EUR 16,5/MWh fl-istess data. Franza tindika li din ir-rata ta' 31 fil-mija sa 34 fil-mija hija ogħla mir-rata minima permessa mil-Linji Gwida tal-2008, iżda wkoll mit-Taqsima 3.7.1 u t-Taqsima 3.7.2 tal-Linji Gwida tal-2014 u li għalhekk hija proporzjonata.

(106) Skont Franza, it-tnaqqis jista' għalhekk jitqies bħala proporzjonat safejn iħalli lill-benefiċjarji tiegħu sehem kbir biżżejjed tas-CSPE xi jħallsu.

(107) Franza bagħtet l-ammonti tas-CSPE għal kull benefiċjarju għas-sena 2014. Il-Kummissjoni tinnota għalhekk li, fuq is-sena 2014 biss, tal-inqas 124 benefiċjarju ħallsu livell ta' CSPE taħt il-15 fil-mija previsti fil-punt 188 tal-Linji Gwida tal-2014.

4.2.4.4. In-natura ta' inċentiv tal-miżuri

(108) Franza tqis li din il-kundizzjoni mhijiex applikabbli f'dan il-każ. Hija tindika li l-miżuri mhumiex maħsuba biex jinkoraġġixxu lill-benefiċjarji jibdlu l-imġiba tagħhom, iżda pjuttost ifittxu li jevitaw, bħala miżura preventiva, d-deterjorament tal-kompetittività tagħhom.

4.2.4.5. Il-limitazzjoni tal-effetti ta' distorsjoni fuq il-kompetizzjoni u l-bilanċ tal-ispiża tal-benefiċċju pożittiv

(109) Franza ssostni f'dan ir-rigward li l-eżenzjonijiet stabbiliti tas-CSPE jippermettu li jiġu limitati d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni. Fil-kummenti tagħha hija tinnota fil-fatt li minkejja dawn il-limiti massimi tas-CSPE, id-diskrepanzi fil-prezz bejn Franza u l-Amerka ta' Fuq baqgħu konsiderevoli, madwar EUR 10/MWh, għall-kumpaniji li jużaw l-elettriku b'mod intensiv. Franza tikkwota wkoll studju tal-ICF sabiex tindika li Franza tagħti inqas eżenzjonijiet mill-Ġermanja, mill-Italja u mid-Danimarka ([19]).

4.2.4.6. Il-kompatibbiltà tal-limiti massimi tas-CSPE meta din tiġi allokata għal għanijiet oħrajn minbarra l-finanzjament tal-ġenerazzjoni tal-elettriku minn enerġiji rinnovabbli, minbarra l-appoġġ għall-ugwalizzazzjoni tat-tariffi u għat-tariffi soċjali

(110) Finalment, fir-rigward tal-komponenti l-oħra tas-CSPE, deskritti fil-premessa 11(1) sa 11(3), Franza pprovdiet it-tagħrif li ġej:

(1) Fir-rigward tal-appoġġ għall-inċinerazzjoni tal-iskart bijodegradabbli, Franza tenfasizza l-ewwel nett l-eżistenza ta' interess komuni għall-porzjon tal-inċinerazzjoni li jkopri l-enerġiji rinnovabbli. Għall-inċinerazzjoni li tirrigwarda l-iskart mhux bijodegradabbli, Franza tenfasizza mbagħad li l-appoġġ għaliha għandu għan ta' titjib tal-effiċjenza fl-enerġija. Franza spjegat li l-miżuri kienu proporzjonati safejn it-tariffa tax-xiri tippermetti li tintlaħaq rata ta' redditu bejn is-6 u s-7 fil-mija. Fl-aħħar nett il-miżuri ma għandhomx effett ta' distorsjoni peress li l-impjanti kollha tal-inċinerazzjoni huma eliġibbli għall-iskema.

([19]) ICF International, "*An International comparison of energy and climate change policies impacting energy intensive industries in selected countries*", Lulju 2012

(2) L-appoġġ għall-faċilitajiet li jintużaw fis-sigħat intensivi jservi l-għan ta' interess komuni tas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija. L-appoġġ huwa meħtieġ għat-twettiq tal-investimenti. Fl-aħħar nett Franza qieset li l-qawwa limitata tal-impjanti kkonċernati (78MW fl-2014) tillimita l-effett ta' distorsjoni tagħhom.

(3) Fl-aħħar nett, rigward il-finanzjament tal-kuntratti tal-enerġija garantita, Franza ma speċifikatx il-ħtieġa jew l-adegwatezza ta' dan l-appoġġ.

### 4.3. **L-eżenzjonijiet tas-CSPE mogħtija lill-awtokonsumaturi tal-elettriku mhumiex għajnuna mill-Istat**

(111) B'mod preliminari, Franza tirrimarka li din l-eżenzjoni, fil-każ tal-konsum personali għall-produzzjoni tal-elettriku, hija kompletament kompatibbli mad-Direttiva 2003/96/KE, li tipprovdi li l-produtturi ż-żgħar tal-elettriku jistgħu jkunu eżentati mit-taxxa fuq l-elettriku diment li l-prodotti użati għall-produzzjoni ta' dan l-elettriku jkunu ntaxxati mod ieħor.

(112) Rigward l-eżistenza tal-għajnuna, Franza tispjega l-ewwel nett li dawn l-eżenzjonijiet tas-CSPE mhumiex għajnuna selettiva. Franza tirrimarka li din l-eżenzjoni hija indipendenti mit-tip ta' attività tal-benefiċjarji u li tapplika fil-prinċipju għall-kumpaniji kollha, b'kapaċità sa 240 GWh. Barra minn hekk dawn il-benefiċjarji ma joħolqu ebda piż żejjed fuq is-sistema elettrika għas-sehem ikkunsmat minnhom stess. Għaldaqstant huwa leġittimu li jkunu ttrattati b'mod differenti mill-konsumaturi li jixtru l-elettriku kollu tagħhom.

(113) Franza mbagħad tqis li l-eżenzjoni tas-CSPE mogħtija lill-kumpaniji li jikkunsmaw l-elettriku prodott minnhom stess ma toħloqx distorsjoni tal-kompetizzjoni, safejn bosta pajjiżi, b'mod partikolari fl-Unjoni Ewropea, japplikaw l-istess tip ta' eżenzjoni. Għaldaqstant, din l-eżenzjoni mhijiex għajnuna mill-Istat.

(114) Rigward il-kompatibbiltà tal-eżenzjoni, Franza tqis li, fl-ipoteżi li l-awtokonsum jikkostitwixxi għajnuna, din għandha għan ta' interess komuni, peress li tikkontribwixxi għas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija billi tnaqqas l-effetti tal-ħinijiet intensivi tal-konsum tal-elettriku.

### 4.4. **Il-pjan ta' aġġustament wara l-adozzjoni tal-Linji Gwida tal-2014**

(115) Wara li kkunsidrat l-ipoteżi ta' bażi ta' kompatibbiltà mas-suq intern ipprovduta b'mod konġunt mit-Taqsima 3.7.2 tal-Linji Gwida tal-2014 u l-Artikolu 107(3)(c) TFUE, kif spjegat fit-Taqsima 4.2.3, Franza nisslet il-konsegwenzi ta' dan f'ittra tas-27 ta' Ottubru 2017 indirizzata lill-Kummissjoni. F'din il-korrispondenza, Franza bagħtet verżjoni ġdida tal-pjan ta' aġġustament, skont it-Taqsima 3.7.3 tal-Linji Gwida tal-2014, bl-għan li tikkonverġi t-tnaqqis mogħti taħt il-miżuri, skont regoli oġġettivi, lejn il-livelli ta' eżenzjoni kompatibbli ma' dawn il-Linji Gwida, kif definiti fit-Taqsima 3.7.2 tagħhom.

(116) Dan l-istadju ta' kalkolu tas-CSPE allokata lil diversi għanijiet tippermetti li jiġi kkalkolat l-ammont li jrid jitħallas mill-benefiċjarji tat-tnaqqis tas-CSPE taħt il-pjan ta' aġġustament. Dan l-ammont jinstab bejn l-ammont tas-CSPE diġà mħallas u l-ammont ikkalkolat skont il-Linji Gwida. L-ammont tas-CSPE li għandu jitħallas huwa kkalkolat b'mod differenti skont il-komponenti tas-CSPE ikkonċernati, u stabbilit kif indikat fit-Taqsima 4.4.1.

#### 4.4.1. *Applikazzjoni diretta tat-Taqsima 3.7.3 għall-komponent "finanzjament tal-enerġiji rinnovabbli" tas-CSPE*

(117) Għas-sehem tas-CSPE li jservi biex jiffinanzja l-enerġiji rinnovabbli, inkluża l-inċinerazzjoni tal-iskart bijodegradabbli, Franza qed tikkunsidra pjan ta' aġġustament li jwassal biex sad-data teoretika tal-1 ta' Jannar 2019, wara li s-CSPE tkun twaqqfet fl-1 ta' Jannar 2016, u b'mod progressiv, l-ammont ta' CSPE li jrid jitħallas fl-1 ta' Jannar 2019, ikun dak ikkalkolat skont il-Linji Gwida tal-2014:

(118) Jekk il-kumpanija (i) tappartjeni għal settur ta' attività elenkat fl-Anness 3 tal-Linji Gwida tal-2014 u għandha intensità elettrika ogħla minn 20 fil-mija jew (ii) għandha intensità elettrika ta' mill-inqas 20 fil-mija u espożizzjoni għall-kummerċ internazzjonali ogħla minn 4 fil-mija (jew li tidher fl-Anness 5 ta' dawn il-Linji Gwida), allura din ikollha tħallas l-inqas valur bejn 15 fil-mija tal-piż jew 0,5 fil-mija tal-valur miżjud tagħha.

(119) Jekk il-kumpanija tappartjeni għal settur elenkat fl-Anness 3 tal-Linji Gwida tal-2014 u tippreżenta intensità fl-użu tal-elettriku ta' inqas minn 20 fil-mija, allura din ikollha tħallas l-inqas valur bejn 15 fil-mija tat-taxxa jew 4 fil-mija tal-valur miżjud tagħha.

(120) Fil-każijiet l-oħrajn, jekk il-kumpanija (i) tappartjeni għal settur ta' attività li mhuwiex elenkat fl-Annessi 3 tal-Linji Gwida, jew (ii) is-settur tagħha huwa elenkat fl-Anness 5 iżda tippreżenta intensità fl-użu tal-elettriku ta' inqas minn 20 fil-mija, u (iii) ibbenefikat minn għajnuna qabel l-1 ta' Lulju 2014, allura din trid tħallas tal-inqas 20 fil-mija tat-taxxa.

(121) Fl-aħħar nett, fil-każijiet l-oħrajn kollha, il-livell ta' CSPE li jrid jintlaħaq fl-1 ta' Jannar 2019, huwa ta' 100 fil-mija.

4.4.2. *Applikazzjoni tat-Taqsima 3.7.3 b'analoġija, għall-komponenti "koġenerazzjoni", "ugwalizzazzjoni tat-tariffi" u "tariffi soċjali" tas-CSPE*

(122) Għall-koġenerazzjoni, l-ugwalizzazzjoni tat-tariffi u t-tariffi soċjali, il-pjan ta' aġġustament iwassal biex sa mhux aktar tard mill-2019, l-ammont tas-CSPE imħallas ikun ta':

— 15 fil-mija jekk il-kumpanija hija kumpanija li tuża l-elettriku b'mod intensiv skont il-punti 185 sa 186 tal-Linji Gwida tal-2014. Jekk il-kumpanija jkollha intensità fl-użu tal-elettriku ta' aktar minn 20 fil-mija u jekk is-settur tagħha jappartjeni għas-setturi elenkati fl-Anness 3 jew fl-Anness 5 tal-imsemmija Linja Gwida, allura l-ammont tas-CSPE jista' jkun limitat għal 0,5 fil-mija tal-valur miżjud tal-kumpanija u għal 4 fil-mija jekk il-kumpanija ma jkollhiex intensità fl-użu tal-elettriku li taqbeż 20 fil-mija tal-intensità fl-użu tal-elettriku.

— 100 fil-mija għall-kumpaniji l-oħrajn.

(123) Franza tqis li dan il-pjan ta' aġġustament huwa ġġustifikat għall-istess raġunijiet esposti fit-Taqsima 3.7.3 tal-Linji Gwida tal-2014 dwar it-tnaqqis mit-taxxi ntiżi biex jiffinanzjaw l-enerġiji rinnovabbli. B'mod partikolari, il-pjan ta' aġġustament jippermetti li tiġi evitata żieda eċċessiva tat-taxxa li tirriżulta minn applikazzjoni immedjata tal-kriterji esposti fil-punti 185 sa 189 tal-Linji Gwida tal-2014. F'dan is-sens huwa jgħin is-sostenibbiltà finanzjarja tas-CSPE billi jiżgura l-aċċettabbiltà tal-appoġġ u tal-metodi tal-finanzjament tagħha.

4.4.3. *In-nuqqas ta' applikazzjoni tal-pjan ta' aġġustament għall-komponenti l-oħrajn tas-CSPE*

(124) Rigward madankollu t-tnaqqis tas-CSPE allokat għall-għanijiet deskritti fil-premessi 110(1) sa 110(2), Franza ma ppjanatx li tinkludih fil-pjan ta' aġġustament. Franza kkonfermat li s-CSPE allokata għal dawn l-għanijiet kellha titħallas kollha għall-perjodu kkonċernat tal-2003 sal-2015 ([20]), u t-tnaqqis tas-CSPE mogħti, għas-CSPE allokata għal dawn l-għanijiet, se jkun irkuprat kollu.

4.4.4. *Data tal-bidu tal-pjanijiet ta' aġġustament*

(125) Fl-2011 Franza tat bidu għall-pjan ta' aġġustament għall-komponenti ENR u koġenerazzjoni. F'dan ir-rigward, Franza tibbaża fuq il-punt 248 tal-Linji Gwida tal-2014 u fuq id-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni tal-15 ta' Ġunju 2017 (SA.38635 ([21])) u tal-21 ta' Settembru 2017 (SA.47887) ([22]).

(126) Għall-komponenti l-oħrajn iffinanzjati mis-CSPE, wara d-dubji li esprimiet il-Kummissjoni fid-Deċiżjoni tal-ftuħ tagħha, Franza tat bidu għall-pjan ta' aġġustament fl-2004. Franza tqis li din id-data hija ġġustifikata minħabba l-preskrizzjoni ta' 10 snin applikabbli f'dan il-każ taħt il-preskrizzjoni ta' għaxar snin ipprovduta fl-Artikolu 17 tar-Regolament tal-Kumsill (UE) 2015/1589 ([23]).

4.4.5. *It-trattament tal-konsum proprju bħala parti mill-pjan ta' aġġustament*

4.4.5.1. Eżenzjoni tas-CSPE għall-konsum tal-elettriku użat għall-produzzjoni tal-elettriku.

(127) Skont Franza, b'mod konformi mal-Artikolu 14 tad-Direttiva 2003/96/KE, li jipprovdi li l-konsum tal-elettriku użat għall-produzzjoni tal-elettriku, kif ukoll biex tinżamm il-kapaċità ta' produzzjoni tal-elettriku, għandu jkun eżentat kompletament mit-taxxa, il-benefiċjarji tal-eżenzjoni b'konsum personali li huma produtturi tal-elettriku (Kodiċi NACE 3511) jistgħu jkunu eżentati mis-CSPE fuq l-elettriku għall-konsum personali. Franza kkunsidrat li għalhekk m'hemmx bżonn li tinkludi lil dawn il-benefiċjarji fil-pjan ta' aġġustament.

([20]) Nota tal-awtoritajiet Franċiżi tat-23 ta' Novembru 2017
([21]) ĠU C 336, 6.10.2017, p. 2.
([22]) ĠU L 258, 6.10.2017, p. 127.
([23]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 tat-13 ta' Lulju 2015 li jistabblixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 248, 24.9.2015, p. 9).

4.4.5.2. Elettriku prodott u kkunsmat personalment minn ENR

(128) Fil-każ tal-benefiċjarji tal-eżenzjoni li jipproduċu l-elettriku minn ENR, l-elettriku prodott u kkunsmat personalment jista' jkun eżentat mis-sehem tas-CSPE li jiffinanzja l-ENR, peress li dan l-elettriku ma bbenefika minn ebda sostenn pubbliku filwaqt li s-CSPE kienet tiffinanzja parti mill-appoġġ għall-ENR.

(129) Madankollu Franza inkludiet fil-pjan ta' aġġustament l-eżenzjoni għall-bqija tas-sehem tas-CSPE, sakemm il-vantaġġ korrispondenti ma jkunx inqas mil-limitu massimu tal-għajnuna *de minimis*.

4.4.5.3. Elettriku prodott u kkunsmat personalment mill-koġenerazzjoni

(130) Bl-istess mod, għall-benefiċjarji tal-eżenzjoni li jipproduċu l-elettriku mill-koġenerazzjoni, l-elettriku prodott u kkunsmat personalment jista' jiġi eżentat mis-sehem tas-CSPE li jiffinanzja l-koġenerazzjoni sakemm din ma tkunx ingħatat sostenn pubbliku.

(131) Madankollu Franza inkludiet fil-pjan ta' aġġustament l-eżenzjoni għall-bqija tas-sehem tas-CSPE, sakemm il-vantaġġ korrispondenti ma jkunx inqas mil-limitu massimu tal-għajnuna *de minimis*.

4.4.6. *Metodoloġija tat-tqassim tas-CSPE teoretikament dovuta skont il-politika, minbarra l-eżenzjoni*

(132) Għas-CSPE li trid titħallas, minbarra l-eżenzjoni, Franza għamlet kalkolu għal kull kumpanija, ibbażat fuq rata annwali u l-konsum tal-kumpanija. Dan l-ammont teoretiku tas-CSPE huwa mqassam skont kull politika u t-tqassim mibgħut mis-CRE, li ġie mgħarraf lill-Kummissjoni fl-20 ta' Diċembru 2016:

| | ENR *(%)* | Inċinerazzjoni *(%)* | Koġenerazzjoni *(%)* | Ugwalizzazzjoni tar-rati *(%)* | Tariffi soċjali *(%)* | Produzzjoni fil-ħinijiet intensivi *(%)* | Oħrajn *(%)* |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 2003 | 11 | 2 | 57 | 27 | 0 | 2 | 1 |
| 2004 | 16 | 3 | 50 | 28 | 0 | 2 | 1 |
| 2005 | 11 | 2 | 48 | 30 | 6 | 3 | 1 |
| 2006 | 4 | 1 | 57 | 32 | 3 | 2 | 1 |
| 2007 | 0 | − 3 | 38 | 63 | − 1 | 2 | 1 |
| 2008 | 7 | − 1 | 29 | 59 | 3 | 3 | 1 |
| 2009 | 18 | 0 | 30 | 47 | 3 | 1 | 1 |
| 2010 | 21 | − 1 | 40 | 35 | 3 | 1 | 1 |
| 2011 | 43 | 1 | 27 | 27 | 1 | 0 | 1 |
| 2012 | 48 | 0 | 20 | 29 | 2 | 0 | 0 |
| 2013 | 52 | 1 | 16 | 28 | 3 | 0 | 0 |
| 2014 | 58 | 1 | 10 | 27 | 4 | 0 | 0 |
| 2015 | 61 | 1 | 9 | 24 | 5 | 0 | 0 |
| Total | 41,9 | 0,6 | 23,0 | 30,5 | 2,9 | 0,7 | 0,5 |

Piż annwali ta' kull politika, nota tal-awtoritajiet Franċiżi tal-20 ta' Diċembru 2016

(133) Franza tenfasizza li l-ENR, il-koġenerazzjoni, l-ugwalizzazzjoni u t-tariffi soċjali jirrappreżentaw 98,2 fil-mija tal-ammonti tas-CSPE appoġġjata sa mill-2003.

(134) Rigward l-inċinerazzjoni, Franza tenfasizza li l-istatistika tal-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija u tal-Eurostat tippermetti li wieħed jikkunsidra li nofs l-enerġija prodotta mis-settur tal-UIOM (Unité d'Incinération d'Ordures Ménagères — Taqsima tal-Inċinerazzjoni tal-Iskart Domestiku), irriċiklata fil-forma ta' shana jew elettriku, tkun kontabilizzata bħala rinnovabbli. Għaldaqstant, 50 fil-mija tas-CSPE allokata għall-appoġġ tal-inċinerazzjoni hija inkluża fis-sehem tal-ENR. Barra minn hekk, l-appoġġ għall-inċinerazzjoni ta' skart mhux bijodegradabbli, użat għall-koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja, huwa allokat għall-komponent tal-koġenerazzjoni tas-CSPE. Din l-ipoteżi twassal biex Franza tagħżel it-tqassim li ġej:

| | ENR *(%)* | Koġenerazzjoni *(%)* | Ugwalizzazzjoni + Miżuri soċjali *(%)* | Inċinerazzjoni tal-iskart mhux bijo-degradabbli *(%)* | Oħrajn *(%)* |
|---|---|---|---|---|---|
| 2003 | 12 | 57 | 27 | 1 | 3 |
| 2004 | 17 | 50 | 28 | 2 | 2 |
| 2005 | 12 | 48 | 35 | 1 | 4 |
| 2006 | 5 | 57 | 35 | 1 | 3 |
| 2007 | – 2 | 38 | 62 | – 2 | 3 |
| 2008 | 6 | 29 | 62 | – 1 | 4 |
| 2009 | 18 | 30 | 50 | 0 | 2 |
| 2010 | 21 | 40 | 38 | – 1 | 2 |
| 2011 | 43 | 27 | 28 | 1 | 1 |
| 2012 | 48 | 20 | 31 | 0 | 1 |
| 2013 | 52 | 16 | 31 | 0 | 0 |
| 2014 | 59 | 10 | 31 | 0 | 0 |
| 2015 | 61 | 9 | 29 | 0 | 0 |

#### 4.4.6.1. L-applikazzjoni tal-limiti *de minimis*

(135) Franza tispeċifika li għal kull tnaqqis tas-CSPE mogħti, ġie applikat il-limitu *de minimis* previst mir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1407/2013 ([24]): għall kull benefiċjarju, l-ammont tal-għajnuna mogħtija għall-aħħar tliet snin kontinwi jitqabbel mal-ammont ta' EUR 200 000. F'każ li l-ammont tal-għajnuna mogħtija għall-aħħar tliet snin kontinwi jkun inqas minn EUR 200 000, allura l-ammont ta' rimborż ikun żero f'dawk it-tliet snin. Franza tiddikjara li se tqis ukoll id-Deċiżjoni N 7/2009 ([25]) tal-Kummissjoni Ewropea li tipprovdi żieda tal-limitu *de minimis* għal EUR 500 000, għas-snin 2009 u 2010, minħabba l-kuntest tal-kriżi ekonomika ta' dak iż-żmien.

### 4.4.7. *Il-progress tal-pjan ta' aġġustament*

(136) Għall-benefiċjarji li ma jistgħux jitqiesu bħala kumpaniji b'użu intensiv tal-elettriku, fit-tifsira tal-punti 185 sa 187 tal-Linji Gwida tal-2014, jew li ma jikkonformawx għalkollox mad-dispożizzjonijiet tat-Taqsima 3.7.2 ta' dawn il-Linji Gwida, Franza ppreżentat pjan ta' aġġustament li jwassal għal żieda progressiva tal-kontribuzzjoni tagħhom (ara l-premessi 117 u 118).

(137) Dan il-pjan ta' aġġustament japplika għall-komponenti kollha tas-CSPE. Huwa jikkoreġi l-limiti massimi u l-eżenzjonijiet kollha mogħtija taħt il-miżura. Ikopri wkoll il-politiki kollha ffinanzjati mis-CSPE.

([24]) Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1407/2013 tat-18 ta' Diċembru 2013 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna *de minimis* (ĠU L 352, 24.12.2013, p. 1).
([25]) ĠU C 91, 21.4.2009, p. 1.

(138) Il-punt ta' tluq tal-pjan ta' aġġustament huwa s-CSPE effettivament imħallsa mill-benefiċjarji matul is-sena li fiha beda l-pjan (2004 jew 2011 skont il-każ).

(139) Dan il-pjan ta' aġġustament għat-tipi differenti ta' tnaqqis mis-CSPE mogħti għandu jwassal sabiex sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2019, l-ammonti mħallsa jilħqu l-livelli ta' kontribuzzjonijiet minimi konformi mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat. Irid jintlaħaq l-ammont tas-CSPE meħtieġ skont ir-regoli deskritti fil-premessi 118 sa 122.

(140) Din iż-żieda tinkiseb billi tiġi applikata r-regola ta' progressjoni li ġejja:

(141) Ammont li għandu jitħallas għal kull sena għal kull politika ffinanzjata = ammont imħallas

(142) + (l-ammont li jrid jitħallas – l-ammont imħallas) × [(e^n)-1]/[(e^N)-1]

fejn n: numru tas-sena tal-pjan ta' aġġustament (eżempju: għal pjan li beda fl-2011 u b'applikazzjoni totali fl-2019, fl-2011 n = 0, fl-2012 n = 1, …, fl-2019 n = 8)

u N: numru ta' snin tal-pjan (eżempju: għall-istess eżempju ta' hawn fuq, N = 8)

(143) Din ir-regola tagħmel mod li l-ammont ta' CSPE li jrid jitħallas maż-żmien joqrob lejn il-livell teoretiku ta' CSPE li trid titħallas sal-2019. Peress li s-CSPE tneħħiet fl-2016, il-pjan ta' aġġustament mhux se jiġi applikat wara l-2015.

(144) Il-funzjoni użata biex wieħed imur minn dan il-punt ta' tluq sal-punt tal-wasla teoretika hija progressiva.

4.4.8. *Kalkolu tas-somom li jridu jiġu rkuprati*

(145) Il-pjan ta' aġġustament jipprovdi li l-ammonti ta' CSPE eżentati lil hinn mil-livelli awtorizzati mill-pjan ta' aġġustament, se jkunu rkuprati.

(146) L-ammont li jrid jiġi rrimborżat, huwa d-differenza bejn (i) is-CSPE li trid titħallas deskritta fit-taqsimiet 4.4.1 sa 4.4.7 u (ii) is-CSPE effettivament imħallsa mill-benefiċjarji. Dan l-ammont huwa kkalkolat għal kull benefiċjarju u għal kull sena.

(147) Fil-każ tal-benefiċjarji tal-eżenzjoni fuq il-konsum personali għall-produzzjoni tal-elettriku minn ENR jew mill-koġenerazzjoni, il-livell minimu ta' CSPE huwa żero għas-CSPE li tiffinanzja rispettivament l-ENR u l-koġenerazzjoni.

(148) Fl-ipoteżi fejn, għal benefiċjarju f'sena partikolari, l-ammont imħallas għal politika partikolari jkun ogħla mill-ammont li jrid jitħallas fil-livell minimu ta' CSPE meħtieġ jew daqsu, allura l-ammont magħżul għall-pjan ta' aġġustament huwa l-livell minimu meħtieġ ta' CSPE li jrid jitħallas għal dik is-sena. F'dan il-każ l-eċċess imħallas ma jitnaqqasx mill-ammont tal-irkupru dovut minn dan il-benefiċjarju, li jirriżulta mill-kalkolu maħdum għas-snin l-oħra.

(149) Fin-nota tagħha tal-11 ta' Ottubru, Franza bagħtet stima preliminari tas-somom li kellha tirkupra, li kienu jammontaw għal madwar EUR 31 miljun. Madwar 700 kumpanija huma affettwati mill-proċedura ta' rkupru. Madankollu Franza spjegat li l-evalwazzjoni ta' dan l-ammont għad trid tiġi finalizzata meta l-informazzjoni dwar it-tnaqqis għal kull benefiċjarju tkun inġabret kollha u għas-snin kollha.

## 5. L-EVALWAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

### 5.1. L-eżistenza tal-għajnuna

(150) Skont l-Artikolu 107(1) TFUE, kull għajnuna ta' kwalunkwe forma, mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi tal-Istat, li twassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew ċerti produtturi għandha, safejn tolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri, tkun inkompatibbli mas-suq intern.

(151) Il-Kummissjoni eżaminat il-kwalifika ta' għajnuna tat-tnaqqis differenti tas-CSPE, fid-dawl ta' dawn id-dispożizzjonijiet:

5.1.1. *Il-kwalifika ta' għajnuna mill-Istat għal-limiti massimi tas-CSPE għal kull sit u ta' 0,5 % tal-valur miżjud*

5.1.1.1. Għajnuna imputabbli lill-Istat u mogħtija permezz tar-riżorsi tal-Istat

(152) Fit-taqsima 3.1.1 tad-Deċiżjoni tal-ftuħ tal-2014, il-Kummissjoni kienet iddeċidiet li l-CSPE kienet tikkostitwixxi riżorsa tal-Istat.

(153) Il-Kummissjoni tinnota l-ewwel nett li ebda parti kkonċernata ma tikkontesta l-konklużjoni tal-Kummissjoni msemmija fil-premessa preċedenti.

(154) Il-Kummissjoni tinnota li skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, il-vantaġġi mogħtija direttament jew indirettament permezz tar-riżorsi pubbliċi biss jistgħu jitqiesu bħala għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) TFUE.

(155) Is-sempliċi fatt li vantaġġ mhuwiex iffinanzjat direttament minn riżorsi tal-Istat mhuwiex biżżejjed biex jeskludi l-involviment ta' riżorsi tal-Istat. Fil-fatt, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea jirriżulta li mhux meħtieġ li jiġi stabbilit li sar trasferiment ta' fondi mill-baġit ġenerali tal-Istat jew minn entità pubblika, biex vantaġġ mogħti lil kumpanija waħda jew aktar jista' jitqies għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) TFUE ([26]).

(156) Skont il-ġurisprudenza u prattika deċiżjonali kostanti tal-Kummissjoni, il-prodotti derivati minn imposti mill-Istat, ġestiti u allokati skont id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi nazzjonali, jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) TFUE kemm jekk ikunu ġestiti minn entità pubblika kemm jekk tkun privata (Essent ([27]), Vent de Colère ([28])).

(157) Madankollu, f'dak li jirrigwarda s-CSPE, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kellha l-okkażjoni tikkonferma li kienet tikkostitwixxi riżorsa tal-Istat. Fil-fatt, fil-każ li ta lok għas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-19 ta' Diċembru 2013, Vent de Colère ([29]), u li kien jirrigwarda l-obbligu tax-xiri tal-elettriku li ġej mir-riħ deskritt fil-premessa 10 a) aktar 'il fuq u ffinanzjat mis-CSPE, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li s-CSPE kienet tikkostitwixxi riżorsa tal-Istat.

(158) It-tielet, il-Kummissjoni tinnota li l-vantaġġ huwa imputabbli lill-Istat, peress li l-limiti massimi jirriżultaw mil-liġi u minn atti amministrattivi ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-iskema u r-regoli ta' implimentazzjoni tagħhom.

(159) In-natura statali tas-CSPE hija kkonfermata wkoll mis-sistema implimentata minn Franza biex tiġborha. Kif spjegat fil-premessi 14 u 15, il-ġbir tas-CSPE huwa ċentralizzat mill-Caisse des Dépôts et Consignations, entità pubblika, b'mod li l-ġestjoni finanzjarja tas-CSPE issir minn entità pubblika u kkontrollata mill-Gvern, li jsaħħaħ il-kwalifika ta' riżorsa tal-Istat.

(160) Għaldaqstant, il-Kummissjoni tikkonferma l-konklużjonijiet li kienet spjegat fid-Deċiżjoni tal-ftuħ tagħha. Is-CSPE, u *a fortiori* l-limiti tagħha, huma imputabbli lill-Istat u mogħtija permezz ta' riżorsi tal-Istat.

5.1.1.2. Vantaġġ ekonomiku u selettiv

(161) Rigward il-valutazzjoni tal-eżistenza ta' vantaġġ, il-Kummissjoni tinnota li skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, il-miżuri li, f'forom differenti, inaqqsu l-ispejjeż ta' kumpanija u li, għalkemm mhux strettament sussidji, huma simili għal għajnuna mill-Istat għalhekk huma meqjusa bħala għajnuna mill-Istat ([30]).

([26]) Ara d-Deċiżjonijiet tas-16 ta' Mejju 2002, *Franza* vs *Il-Kummissjoni*, C-482/99, ECLI:EU:C:2002:294, paragrafu 36; tas-17 ta' Lulju 2008, *Essent Netwerk Noord et*, C-206/06, ECLI:EU:C:2008:413, paragrafu 70; tad-19 ta' Diċembru 2013, *Vent De Colère et*, C-262/12, ECLI:EU:C:2013:851, paragrafi 19 sa 21, u tat-13 ta' Settembru 2017, *ENEA*, C-329/15, ECLI:EU:C:2017:671, paragrafu 25. Ara wkoll *Doux Elevage*, ikkwotata hawn taħt fin-nota ta' qiegħ il-paġna 25, paragrafu 34; id-Deċiżjonijiet C-399/10 P u C-401/10 *P Bouygues u Bouygues Télécom vs Il-Kummissjoni et*, paragrafu 100.

([27]) Deċiżjoni tas-17 ta' Lulju 2008, *Essent Netwerk Noord et*, C-206/06, ECLI:EU:C:2008:413.

([28]) Deċiżjoni tad-19 ta' Diċembru 2013, *Vent De Colère et*, C-262/12 ECLI:EU:C:2013:851, paragrafu 25.

([29]) Deċiżjoni tad-19 ta' Diċembru 2013, *Vent De Colère et*, C-262/12 ECLI:EU:C:2013:851.

([30]) Is-sentenzi C-387/92 *Banco Exterior de España* vs *Ayuntamiento de Valencia* [1994] ECR I-877, paragrafu 13, ECLI:EU:C:1994:100, u C-75/97 *Il-Belġju* vs *Il-Kummissjoni* [1999] ECR I-3671, paragrafu 23, ECLI:EU:C:1999:311.

(162) F'dan il-każ, il-Kummissjoni tinnota li l-Artikolu 5 tal-Liġi Nru 2000-108 (kif emendat mill-Artikolu 37 tal-Liġi Nru 2003-8) jistabbilixxi l-prinċipju li s-CSPE hija dovuta mill-konsumaturi finali tal-elettriku li jinsabu fit-territorju Franċiż, u li l-ammont tas-CSPE huwa kkalkolat prorata tal-kwantità tal-elettriku kkunsmat. Bl-eżenzjoni tal-elettriku kkunsmat mis-CSPE għal dak kollu li jaqbeż il-limitu għal kull sit jew għall-kumpaniji industrijali li jużaw l-elettriku b'mod intensiv ta' 0,5 % tal-valur miżjud tagħhom, l-Istat naqqas it-taxxi tas-CSPE li l-kumpaniji benefiċjarji kien ikollhom iħallsu kieku kien mod ieħor. Il-limiti massimi għal kull sit u skont il-valur miżjud huma għalhekk vantaġġ għall-kumpaniji benefiċjarji.

(163) Fir-rigward tal-eżistenza ta' vantaġġ selettiv, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret fis-sentenza tagħha tal-21 ta' Diċembru 2016, fil-kawżi Il-Kummissjoni *vs* World Duty Free Group kif ukoll Il-Kummissjoni *vs* Banco Santander u Santusa ([31]), li biex tiġi stabbilita s-selettività ta' miżura fiskali jew ta' imposta, irid jiġi stabbilit jekk din toħloqx differenza mhux iġġustifikata min-natura u l-istruttura ta' din l-iskema bejn operaturi li, fid-dawl tal-għan imfittex mis-sistema fiskali ġenerali kkonċernata, huma f'sitwazzjoni fattwali u ġuridika simili.

(164) Madankollu, il-kunċett ta' għajnuna mill-Istat ma jirreferix għal miżuri li jintroduċu differenzazzjoni bejn l-impriżi fir-rigward tat-taxxi meta din id-differenzjazzjoni tirriżulta min-natura jew mill-istruttura tas-sistema ta' tassazzjoni inkwistjoni. Huwa, f'dan il-kuntest, l-Istat Membru li jkun introduċa distinzjoni bejn l-impriżi fil-qasam tal-ispejjeż meta din id-distinzjoni tirriżulta min-natura u mill-istruttura tal-iskema tal-ħlasijiet inkwistjoni ([32]).

<u>Sistema ta' referenza</u>

(165) Il-Kummissjoni tinnota li l-Artikolu 5 tal-Liġi Nru 2000-108 (kif emendat mill-Artikolu 37 tal-Liġi Nru 2003-8) jistabbilixxi li s-CSPE hija dovuta mill-konsumaturi finali tal-elettriku li jinsabu fit-territorju Franċiż, u li l-ammont tas-CSPE huwa kkalkolat prorata tal-kwantità ta' elettriku kkunsmat. Is-CSPE isservi biex jiġu ffinanzjati l-miżuri li ġejjin:

(a) L-obbligu li għandha EDF jew l-impriżi ta' distribuzzjoni lokali li jixtru l-elettriku mingħand ċerti tipi ta' impjanti li jipproduċu elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli;

(b) Il-finanzjament tal-koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja;

(c) Il-kumpens tal-ġeneraturi tal-elettriku fiż-żoni mhux interkonnessi (Korsika jew id-Dipartimenti Franċiżi *extra*-Ewropej), sabiex ma jġarrbux spejjeż ta' ġenerazzjoni ogħla, meta mqabbla mal-ispejjeż ta' produzzjoni mġarrba fi Franza u riflessi fil-prezz tal-elettriku mħallas mill-konsumatur aħħari ("l-ugwalizzazzjoni tat-tariffi");

(d) L-implimentazzjoni tat-tariffa soċjali msejħa "prodott essenzjali", kif ukoll parti mill-ispejjeż imġarrba mill-fornituri tal-elettriku minħabba l-parteċipazzjoni finanzjarja tagħhom fl-iskema stabbilita għall-persuni f'sitwazzjoni prekarja.

(e) Għanijiet oħrajn, appoġġ għall-inċinerazzjoni, għall-produzzjoni prinċipalment fil-ħinijiet intensivi li jammontaw għal inqas minn tnejn fil-mija (2 %) tas-CSPE miġbura.

<u>Distinzjoni bejn il-kumpaniji li jinsabu f'sitwazzjoni fattwali u ġuridika simili, fid-dawl tal-għan tal-miżuri inkwistjoni</u>

(166) Il-Kummissjoni tinnota li l-kumpaniji li jibbenefikaw mil-limiti massimi tas-CSPE b'0,5 % tal-valur miżjud u għal kull sit huma fl-istess sitwazzjoni fattwali tal-konsumaturi finali l-oħrajn fir-rigward tal-għanijiet tas-CSPE. Minn naħa, dawn huma konsumaturi tal-elettriku u m'hemm l-ebda raġuni biex wieħed jemmen li dawn il-konsumaturi li jibbenefikaw minn dawn il-limiti huma differenti mill-konsumaturi li ma jibbenefikawx minnhom fid-dawl tal-għanijiet ta' finanzjament ta' appoġġ għall-enerġiji rinnovabbli, għall-koġenerazzjoni, għall-ugwalizzazzjoni tat-tariffi u għat-tariffi soċjali. Għaldaqstant dawn il-benefiċjarji għandhom jikkontribwixxu għall-finanzjament tas-servizz pubbliku tal-elettriku fl-istess proporzjon tal-konsumaturi finali l-oħrajn.

([31]) Sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, *Il-Kummissjoni* vs *World Duty Free Group*; Kawżi Magħquda C-20/15 P u C-21/15 P, ECLI:EU:C:2016:981, paragrafu 60; is-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, Il-Kummissjoni *vs* Hansestadt Lübeck (Lübeck Airport), C-524/14 P, ECLI:EU:C:2016:971, paragrafi 55 u 58.

([32]) Id-Deċiżjonijiet C-159/01 *L-Olanda* vs *Il-Kummissjoni* [2004] ECR I-4461, paragrafu 42, ECLI:EU:C:2004:246 u C -279/08 P, *Il-Kummissjoni* vs *Il-Pajjiżi l-Baxxi*, paragrafu 62, ECLI:EU:C:2011:551.

(167) Barra minn hekk, il-kriterji ta' eliġibbiltà għal-limiti, għal 0,5 % tal-valur miżjud u għal kull sit, joħolqu diskriminazzjonijiet oħrajn fil-grupp ta' kumpaniji li jistgħu jkunu affettwati minn dawn il-limiti.

(168) L-ewwel nett, il-limitu massimu ta' 0,5 % tal-valur miżjud, li suppost jirrigwarda lill-kumpaniji li jużaw l-elettriku b'mod intensiv, fil-fatt huwa riżervat biss għall-kumpaniji l-kbar, minħabba l-limitu minimu ta' konsum eliġibbli ta' 7 GWh fis-sena. Għalhekk il-kumpaniji li jużaw l-elettriku b'mod intensiv u li għalihom is-CSPE taqbeż 0,5 % tal-valur miżjud, iżda li għandhom konsum annwali aktar baxx, mhumiex eliġibbli għal-limitu massimu tal-valur miżjud anki jekk jużaw l-elettriku bl-istess intensità u huma attivi fl-istess settur. Barra minn hekk, il-limitu massimu tal-valur miżjud huwa riżervat għall-kumpaniji industrijali, esklużi l-kumpaniji li jużaw l-elettriku b'mod intensiv attivi fis-settur tas-servizzi pereżempju. Minn dan il-Kummissjoni tikkonkludi li ebda waħda minn dawn id-distinzjonijiet ma tista' tiġi spjegata min-natura u l-għan tas-CSPE.

(169) It-tieni, rigward il-limitu massimu għal kull sit, il-Liġi Nru 2000-108 (kif emendata mill-Artikolu 37 tal-Liġi Nru 2003-8) jillimita s-CSPE għal € 500 000 — ammont inizjali — għal kull sit ta' konsum. Il-Kummissjoni tinnota li skont l-informazzjoni addizzjonali li għaddiet Franza, dan il-limitu, ibbażat fuq il-valur tal-limitu massimu u tas-CSPE tal-2013, jikkorrispondi għal konsum annwali ta' 42 GWh (Giga Watt fis-siegħa). Tali konsum jintlaħaq biss minn ċerti setturi ekonomiċi, kif tikkonferma Franza fl-informazzjoni li bagħtet dwar is-setturi kkonċernati. Dan il-limitu jagħti vantaġġ selettiv lil ċerti kumpaniji jew lil ċerti setturi, u ma jistax ikun spjegat mil-loġika tas-CSPE. Minn dan il-Kummissjoni tikkonkludi li, għal dan it-tieni limitu, ebda waħda minn dawn id-distinzjonijiet stabbiliti mil-liġi ma tista' tiġi spjegata min-natura u l-għan tas-CSPE.

(170) Rigward l-argument espost minn Franza fil-premessa 77, li l-limiti massimi tas-CSPE huma ġġustifikati mill-applikazzjoni tal-prinċipju li l-ħlasijiet jinġabru skont il-kapaċità kontributorja tal-kontribwent, il-Kummissjoni tinnota li Franza ma urietx li dan il-prinċipju huwa prinċipju sottostanti għas-CSPE. Franza lanqas ma uriet li l-kumpaniji li ma jibbenefikawx minn dan il-limitu massimu jistgħu jħallsuha, li huwa meħtieġ biex ikun iġġustifikat li dawn il-limiti massimi huma fil-loġika tas-sistema. Fl-aħħar nett, Franza ma urietx li l-kumpaniji li jibbenefikaw mil-limitu massimu kollha mhumiex kapaċi jħallsu ammmont ogħla ta' CSPE ([33]).

(171) Barra minn hekk, il-limitu massimu għal kull sit huwa applikat mingħajr ebda rabta mal-kapaċità kontributorja tal-kontribwent. Fir-realtà, filwaqt li jista' jiġi aċċettat li hemm rabta bejn il-kapaċità kontributorja u l-fatturat jew il-valur miżjud ta' kumpanija, il-limitu massimu għal kull sit iwassal għall-eżenzjoni tas-CSPE lil hinn mil-limitu massimu, irrispettivament mit-tkabbir fil-fatturat jew mill-valur miżjud. Għaldaqstant l-argument ippreżentat minn Franza fil-premessa 77 mhuwiex ammissibbli.

(172) Fl-aħħar nett, rigward il-limitu massimu għall-valur miżjud, il-Kummissjoni tinnota li effettivament jidher li hemm rabta mal-kapaċità kontributorja tal-kumpanija kkonċernata. Madankollu, anki jekk wieħed jassumi li s-CSPE hija bbażata fuq il-prinċipju tal-kapaċità kontributorja, li Franza ma stabbilietx, il-limitu massimu tal-valur miżjud ma jkunx inqas selettiv peress li mhuwiex applikat b'mod nondiskriminatorju għall-kumpaniji kollha li jinsabu fl-istess sitwazzjoni fattwali u ġuridika. Fil-fatt, il-limitu massimu tal-valur miżjud huwa limitat għall-kumpaniji industrijali biss, esklużi l-kumpaniji mhux industrijali. Madankollu dawn jistgħu jkollhom konsum tal-elettriku b'tali mod li jkun iġġustifikat li jieħdu l-benefiċċju tal-limitu massimu ta' 0,5 fil-mija tal-valur miżjud. Barra minn hekk, dan il-limitu massimu tal-valur miżjud huwa wkoll limitat għall-kumpaniji li huma kbar biżżejjed li jilħqu konsum annwali ta' 7 GWh, esklużi l-kumpaniji iżgħar li ma jilħqux dan il-limitu ta' konsum anki meta s-CSPE tilħaq 0,5 fil-mija tal-valur miżjud tagħhom.

(173) Għal dawn ir-raġunijiet, il-Kummissjoni tikkonkludi li d-diversi limiti massimi previsti mil-liġi huma vantaġġ selettiv li jiffavorixxu ċerti kumpaniji jew setturi tal-ekonomija u għalhekk tikkonferma l-analiżi tagħha esposta fid-Deċiżjoni tal-ftuħ tas-16 ta' Settembru 2014. Il-miżuri huma fil-fatt vantaġġ għall-benefiċjarji tagħhom, meta mqabbla mas-sistema ta' referenza li tipprovdi li l-konsumaturi finali kollha jridu jipparteċipaw fis-sistema sabiex jiffinanzjaw l-għanijiet tas-CSPE. F'dan is-sens il-Kummissjoni ma taqbilx mal-pożizzjoni ta' ALFI esposta fil-premessa 68, u lanqas ta' Franza esposta fil-premessi 74 sa 78.

(174) Fl-aħħar nett, kif spjegat fil-premessa 164, Franza ma urietx li din id-differenza ta' trattament kienet tirriżulta mis-sistema ta' ħlas. L-oneru tal-prova f'dan il-każ jibqa' responsabbiltà tal-Istat Membru.

([33]) Sentenzi tal-Qorti Ġenerali li jikkonkludu li, f'dawn iċ-ċirkustanzi, il-miżura hija selettiva: L-Awstrija *vs* Il-Kummissjoni, (T-251/11, ECLI: EU: T: 2014: 1060), u Il-Ġermanja *vs* Il-Kummissjoni (T-47/15, ECLI:EU:T:2016:281)

5.1.1.3. L-impatt fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ bejn l-Istati Membri

(175) Il-kumpaniji ffavoriti mil-limiti massimi tas-CSPE għal kull sit u tal-valur miżjud huma f'kompetizzjoni ma' kumpaniji minn Stati Membri oħrajn (metallurġija, industrija tal-karta, industrija agroalimentari, industrija kimika, eċċ.). Għaldaqstant il-limiti massimi għal kull sit u l-valur miżjud jistgħu jkollhom impatt fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ bejn l-Istati Membri.

(176) Għaldaqstant il-Kummissjoni ma taqbilx mal-pożizzjoni ta' Franza, esposta fil-premessa 79.

5.1.1.4. Konklużjoni dwar l-eżistenza ta' għajnuna

(177) Għar-raġunijiet imfakkra fil-premessi 48 sa 50, il-Kummissjoni tikkonferma l-konklużjonijiet magħmula fid-Deċiżjoni tal-ftuħ tagħha u tqis għalhekk li l-limiti massimi għal kull sit u tal-valur miżjud huma għajnuna mill-Istat.

5.1.2. *Eżenzjonijiet mis-CSPE mogħtija għall-konsum personali maħsub għall-produzzjoni tal-elettriku*

5.1.2.1. Għajnuna imputabbli lill-Istat u mogħtija permezz tar-riżorsi tal-Istat

(178) Għall-istess raġunijiet bħal dawk esposti fit-taqsima 5.1.1.1, il-Kummissjoni tikkonferma li dawn l-eżenzjonijiet huma imputabbli lill-Istat u mogħtija permezz ta' riżorsi tal-Istat.

5.1.2.2. L-impatt fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ bejn l-Istati Membri

(179) Il-kumpaniji li jibbenefikaw minn dawn l-eżenzjonijiet tas-CSPE (b'mod partikolari produtturi tal-elettriku li jużaw ċentrali nukleari u ċentrali idroelettriċi li jużaw l-ippumpjar) jikkompetu ma' kumpaniji minn Stati Membri oħrajn. Għaldaqstant, dawn l-eżenzjonijiet jistgħu jkollhom impatt fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ bejn l-Istati Membri.

(180) Franza mbagħad tqis li l-eżenzjoni mis-CSPE mogħtija lill-kumpaniji li jużaw l-elettriku huma stess ma toħloqx distorsjoni fil-kompetizzjoni, peress li ħafna pajjiżi fl-Unjoni Ewropea b'mod partikolari japplikaw l-istess tip ta' eżenzjoni, kif spjegat fil-premessa 79.

(181) Skont ġurisprudenza kostanti, miżura implimentata minn Stat titqies li toħloq distorsjoni meta din ittejjeb il-pożizzjoni kompetittiva ta' benefiċjarju, fir-rigward tal-kompetituri tiegħu ([34]). Dan huwa l-każ ta' miżura meta din tnaqqas l-ispejjeż li normalment iġġorr kumpanija. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-miżuri individwali li permezz tagħhom Stat Membru jallinja l-kundizzjonijiet kompetittivi ta' settur ma' dawk eżistenti fi Stati Membri oħrajn, ma jistgħux ma jikkwalifikawx bħala għajnuna mill-Istati ([35]).

5.1.2.3. Vantaġġ ekonomiku u selettività

(182) Il-Kummissjoni tinnota li l-eżenzjoni tikkostitwixxi mal-ewwel daqqa t'għajn vantaġġ għal dawk li jikkunsmaw l-elettriku huma stess. Kif diġà msemmi fil-premessa 162, is-CSPE hija dovuta mill-konsumaturi finali tal-elettriku li jinstabu fit-territorju Franċiż u l-ammont tas-CSPE huwa kkalkolat prorata għall-kwantità ta' elettriku kkunsmat. Bl-eżenzjoni ta' parti mill-konsum personali mis-CSPE, l-Istat naqqas l-ispejjeż tas-CSPE li l-kumpaniji benefiċjarji kien ikollhom iħallsu kieku ma kienx hekk.

(183) Imbagħad il-Kummissjoni eżaminat jekk dan il-vantaġġ kienx selettiv. L-ewwel nett, il-Kummissjoni tenfasizza li s-sistema ta' referenza, is-CSPE, ġiet deskritta fil-premessa 165. Din tikkonsisti f'taxxa li trid titħallas mill-konsumaturi finali kollha tal-elettriku fuq il-konsum tal-elettriku tagħhom. It-taxxa tinġabar biex tiffinanzja miżuri ta' appoġġ b'għanijiet speċifiċi.

(184) It-tieni, il-Kummissjoni trid tivverifika jekk il-benefiċjarji tal-eżenzjoni li jużaw l-elettriku personalment biex jipproduċu l-elettriku humiex parti mil-loġika ta' sistema ta' taxxa fuq l-elettriku. Il-konsum tal-elettriku għall-produzzjoni tal-elettriku huwa konsum (finali) tal-elettriku. Bħala tali, il-konsum tal-elettriku ta' produttur tal-elettriku mhuwiex differenti mill-konsum tal-elettriku ta' konsumatur ieħor fir-rigward tal-għanijiet tas-CSPE u l-eżenzjoni parzjali tal-konsum personali tal-elettriku għall-produzzjoni tal-elettriku tidher li toħloq differenza mhux iġġustifikata fir-rigward tal-għan tas-CSPE. Il-Kummissjoni għalhekk tikkonkludi li l-miżura tidher li hija *prima facie* selettiva peress li toħloq distinzjoni bejn kumpaniji li huma f'sitwazzjoni fattwali u legali simili fir-rigward tal-għan tas-CSPE.

([34]) Ara d-Deċiżjoni tas-17 ta' Settembru 1980, *Philip Morris* vs *Il-Kummissjoni*, Kawża 730/79, ECLI:EU:C:1980:209, paragrafu 11
([35]) Deċiżjoni tat-3 ta' Marzu 2005, *Heiser*, C-172/03, ECLI:EU:C:2005:130.

(185) Franza targumenta madankollu li l-eżenzjoni hija maħsuba biex tevita t-tassazzjoni doppja, li huwa prinċipju ġeneralment aċċettat fis-sistemi fiskali.

(186) Fil-fatt, mingħajr eżenzjoni, l-elettriku kkunsmat mill-konsumatur finali jkollu d-doppju tas-CSPE: darba fuq l-elettriku A użat għall-produzzjoni tal-elettriku B u darba fuq l-elettriku B ġġenerat mill-elettriku A.

(187) Il-Kummissjoni diġà rrikonoxxiet li t-tħassib dwar il-prevenzjoni tat-tassazzjoni doppja huwa prinċipju li ġeneralment jinsab f'sistemi ta' imposti fuq il-konsum tal-elettriku ([36]), iżda wkoll f'sistemi oħrajn tat-taxxa ([37]). Dan huwa wkoll il-prinċipju li wassal għall-adozzjoni tal-Artikolu 14(1)(a) tad-Direttiva 2003/96/KE tas-27 ta' Ottubru 2003. Għaldaqstant il-Kummissjoni tapprova l-argument espost minn Franza fil-premessa 111.

(188) Il-Kummissjoni tikkunsidra għalhekk li l-eżenzjonijiet mogħtija lill-kumpaniji li jikkunsmaw l-elettriku huma stess għall-produzzjoni tal-elettriku, huma ġġustifikati min-natura u l-istruttura tas-sistema ta' ħlasijiet tas-CSPE.

(189) Għaldaqstant, il-Kummissjoni tqis li l-eżenzjonijiet għall-konsum personali tal-elettriku ntiż għall-konsum tal-elettriku mhumiex vantaġġ selettiv. Hija tikkonkludi li l-eżenzjonijiet tas-CSPE mogħtija lis-siti li jikkunsmaw l-elettriku huma stess u li jużaw l-elettriku biex jipproduċu l-elettriku, mhumiex għajnuna mill-Istat.

5.1.2.4. Konklużjoni dwar l-eżistenza ta' għajnuna

(190) Għar-raġunijiet imsemmija fil-premessi 178 sa 189, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-eżenzjonijiet mis-CSPE mogħtija għall-konsum personali ntiż għall-produzzjoni tal-elettriku mhumiex għajnuna mill-Istat.

(191) Għaldaqstant il-Kummissjoni tikkonferma l-konklużjonijiet ta' Franza, esposti fil-premessa 127, li ebda pjan ta' aġġustament ma huwa meħtieġ għal dawn il-benefiċjarji.

5.1.3. *Eżenzjonijiet mis-CSPE mogħtija għall-konsum personali tal-elettriku awtoġenerat mill-koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja u minn enerġiji rinnovabbli għas-sehem tas-CSPE allokat għall-finanzjament ta' dawn l-għanijiet.*

5.1.3.1. Għajnuna imputabbli lill-Istat u mogħtija permezz tar-riżorsi tal-Istat

(192) Għall-istess raġunijiet bħal dawk spjegati fit-taqsima 5.1.2.1, il-Kummissjoni tikkonferma li dawn l-eżenzjonijiet huma imputabbli lill-Istat u mogħtija permezz tar-riżorsi tal-Istat.

5.1.3.2. Vantaġġ ekonomiku u selettività

(193) Kif diġà ntqal fil-premessi 182 sa 189, il-Kummissjoni tqis *prima facie* li l-eżenzjoni parzjali mis-CSPE mogħtija lil dawk li jikkunsmaw l-elettriku personalment hija ta' vantaġġ għalihom.

(194) Il-Kummissjoni mbagħad eżaminat jekk dan il-vantaġġ kienx selettiv għall-konsum personali tal-elettriku awtoġenerat mill-koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja u minn sorsi rinnovabbli.

(195) L-ewwel nett, is-sistema ta' referenza ġiet deskritta fil-premessa 165. Is-sistema ta' referenza, is-CSPE, jiġifieri taxxa ffinanzjata mill-konsumaturi kollha tal-elettriku u li għandha għanijiet speċifiċi.

(196) It-tieni, fir-rigward tal-eżenzjoni mis-CSPE, għall-konsum personali ta' elettriku prodott minn impjanti li jużaw enerġiji rinnovabbli jew il-koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja, għas-sehem tas-CSPE użat għall-finanzjament tal-enerġiji rinnovabbli u tal-koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja, il-Kummissjoni tqis li l-benefiċjarji ta' din l-eżenzjoni huma fl-istess sitwazzjoni fattwali u legali tal-kontributuri l-oħrajn għas-CSPE fir-rigward tal-għan tagħha li jipprovdi li l-konsumaturi finali kollha tal-elettriku għandhom jipparteċipaw fis-sistema sabiex jiffinanzjaw l-għanijiet tas-CSPE.

(197) Il-Kummissjoni tinnota li l-awtoprodutturi li għażlu li jużaw enerġija rinnovabbli jew il-koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja għall-konsum personali tal-elettriku jikkontribwixxu direttament għall-għanijiet ta' żewġ miżuri

([36]) SA.46526, paragrafu 94
([37]) Fil-kawżi magħquda C-78/08 sa C-80/08, *Paint Graphos et* [2011], *il-Qorti tal-Ġustizzja rreferiet għall-possibbiltà li tibbaża ruħha fuq in-natura jew fuq is-sistema fiskali nazzjonali sabiex jiġi ġusitifikat li soċjetajiet kooperattivi li jqassmu l-profitti kollha tagħhom lill-membri tagħhom ma jkunux intaxxati fil-livell tal-kooperattiva jekk it-taxxa tinġabar fil-livell tal-membri tagħhom (paragrafu 71).* ECLI:EU:C:2011:550

li s-CSPE trid tiffinanzja, jiġifieri l-appoġġ għall-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli u l-produzzjoni tal-elettriku minn impjanti ta' koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja. Madankollu Franza kkonfermat li l-awtoprodutturi ma kinux jibbenefikaw minn miżuri ta' appoġġ għall-parti kkunsmata minnhom stess. L-elettriku injettat fin-netwerk biss jista' jikseb appoġġ iffinanzjat mis-CSPE. Peress li l-awtoproduzzjoni tal-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli jew mill-koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja tikkontribwixxi bl-istess mod bħall-elettriku injettat fin-netwerk għall-għanijiet ta' protezzjoni ambjentali u ta' effiċjenza fl-enerġija tal-miżuri ta' appoġġ iffinanzjati mis-CSPE, il-Kummissjoni tqis għalhekk li huwa fil-loġika u fin-natura tas-CSPE li l-awtoprodutturi li jużaw enerġiji rinnovabbli jew il-koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja għall-konsum tagħhom stess (u li ma jibbenefikaw minn ebda appoġġ iffinanzjat mis-CSPE għal dan l-elettriku) jiġu eżentati mis-sehem tas-CSPE intiża għall-finanzjament tal-miżuri ta' appoġġ għall-enerġiji rinnovabbli u għall-koġenerazzjoni rispettivament ([38]). Għaldaqstant din l-eżenzjoni ma tikkostitwixxix vantaġġ selettiv.

(198) Għalkemm huwa ġġustifikat li awtoproduttur li juża l-koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja jiġi eżentat mill-parti tas-CSPE li tiffinanzja l-appoġġ għall-koġenerazzjoni, dan ma japplikax għall-parti tas-CSPE li tiffinanzja l-appoġġ għall-enerġiji rinnovabbli ħlief jekk l-impjant ta' koġenerazzjoni juża wkoll enerġiji rinnovabbli. Bl-istess mod, għalkemm huwa ġġustifikat li awtoproduttur li juża enerġiji rinnovabbli jiġi eżentat mill-parti tas-CSPE li tiffinanzja l-appoġġ għall-enerġiji rinnovabli, dan ma japplikax għall-parti tas-CSPE li tiffinanzja l-appoġġ għall-koġenerazzjoni, ħlief jekk l-impjant huwa nnifsu huwa impjant ta' koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja.

(199) Barra minn hekk, lanqas ma huwa ġġustifikat li awtoproduttur li juża l-koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja jew enerġiji rinnovabbli jiġi eżentat mill-parti tas-CSPE li tiffinanzja l-għanijiet l-oħrajn (jiġifieri t-tariffi soċjali u l-ugwalizzazzjoni tat-tariffi). Fil-fatt, fir-rigward tal-finanzjament ta' dawn l-għanijiet l-oħrajn, l-awtoprodutturi li jużaw il-koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja jew enerġiji rinnovabbli huma f'sitwazzjoni fattwali u legali simili għall-konsumaturi tal-elettriku l-oħrajn, minħabba li l-awtoproduzzjoni tagħhom ma tikkontribwixxix għal dawn l-għanijiet l-oħrajn.

(200) Il-Kummissjoni tenfasizza wkoll li l-eżenzjonijiet mis-CSPE mogħtija lis-siti li jikkunsmaw l-elettriku huma stess ma jistgħux ikunu ġġustifikati minn għan ta' interess komuni relatat mat-titjib tal-ġestjoni tad-domanda massima, kif allegat minn Franza, peress li dan l-għan ta' interess komuni mhuwiex għan tas-sistema ta' referenza tas-CSPE. Barra minn hekk, anki jekk wieħed jassumi li s-CSPE hija bbażata fuq għan bħal dan, l-eżenzjoni tal-konsum proprju fiha nfisha mhijiex biżżejjed biex jiġu ġestiti l-ħinijiet tad-domanda massima. Fil-fatt, dawk li jikkunsmaw l-elettriku huma stess huma dejjem konnessi man-netwerk sabiex ikunu jistgħu kemm jinjettaw il-produzzjoni żejda kif ukoll jibbenefikaw mill-elettriku tan-netwerk f'każ ta' manutenzjoni jew ħsara fl-impjanti tagħhom jew sempliċiment biex jissupplimentaw l-impjant ta' konsum proprju. Madankollu l-eżenzjoni mhijiex soġġetta għall-kundizzjoni li ma jikkunsmawx elettriku min-netwerk f'każ ta' konsum massimu.

(201) Franza sostniet ukoll li l-eżenzjoni parzjali tal-awtoproduzzjoni kienet iġġustifikata minħabba l-fatt li l-awtoprodutturi għażlu li ma jibbenefikawx mis-servizz pubbliku tal-elettriku. Il-Kummissjoni tinnota madankollu li Franza ma stabbilietx li s-CSPE kienet stabbilita skont il-grad ta' użu tas-servizz pubbliku tal-elettriku. B'hekk, Franza kkonfermat li l-awtoprodutturi kollha li jibbenefikaw mill-eżenzjoni parzjali tal-awtoproduzzjoni kienu konnessi man-netwerk pubbliku, b'mod li kollha għandhom il-possibbiltà li jużaw in-netwerk jekk ikun meħtieġ biex jinjettaw il-produzzjoni żejda tagħhom tal-elettriku jew biex jikkunsmaw l-elettriku tan-netwerk jekk l-impjant tagħhom ikollu xi ħsara jew bżonn ta' xi manutenzjoni. Il-Kummissjoni tinnota wkoll li fir-rigward tas-sehem tas-CSPE li jiffinanzja l-ugwalizzazzjoni tat-tariffi mat-territorji *extra*-Ewropej, l-awtoprodutturi u l-konsumaturi finali fi Franza kontinentali huma fl-istess sitwazzjoni peress li ħadd minnhom ma jibbenefika minn dan is-servizz iżda jkollhom jiffinanzjawh bi spirtu ta' solidarjetà.

(202) Fl-aħħar nett, Franza qieset li l-eżenzjoni (parzjali) kienet iġġustifikata minħabba d-Direttiva 2003/96/KE li tipprovdi li l-produtturi ż-żgħar tal-elettriku jistgħu jkunu eżentati mit-taxxa fuq l-elettriku diment li l-prodotti użati biex jiġi prodott dan l-elettriku jkunu ntaxxati minn band'oħra (ara l-premessi 76 u 111). Dwar dan il-punt, il-Kummissjoni tinnota li, bħalma Franza kienet qed tindika diġà fil-kitbiet tagħha qabel il-ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni formali, id-Direttiva 2003/96/KE mhijiex bħala tali applikabbli għas-CSPE. Barra minn hekk, li kieku kienet applikabbli għas-CSPE jew kien ikun xieraq li jiġu applikati l-prinċipji gwida tad-Direttiva 2003/96/KE b'analoġija, għandu jiġi konkluż li l-eżenzjoni mhijiex iġġustifikata. Peress li s-CSPE titħallas biss fuq l-elettriku, hija ma tapplikax fuq il-prodotti (minbarra l-elettriku) użati għall-produzzjoni ta' dan l-elettriku. B'hekk, l-applikazzjoni tad-Direttiva 2003/96/KE fir-realtà twassal għall-konferma li s-CSPE trid titħallas fuq l-elettriku.

([38]) Fl-istess sens, ara SA.38632, paragrafu 168 u SA.46526 (ĠU C 158, 4.5.2018).

5.1.3.3. L-impatt fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ bejn l-Istati Membri

(203) Il-kumpaniji li jibbenefikaw minn dawn l-eżenzjonijiet mis-CSPE jikkompetu ma' kumpaniji minn Stati Membri oħrajn. Il-konsumaturi li jikkunsmaw l-elettriku tagħhom stess u ttrattati hawnhekk mhumiex produtturi tal-elettriku iżda industrijalisti, attivi fis-setturi li ġejjin: kimika, siderurġija, petrokimika prinċipalment, kif spjegat minn Franza u mfakkar fil-premessa 78. Għaldaqstant, dawn l-eżenzjonijiet jistgħu jkollhom impatt fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ bejn l-Istati Membri.

5.1.3.4. Konklużjoni dwar l-eżistenza ta' għajnuna

(204) Il-Kummissjoni tikkonkludi li l-eżenzjonijiet mis-CSPE mogħtija rispettivament għall-konsum proprju tal-elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli u mill-koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja u ntiż għall-produzzjoni tal-elettriku mhumiex għajnuna mill-Istat, għas-sehem tas-CSPE maħsub biex jiffinanzja rispettivament l-enerġija rinnovabbli u l-koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja. Iżda l-eżenzjoni mis-sehem tas-CSPE maħsub biex jiffinanzja l-komponenti tas-CSPE għajr rispettivament l-appoġġ għall-enerġija rinnovabbli u l-appoġġ għall-koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat.

(205) Il-Kummissjoni għalhekk tapprova l-konklużjonijiet magħmula minn Franza fil-premessi 128 sa 131.

5.1.4. *Eżenzjonijiet mogħtija għall-konsum proprju minn sorsi oħrajn minbarra l-koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja u l-enerġiji rinnovabbli*

5.1.4.1. Għajnuna imputabbli lill-Istat u mogħtija permezz tar-riżorsi tal-Istat

(206) Għall-istess raġunijiet bħal dawk esposti fit-taqsima 5.1.2.1, il-Kummissjoni tikkonferma li dawn l-eżenzjonijiet huma imputabbli lill-Istat u mogħtija permezz ta' riżorsi tal-Istat.

5.1.4.2. Vantaġġ ekonomiku u selettività

(207) Kif diġà msemmi fil-premessa 193 il-Kummissjoni tqis li l-eżenzjoni parzjali mis-CSPE mogħtija lill-konsumaturi proprji hija ta' vantaġġ għalihom.

(208) Il-Kummissjoni tqis ukoll li l-eżenzjonijiet mogħtija lill-konsumaturi proprji, meta l-konsum proprju ma jkunx maħsub biex (i) jipproduċi l-elettriku, jew meta l-elettriku prodott u kkunsmat mill-konsumaturi nfushom ma jkunx ġej (ii) minn enerġiji rinnovabbli jew mill-koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja, jagħtu vantaġġ selettiv lill-benefiċjarji tagħhom, meta mqabbla mal-kontributuri għas-CSPE li huma fl-istess sitwazzjoni fattwali tal-kompetituri tagħhom li jħallsu s-CSPE.

(209) Is-sistema ta' referenza ġiet deskritta fil-premessa 165. Bħala tfakkira, is-CSPE hija taxxa li tapplika bi prinċipju għall-konsum kollu tal-elettriku fi Franza u li għandha l-għan li tiffinanzja l-miżuri li għandhom għanijiet speċifiċi.

(210) Meta l-benefiċjarju tal-eżenzjoni jkun awtokonsumatur għall-produzzjoni tal-elettriku, jew meta l-elettriku prodott u kkunsmat mill-produttur stess ma jkunx ġej minn enerġiji rinnovabbli u lanqas mill-koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja, ikun f'sitwazzjoni fattwali u legali bħall-konsumaturi l-oħrajn fir-rigward tal-għan tas-CSPE. B'mod partikolari, huwa jikkonsma l-elettriku u l-awtoproduzzjoni tiegħu ma tikkontribwixxi għall-ebda għan tal-miżuri ffinanzjati mis-CSPE.

(211) Il-Kummissjoni tenfasizza wkoll li l-eżenzjonijiet mis-CSPE mogħtija lis-siti li jikkunsmaw l-elettriku proprju ma jistgħux ikunu ġġustifikati mis-servizz ta' għan ta' interess komuni marbut mat-titjib tal-ġestjoni tad-domanda massima, kif allegat minn Franza, peress li dan l-għan ta' interess komuni mhuwiex għan relatat mas-sistema ta' referenza tas-CSPE. Barra minn hekk, anki jekk wieħed jassumi li s-CSPE tibbaża fuq tali għan, l-eżenzjoni tal-konsum proprju fiha nfisha ma tgħinx biex tiġi ġestita d-domanda massima. Fil-fatt, dawk li jikkunsmaw l-elettriku huma stess huma dejjem konnessi man-netwerk sabiex ikunu jistgħu kemm jinjettaw il-produzzjoni żejda kif ukoll jibbenefikaw mill-elettriku tan-netwerk f'każ ta' manutenzjoni jew ħsara fl-impjanti tagħhom jew sempliċiment biex jissupplimentaw l-impjant ta' konsum proprju. Madankollu l-eżenzjoni mhijiex soġġetta għall-kundizzjoni li ma jikkunsmawx elettriku min-netwerk f'każ ta' konsum massimu.

(212) Franza sostniet ukoll li l-eżenzjoni parzjali għall-awtoproduzzjoni kienet iġġustifikata minħabba l-fatt li l-awtoprodutturi għażlu li ma jibbenefikawx mis-servizz pubbliku tal-elettriku. Il-Kummissjoni tinnota madankollu li Franza ma stabbilietx li s-CSPE kienet stabbilita skont il-grad ta' użu tas-servizz pubbliku tal-elettriku. Barra minn hekk, Franza kkonfermat li l-awtoprodutturi kollha li jibbenefikaw mill-eżenzjoni parzjali għall-awtoproduzzjoni kienu konnessi man-netwerk pubbliku, b'mod li kollha għandhom il-possibbiltà li jużaw in-netwerk jekk ikun

meħtieġ biex jinjettaw il-produzzjoni tal-elettriku żejda jew biex jikkunsmaw l-elettriku tan-netwerk jekk l-impjant tagħhom ikollu xi ħsara jew bżonn ta' xi manutenzjoni. Il-Kummissjoni tinnota wkoll li s-CSPE hija maħsuba wkoll li tiffinanzja l-ugwalizzazzjoni tat-tariffi mat-territorji *extra*-Ewropej. Madankollu, f'dak li jirrigwarda l-finanzjament tal-ugwalizzazzjoni tat-tariffi, l-awtoprodutturi u l-konsumaturi finali fi Franza kontinentali huma fl-istess sitwazzjoni, peress li ħadd minnhom ma jibbenefika minn dan is-servizz iżda huma obbligati jiffinanzjawh, fi spirtu ta' solidarjetà. Barra minn hekk, l-awtokonsumaturi msemmija hawnhekk lanqas ma jikkontribwixxu għall-għanijiet ta' żvilupp tal-enerġija rinnovabbli jew tal-koġenerazzjoni, peress li l-produzzjoni tagħhom, li b'definizzjoni hija ta' oriġini fossili u ma tużax il-koġenerazzjoni, tmur saħansitra kontra dawn l-għanijiet.

(213) Franza sostniet ukoll li l-eżenzjoni parzjali tal-awtoġenerazzjoni sa 240 GWh, kienet tapplika b'mod ġenerali. Fuq dan il-punt, il-Kummissjoni tinnota li Franza kkonfermat li l-eżenzjoni fil-fatt kienet tirrigwarda biss ċerti setturi tal-ekonomija (ara l-premessi 35 u 36). Min-naħa l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret, fis-sentenza tagħha tal-21 ta' Diċembru 2016 (Il-Kummissjoni *vs* World Duty Free Group) ([39]), li miżura fiskali jew ħlas ikun selettiv jekk jiġi stabbilit li dan jintroduċi bejn operaturi li fid-dawl tal-għan imfittex mis-sistema fiskali ġenerali kkonċernata jkunu jinsabu f'sitwazzjoni fattwali u legali komparabbli, distinzjoni mhux iġġustifikata min-natura u l-istruttura ta' din is-sistema u intwera, fil-premessi 161 u 162, li l-eżenzjoni tintroduċi bejn operaturi li, fid-dawl tal-għan imfittex mis-sistema fiskali ġenerali kkonċernata jinsabu f'sitwazzjoni fattwali u legali komparabbli, distinzjoni mhux iġġustifikata min-natura u l-istruttura ta' din is-sistema.

(214) Għalhekk il-Kummissjoni ma taqbilx mal-argument ta' Franza mfakkar fil-premessi 111 u 112.

5.1.4.3. L-impatt fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ bejn l-Istati Membri

(215) Il-kumpaniji li jibbenefikaw minn dawn l-eżenzjonijiet mis-CSPE jikkompetu ma' kumpaniji minn Stati Membri oħrajn. Il-konsumaturi proprji ttrattati hawnhekk mhumiex produtturi tal-elettriku iżda industrijalisti attivi fis-setturi li ġejjin: il-kimika, is-siderurġija, il-petrokimika prinċipalment, kif spjegat minn Franza u mfakkar fil-premessa 78 ta' din id-Deċiżjoni. Għaldaqstant, dawn l-eżenzjonijiet jistgħu jkollhom impatt fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ bejn l-Istati Membri.

5.1.4.4. Konklużjoni dwar l-eżistenza ta' għajnuna

(216) Il-Kummissjoni tikkonkludi li l-eżenzjonijiet mis-CSPE mogħtija għall-konsum proprju tal-elettriku li mhuwiex maħsub għall-produzzjoni tal-elettriku u prodott minn sorsi oħrajn minbarra enerġiji rinnovabbli u l-koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja, huma għajnuna mill-Istat.

5.1.5. *Konklużjoni ġenerali dwar l-eżistenza ta' għajnuna għad-diversi komponenti tas-CSPE u dwar l-ammont stmat tagħha*

(217) Il-limiti massimi tas-CSPE għal kull sit u ta' 0,5 % tal-valur miżjud huma għajnuna mill-Istat.

(218) L-eżenzjonijiet mogħtija lis-siti li jikkunsmaw l-elettriku proprju huma għajnuna ħlief jekk l-elettriku kien ikkunsmat sabiex jiġi prodott l-elettriku u jekk l-eżenzjoni tirrigwarda l-elettriku proprju prodott minn enerġiji rinnovabbli jew mill-koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja, għas-sehem tas-CSPE li jiffinanzja l-enerġiji rinnovabbli u l-koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja rispettivament.

5.2. **Illegalità tal-għajnuna**

(219) Minħabba li t-tnaqqis tas-CSPE ġie implimentat qabel ma ntbagħtet notifika lill-Kummissjoni, l-awtoritajiet Franċiżi ma rrispettawx l-obbligi tagħhom skont l-Artikolu 108(3) TFUE.

(220) Għaldaqstant il-Kummissjoni tikkonkludi li l-limiti massimi tas-CSPE ta' 0,5 % tal-valur miżjud u għal kull sit, kif ukoll l-eżenzjonijiet mogħtija lill-konsumaturi proprji li huma għajnuna mill-Istat, huma għajnuna illegali.

([39]) Sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, *Il-Kummissjoni* vs *World Duty Free Group*; kawżi Magħquda C-20/15 P u C-21/15 P, ECLI:EU:C:2016:981, premessa 60. sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, Il-Kummissjoni *vs* Hansestadt Lübeck (Ajruport ta' Lübeck), C-524/14 P, ECLI:EU:C:2016:971, premessi 55 u 58.

### 5.3. **Analiżi tal-miżuri ta' għajnuna skont id-dispożizzjonijiet tal-Linji Gwida applikabbli għat-tnaqqis tat-taxxa ambjentali.**

(221) Il-Kummissjoni l-ewwel ivverifikat jekk is-CSPE setgħetx titqies bħala taxxa ambjentali skont it-Taqsima 3.7.1 tal-Linji Gwida tal-2014, il-punt 151 tal-Linji Gwida tal-2008 u l-punt 6 tal-Linji Gwida tal-2001.

#### 5.3.1. *Is-CSPE mhijiex taxxa ambjentali skont it-Taqsima 3.7.1 tal-Linji Gwida tal-2014, il-punt 151 tal-Linji Gwida tal-2008 u l-punt 6 tal-Linji Gwida tal-2001.*

(222) It-taxxi ambjentali skont il-Linji Gwida tal-2014 (punt 167) huma imposti sabiex iżidu l-kostijiet ta' mġiba li tagħmel ħsara lill-ambjent, u b'hekk jiskoraġġixxu mġiba bħal din u jżidu l-livell ta' ħarsien ambjentali. Il-kwalifika ta' taxxa ambjentali skont il-punt 167 moqri flimkien mal-punt 19(15) tal-Linji Gwida timplika għalhekk li l-miżuri jibdlu l-imġiba b'mod li jkun inqas ta' ħsara għall-ambjent u tinkludi l-ispejjeż ambjentali tal-prodott jew tas-servizz ikkonċernat. Definizzjoni simili tal-kunċett ta' taxxa ambjentali tinsab ukoll fil-Linji Gwida tal-2008 (ara l-punt 70(14) moqri flimkien mal-punt 151 tal-Linji Gwida) u fil-Linji Gwida tal-2001 (punt 6).

(223) F'dan il-każ, l-ammont tas-CSPE mhuwiex iddeterminat minn effett ta' inċentiv maħsub biex inaqqas l-imġiba ta' tniġġis, u lanqas biex jinternalizza l-impatti ambjentali tal-elettriku kkunsmat. Il-bażi taxxabbli speċifika mhux bilfors għandha effett negattiv fuq l-ambjent ladarba s-CSPE trid titħallas ukoll fuq l-elettriku ġġenerat minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli. Fir-realtà, is-CSPE trid titħallas fuq il-konsum kollu tal-elettriku, irrispettivament mill-impatt tal-elettriku kkunsmat fuq l-ambjent. Barra minn hekk is-CSPE mhix maħsuba biex tiggwida lill-manifatturi jew lill-konsumaturi lejn attivitajiet li jirrispettaw aktar l-ambjent. Għall-kuntrarju, tnaqqis tal-konsum ikun jeħtieġ żieda fis-CSPE dovuta biex jiġu koperti l-ispejjeż tal-enerġija rinnovabbli u tal-politiki l-oħrajn li jridu jiġu ffinanzjati.

(224) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota wkoll li l-punt 181 tal-Linji Gwida tal-2014 jispeċifika b'mod espliċitu li "*il-finanzjament ta' appoġġ għall-enerġija minn sorsi rinnovabbli għalkemm imposti mhux immirat lejn esternalità negattiva u għalhekk ma għandu l-ebda effett ambjentali dirett*".

(225) Għaldaqstant is-CSPE mhijiex taxxa ambjentali fis-sens tal-punti 167 u 181 tal-Linji Gwida tal-2014, u lanqas fis-sens tal-punti 70(14) u 151 tal-Linji Gwida tal-2008 u tat-Taqsima E.3.2. tal-Linji Gwida tal-2001 anki jekk is-CSPE tirriżulta f'żieda fil-prezzijiet tal-elettriku.

(226) Għaldaqstant, il-Kummissjoni ma taqbilx mal-evalwazzjoni ta' Franza dwar in-natura tas-CSPE, imfakkra fil-premessa 82.

#### 5.3.2. *Franza ma urietx li s-CSPE kienet taxxa ambjentali armonizzata skont id-Direttiva 2003/96/KE*

(227) Il-Kummissjoni tenfasizza l-ewwel nett li Franza fl-ebda ħin ma ddikjarat jew uriet li s-CSPE kienet taxxa ambjentali armonizzata skont id-Direttiva 2003/96/KE. Għall-kuntrarju, Franza ssostni li d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2003/96/KE japplikaw b'analoġija, u b'hekk tammetti, bħal qabel il-ftuħ tal-proċedura, li s-CSPE mhijiex taxxa armonizzata fuq l-enerġija skont id-Direttiva 2003/96/KE.

(228) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li s-CSPE ma tistax titqies bħala taxxa armonizzata skont id-Direttiva 2003/96/KE, peress li d-dħul miġbur mhuwiex allokat għall-baġit ġenerali.

(229) B'hekk il-Kummissjoni tikkonferma l-konklużjonijiet li kienet għamlet fil-premessa 155 tad-Deċiżjoni tal-ftuħ. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma tikkonfermax il-kummenti ta' Franza magħmula fil-premessi 81, u 84 sa 87.

#### 5.3.3. *In-nuqqas ta' applikabbiltà tat-Taqsimiet 3.7.1 tal-Linji Gwida tal-2014 u tal-Linji Gwida preċedenti bħala bażi għall-kompatibbiltà tal-miżura mas-suq intern*

##### 5.3.3.1. In-nuqqas ta' applikabbiltà tat-Taqsima 3.7.1 tal-Linji Gwida tal-2014 u tal-Linji Gwida preċedenti bħala bażi tal-kompatibbiltà tal-miżura

(230) Billi s-CSPE mhijiex taxxa ambjentali, it-Taqsima 3.7.1 tal-Linji Gwida tal-2014, dwar it-tnaqqis tat-taxxi ambjentali, ma tapplikax.

(231) Bl-istess mod, il-punt 151 tal-Linji Gwida tal-2008, li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet ta' kompatibbiltà tat-tnaqqis tat-taxxi ambjentali qabel id-dħul fis-seħħ tal-Linji Gwida tal-2014, ma japplikax.

(232) Għalhekk il-Kummissjoni ma taqbilx mal-kummenti li għamlet Franza u li huma esposti fil-premessi 88 u 90.

5.3.3.2. In-nuqqas ta' applikabbiltà, diretta jew b'analoġija, tal-punti 173 sa 175 tal-Linji Gwida tal-2014, tal-punti 152 sa 153 tal-Linji Gwida tal-2008 u tal-punt 49 tal-Linji Gwida tal-2001 bħala bażi ta' kompatibbiltà tal-miżura mas-suq intern

(233) Peress li ma ntweriex li s-CSPE hija taxxa ambjentali armonizzata u lanqas taxxa ambjentali, kif spjegat fit-Taqsima 5.3.2, il-punti 173 sa 175 tal-Linji Gwida tal-2014, il-punti 152 sa 153 tal-Linji Gwida tal-2008 u l-punt 49 tal-Lini Gwida tal-2001 ma japplikawx għas-CSPE peress li dawn japplikaw biss għat-taxxi ambjentali armonizzati.

(234) Anki kieku s-CSPE kellha tkun analizzata bħala taxxa ambjentali, hija tkun taxxa ambjentali mhux armonizzata li għaliha l-Linji Gwida tal-2014 jipprovdu kriterji ta' kompatibbiltà speċifiċi fil-punti 176 sa 178 tagħhom. Għaldaqstant, il-punti 173 sa (175) tal-Linji Gwida tal-2014 fl-ebda każ ma jistgħu jiġu applikati b'analoġija.

(235) Għall-istess raġunijiet, il-punti 152 u 153 tal-Linji Gwida tal-2008, dwar it-tnaqqis ta' taxxi armonizzati u applikabbli qabel l-1 ta' Lulju 2014, ma jistgħux jipprovdu bażi ta' kompatibbiltà mas-suq intern valida għat-tnaqqis tas-CSPE, li mhuwiex taxxa ambjentali armonizzata. Il-Linji Gwida tal-2008 kienu jinkludu wkoll kriterji ta' kompatibbiltà għal taxxi ambjentali mhux armonizzati. Għalhekk, anki jekk wieħed jassumi li s-CSPE tista' titqies bħala taxxa ambjentali, peress li mhijiex armonizzata, trid tiġi analizzata mhux b'analoġija mal-punti 152 u 153 tal-Linji Gwida tal-2008, iżda fid-dawl tal-punti 154 sa 159 tal-Linji Gwida tal-2008.

5.3.4. *In-nuqqas ta' konformità tal-miżuri mal-punti 176 sa 178 tal-Linji Gwida tal-2014 u mal-Linji Gwida preċedenti fl-ipoteżi li s-CSPE titqies bħala taxxa ambjentali mhux armonizzata*

(236) Il-Kummissjoni tinnota li, kieku s-CSPE kellha tkun kwalifikata bħala taxxa ambjentali mhux armonizzata, li ma ntweriex minn Franza f'dan il-każ, it-tnaqqis tas-CSPE ma jistax jitqies kompatibbli.

5.3.4.1. In-nuqqas ta' konformità mal-punti 176 sa 178 tal-Linji gwida tal-2014.

(237) L-ewwel nett ma ntweriex, kif speċifikat fil-punt 177(a) tal-Linji Gwida tal-2014, li l-għajnuna tingħata bl-istess mod għall-kompetituri kollha fl-istess settur jekk ikunu jinsabu f'sitwazzjoni fattwali simili. B'mod partikolari, il-limitu massimu tas-CSPE ta' 0,5 % tal-valur miżjud, applikabbli biss għall-klijenti industrijali li jikkunsmaw aktar minn 7 GWh, joħloq diskriminazzjoni bejn il-kompetituri attivi fl-istess settur tas-suq: għalkemm is-CSPE tirrappreżenta l-istess piż meta mqabbla mal-valur miżjur tagħhom, l-eżenzjoni tingħata biss meta l-konsum jilħaq ċertu limitu li *de facto* jeskludi lill-iżgħar kumpaniji ta' settur partikolari mill-benefiċċju tal-eżenzjoni.

(238) It-tieni, kif speċifikat fil-punt 177(b) tal-Linji Gwida tal-2014, l-impatt tal-ħlas ambjentali żejjed mingħajr tnaqqis, fuq iż-żieda tal-kostijiet ta' produzzjoni, ikkalkulat bħala proporzjon tal-valur gross miżjud, għal kull benefiċjarju u għall-perjodu kollu ta' bejn l-2003 u l-2015, ma ġiex ikkwantifikat biżżejjed f'dan il-każ. B'mod ġenerali, kif speċifikat fil-punt 177(c) tal-Linji Gwida tal-2014, ma ntweriex li din iż-żieda fil-kostijiet tal-produzzjoni ma setgħetx tgħaddi għand il-konsumaturi mingħajr ma tirriżulta fi tnaqqis sostanzjali fil-bejgħ;

(239) It-tielet, it-tnaqqis tas-CSPE ma jiżgurax il-ħlas minimu ta' 20 fil-mija meħtieġ fil-punt 178(a). Għall-kuntrarju jidher li f'numru kbir ta' każijiet, lanqas tħallas il-minimu ta' 20 fil-mija. Bħala eżempju, l-informazzjoni pprovduta minn Franza turi li fl-2014, 203 benefiċjarju ħallsu livell ta' CSPE inqas minn 20 fil-mija;

(240) Għalhekk, anki jekk wieħed jassumi li s-CSPE tikkwalifika bħala taxxa mhux armonizzata fuq l-enerġija, ma ġietx stabbilita l-konformità tat-tnaqqis tas-CSPE mat-Taqsima 3.7.1-2 tal-Linji Gwida tal-2014.

5.3.4.2. In-nuqqas ta’ konformità mal-Linji Gwida tal-2008.

(241) L-ewwel nett, il-Kummissjoni tqis li d-dispożizzjonijiet magħmula fil-punt 155 ta’ dawn il-Linji Gwida li skonthom Franza trid tipprovdi deskrizzjoni preċiża tal-lista tas-setturi għal kull benefiċjarju u tiddeskrivi s-sitwazzjoni tal-benefiċjarji, ma ġewx issodisfati.

(242) It-tieni nett, ma ntweriex, kif speċifikat mill-punt 158(a) tal-Linji Gwida tal-2008, li l-għajnuna mogħtija hija applikabbli bl-istess mod għall-kompetituri kollha tal-istess settur li jinsabu fl-istess sitwazzjoni fattwali. B’mod partikolari, il-limitu massimu tas-CSPE ta’ 0,5 % tal-valur miżjud, applikabbli biss għall-klijenti industrijali li jikkunsmaw aktar minn 7 GWh, joħloq diskriminazzjoni bejn kompetituri attivi fl-istess settur jew suq (ara wkoll il-premessa 237).

(243) It-tielet, ma ntweriex, kif speċifikat mill-punt 158(b) tal-Linji Gwida tal-2008, li t-taxxa mingħajr tnaqqis toħloq żieda sostanzjali tal-kostijiet ta’ produzzjoni, għal kull settur jew għal kull kategorija ta’ benefiċjarji individwali li jibbenefikaw mil-limitu massimu għal kull sit.

(244) Ir-raba’, ma ntweriex, kif speċifikat fil-punt 158(c) tal-Linji Gwida tal-2008, li ż-żieda tal-kostijiet li jirriżultaw mill-applikazzjoni tas-CSPE ma tistax tgħaddi għand il-konsumaturi mingħajr ma tirriżulta fi tnaqqis sostanzjali tal-bejgħ.

(245) Il-ħames, ma ntweriex, kif speċifikat mill-punt 159(a) tal-Linji Gwida tal-2008, li l-ammont ta’ CSPE imħallas mill-benefiċjarji tal-għajnuna huwa ekwivalenti għall-prestazzjoni ambjentali ta’ kull benefiċjarju meta mqabbel mal-prestazzjoni relatata mat-teknika bl-aħjar prestazzjoni, u lanqas li kull benefiċjarju jħallas mill-inqas 20 % tas-CSPE. Għall-kuntrarju, huwa stabbilit li ċerti benefiċjarji ħallsu inqas minn 20 % tas-CSPE, kuntrarjament għad-dispożizzjonijiet tal-punt 178(a). Pereżempju, l-informazzjoni li bagħtet Franza turi li, għal ċerti snin, numru konsiderevoli ta’ benefiċjarji ħallsu inqas minn 20 % CSPE fl-2014.

(246) Għalhekk il-Kummissjoni ma taqbilx mal-kummenti li għamlet Franza u esposti fil-premessa 90.

5.3.4.3. Nuqqas ta’ konformità mal-Linji Gwida tal-2001 ([40])

(247) L-ewwel nett, minħabba l-livelli xi drabi insinifikanti ħafna tas-CSPE imħallsa mill-benefiċjarji, il-Kummissjoni tqis li t-tnaqqis tas-CSPE ma jirrispettax id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 51(1)(b) ta’ dawn il-Linji Gwida, li jispeċifika li *“l-azjenda eliġibbli għat-tnaqqis tista’, madankollu, tħallas proporzjon sinnifikanti mit-taxxa nazzjonali.”* Bħala eżempju, għas-snin li għalihom Franza bagħtet informazzjoni dettaljata għal kull benefiċjarju, jidher li 202 benefiċjarji ħallsu inqas minn 20 % tas-CSPE.

(248) It-tieni, it-taxxa inkwistjoni għandu jkollha effett pożittiv f’termini ta’ protezzjoni tal-ambjent, kif ipprovdut fil-paragrafu 51(2)(b). Fil-fatt, is-CSPE, jew tal-inqas parti mit-taxxa li sservi għall-finanzjament tal-ugwalizzazzjoni tat-tariffa u tat-tariffi soċjali, m’għandhiex l-għan esklussiv li jkollha effett pożittiv f’termini ta’ protezzjoni tal-ambjent. Barra minn hekk, mhijiex it-taxxa bħala tali li għandha effett pożittiv fuq l-ambjent iżda biss il-miżuri parzjalment iffinanzjati mis-CSPE, b’mod li l-punti 51 u dawk sussegwenti tal-Linji Gwida tal-2001 ma japplikawx f’dan il-każ.

(249) It-tielet, rigward il-limitu massimu tas-CSPE ta’ 0,5 % tal-valur miżjud, li ġie introdott wara l-introduzzjoni tas-CSPE, Franza ma urietx li l-eżenzjoni kienet deċiża waqt it-tfassil tas-CSPE u lanqas li hija ġġustifikata minn bidla kbira fil-kundizzjonijiet ekonomiċi illi jpoġġu lill-kumpaniji f’sitwazzjoni kompetittiva partikolarment diffiċli. L-ammont tat-tnaqqis tas-CSPE ma jaqbiżx iż-żieda fl-ispejjeż li tirriżulta mill-bidla fil-kundizzjonijiet ekonomiċi wara l-introduzzjoni tat-taxxa. Għaldaqstant ma ntweriex li t-tnaqqis tas-CSPE mogħti minn Franza fil-perjodu ta’ bejn l-2003 u l-2011 jirrispetta l-paragrafu 51(2)(b) tal-Linji Gwida tal-2001. Barra minn hekk, il-limitu massimu għal kull sit tas-CSPE, ma kienx limitat għal għaxar snin kif ipprovdut mill-paragrafu 51(1) tal-Linji Gwida tal-2001.

(250) Għalhekk il-Kummissjoni ma taqbilx mal-kummenti li għamlet Franza u esposti fil-premessa 89.

([40]) Komunikazzjoni tal-Kummissjoni — Linji gwida tal-Komunità dwar l-għajnuna tal-Istat għall-ħarsien tal-ambjent, (ĠU C 37, 3.2.2001, p. 3)

### 5.4. **Konformità tat-tnaqqis tas-CSPE mat-Taqsima 3.7.2 tal-Linji Gwida tal-2014 u mal-Artikolu 107(3)(c) TFUE**

(251) Il-Kummissjoni vvalutat il-konformità tat-tnaqqis sa fejn is-CSPE isservi biex tiffinanzja l-enerġiji rinnovabbli fuq il-bażi tat-Taqsimiet 3.7.2 ("*Għajnuna fil-forma ta' tnaqqis fil-finanzjament ta' appoġġ għall-enerġija minn sorsi rinnovabbli*") u 3.7.3 ("*Regoli tranżitorji għal għajnuna mogħtija biex jitnaqqas il-piż relatat mal-appoġġ finanzjarju għall-enerġija minn sorsi rinnovabbli*") tal-Linji Gwida tal-2014. Hija vvalutat ukoll il-konformità tat-tnaqqis sa fejn is-CSPE isservi biex tiffinanzja l-miżuri ta' appoġġ għajr l-appoġġ għall-enerġiji rinnovabbli fuq il-bażi tal-Artikolu 107(3) TFUE.

#### 5.4.1. *Konformità tat-tnaqqis tas-CSPE sa fejn is-CSPE tiffinanzja l-produzzjoni tal-elettriku minn enerġiji rinnovabbli*

(252) It-Taqsima 3.7.2 tal-Linji Gwida tal-2014 tispjega kif il-Kummissjoni tanalizza l-kompatibbiltà ta' għajnuna fil-forma ta' tnaqqis tal-kontribuzzjonijiet li jintużaw għall-finanzjament tal-appoġġ għall-enerġija prodotta minn sorsi rinnovabbli mas-suq intern. Peress li parti mis-CSPE tiffinanzja l-produzzjoni tal-elettriku minn enerġiji rinnovabbli, il-Kummissjoni analizzat il-kompatibbiltà tat-tnaqqis tas-CSPE allokata għall-finanzjament tal-ġenerazzjoni mill-enerġiji rinnovabbli fid-dawl tat-Taqsimiet 3.7.2 u 3.7.3 tal-Linji Gwida tal-2014.

(253) Il-punt 182 tal-Linji Gwida tal-2014 jispjega li sal-punt li l-kostijiet ta' finanzjament tal-appoġġ tal-enerġija rinnovabbli jiġu rkuprati minn konsumaturi tal-enerġija, huma għandhom jiġu rkuprati b'mod li ma jiddiskriminawx bejn il-konsumaturi tal-enerġija. Madankollu, jista' jkun meħtieġ xi tnaqqis immirat f'dawn il-kostijiet biex tiġi żgurata bażi ta' finanzjament suffiċjenti għal appoġġ għall-enerġija minn sorsi rinnovabbli u għalhekk jgħin biex jintlaħqu l-miri tal-enerġija li tiġġedded stabbiliti fil-livell tal-UE. Fuq naħa, sabiex jiġi evitat li l-impriżi affettwati b'mod partikolari mill-kostijiet tal-finanzjament tal-appoġġ tal-enerġija rinnovabbli jitpoġġew fi żvantaġġ kompetittiv sinifikanti, l-Istati Membri jista' jkollhom ix-xewqa li jagħtu kumpens parzjali għal dawn l-kostijiet addizzjonali. Mingħajr tali kumpens il-finanzjament ta' appoġġ rinnovabbli jista' ma jkunx sostenibbli, u l-aċċettazzjoni pubblika għat-twaqqif ta' miżuri ambizzjużi ta' appoġġ dwar l-enerġija rinnovabbli tista' tkun limitata.

##### 5.4.1.1. Tnaqqis limitat għas-sehem tas-CSPE li jiffinanzja l-enerġiji rinnovabbli

(254) L-ewwel nett, il-Kummissjoni tinnota li Franza ssostni li l-appoġġ għall-produzzjoni tal-elettriku mill-inċinerazzjoni tal-iskart għandu jkun ta' 50 % biex jitqies bħala appoġġ għall-enerġiji rinnovabbli. Il-Kummissjoni taqbel ma' din l-analiżi, peress li Franza ġġustifikat dan il-perċentwal abbażi ta' statistika pubblika (l-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija u l-Eurostat), kif spjegat fil-premessa 134, li tindika li l-iskart maħruq jirrappreżenta 50 % tal-iskart bijodegradabbli u huwa għalhekk sors ta' enerġija rinnovabbli skont il-paragrafu 19(5) u 19(6) tal-Linji Gwida tal-2014.

(255) Il-paragrafu 184 tal-Linji Gwida tal-2014 jipprovdi li sabiex ikun żgurat li l-għajnuna sservi biex tiffaċilita l-finanzjament ta' appoġġ għall-enerġija minn sorsi rinnovabbli, l-Istati Membri se jkollhom juru li l-kostijiet addizzjonali riflessi fi prezzijiet tal-elettriku ogħla li jiffaċċjaw il-benefiċjarji jirriżultaw biss mill-appoġġ għall-enerġija minn sorsi rinnovabbli. Il-kostijiet addizzjonali ġġenerati mill-parti tas-CSPE li tiffinanzja l-enerġiji rinnovabbli ma jistgħux għalhekk jaqbżu l-ammont tal-kontribuzzjonijiet li jiffinanzjaw l-appoġġ għall-enerġiji rinnovabbli.

(256) F'dan il-każ, is-CRE ivverifikat li l-kontribuzzjonijiet miġbura mingħand il-konsumaturi finali bħala appoġġ għall-enerġiji rinnovabbli mhumiex ogħla mill-kost tal-appoġġ għall-enerġiji rinnovabli (u mill-politiki kollha l-oħrajn iffinanzjati mis-CSPE), kif spjegat fil-premessi 14 u 15. B'mod partikolari, is-CRE ivverifikat li l-ħlasijiet iddikjarati mix-xerrejja obbligati taħt il-finanzjament tal-appoġġ għas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli ma jaqbżux il-kostijiet tal-appoġġ, jiġifieri d-differenza bejn l-ammonti mħallsa mix-xerrejja obbligati lill-produtturi tal-enerġiji rinnovabbli u l-prezz tas-suq li x-xerrejja obbligati kisbu meta biegħu l-elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli. Is-CRE żviluppat ukoll metodu biex tiddetermina l-prezz tas-suq ta' referenza li jħeġġeġ lill-operaturi jbigħu l-elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli bi prestazzjoni għolja. Għaldaqstant il-Kummissjoni tikkonkludi li d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 184 tal-Linji Gwida tal-2014 huma rrispettati.

##### 5.4.1.2. Għajnuna limitata għas-setturi u l-kumpaniji li jagħmlu użu intensiv mill-elettriku esposti għall-kummerċ internazzjonali

(257) Il-punti 185 u 186 tal-Linji Gwida tal-2014 jispeċifikaw li l-għajnuna trid tkun limitata għal setturi li huma esposti għal riskju biex iżommu l-pożizzjoni kompetittiva tagħhom fis-suq, minħabba l-kostijiet li jirriżultaw mill-iffinanzjar ta' appoġġ għall-enerġija minn sorsi rinnovabbli.

(258) Barra minn hekk, l-għajnuna tista' tingħata biss jekk l-impriża taqa' taħt is-setturi elenkati fl-Anness 3 tal-Linji Gwida tal-2014, jew jekk l-impriża jkollha intensità fl-użu tal-elettriku ta' mill-inqas 20 % u tkun tappartjeni għal settur b'intensità tal-kummerċ ta' mill-inqas 4 % fil-livell tal-Unjoni.

(259) Lista tas-setturi tal-minjieri u tal-manifattura li mhumiex inklużi fil-lista tal-Anness 3 tal-Linji Gwida tal-2014 li għandhom intensità kummerċjali internazzjonali ta' mill-anqas 4 % hija pprovduta fl-Anness 5 tal-Linji Gwida tal-2014.

(260) Il-Kummissjoni tinnota li Franza rrikonoxxiet li xi kumpaniji bbenefikaw minn tnaqqis jew eżenzjonijiet tas-CSPE meta ma kinux eliġibbli skont il-kriterji stabbiliti mil-Linji Gwida tal-2014, jew għax ma kinux attivi f'xi wieħed mis-setturi elenkati fl-Annessi 3 u 5 tal-Linji Gwida tal-2014, jew għax kienu attivi f'settur tal-Anness 5 tal-Linji Gwida tal-2014 iżda ma kinux jilħqu intensità fl-użu tal-elettriku ta' mill-inqas 20 %.

### 5.4.1.3. Proporzjonalità fir-rigward tat-Taqsima 3.7.2 tal-Linji Gwida 2014.

(261) Il-punt 188 tal-Linji Gwida 2014 jispeċifika li l-Kummissjoni tikkunsidra l-għajnuna bħala proporzjonali jekk il-benefiċjarji tal-għajnuna jħallsu mill-inqas 15 % tal-kostijiet addizzjonali mingħajr tnaqqis.

(262) Il-punt 189 tal-Linji Gwida 2014 jirrikonoxxi wkoll li minħabba ż-żieda sinifikanti tal-ħlasijiet addizzjonali għar-rinnovabbli, kontribuzzjoni proprja ta' 15 % ta' soprataxxa rinnovabbli sħiħa tista' tmur lil hinn minn dak li jistgħu jifilħu l-impriżi affettwati b'mod partikolari mill-piż. Għalhekk, l-Istati Membri għandhom il-possibbiltà li jillimitaw ulterjorment l-ammont tal-kostijiet għal 4 % tal-valur gross miżjud tal-impriża jekk din ikollha intensità fl-użu tal-elettriku ta' inqas minn 20 %, u sa 0,5 % tal-valur gross miżjud tal-impriża kkonċernata jekk din ikollha intensità fl-użu tal-elettriku ta' mill-anqas 20 %.

(263) F'dan il-każ, il-Kummissjoni tinnota li, għas-sena 2014 biss, mill-inqas 124 benefiċjarju ħallsu CSPE (intiża għall-finanzjament tal-appoġġ għall-enerġiji rinnovabbli) ta' inqas minn 15 fil-mija u għalhekk ma jirrispettawx il-punt 188 tal-Linji Gwida tal-2014. Barra minn hekk, Franza tat tnaqqis ta' CSPE ta' 0,5 fil-mija tal-valur miżjud skont kriterju ta' konsum, u mhux skont kriterju espliċitu ta' intensità fl-użu tal-elettriku. Bl-istess mod, il-kriterju tal-limitu minimu għal kull sit tas-CSPE ma jikkorrispondix għall-kriterju tal-intensità fl-użu tal-elettriku tal-Linji Gwida tal-2014. Għaldaqstant, il-Kummissjoni tikkonkludi li Franza ma urietx li r-regoli ta' proporzjonalità stabbiliti mil-Linji Gwida tal-2014 kienu rrispettati għal kollox. Għalhekk il-Kummissjoni ma tapprovax il-kummenti magħmula minn Franza u miġbura fil-qosor fil-premessi 105 u 106.

### 5.4.1.4. Pjan ta' aġġustament

(264) Il-punti 193 u 194 tal-Linji Gwida tal-2014, jipprovdu li l-Istati Membri għandhom japplikaw kriterji ta' eliġibbiltà u proporzjonalità stabbiliti fit-Taqsima 3.7.2. tal-Linji Gwida tal-2014 sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2019. Il-Kummissjoni tinnota li Franza ppreżentat pjan ta' aġġustament li jipprovdi għal żieda gradwali tal-kontribuzzjoni minima li trid titħallas, sabiex it-tnaqqis applikat għall-parti tas-CSPE intiża għall-finanzjament tal-appoġġ għall-enerġiji rinnovabbli jkun konformi mar-rekwiżiti tat-Taqsima 3.7.2. tal-Linji Gwida tal-2014 sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2019. Barra minn hekk hija ddeċidiet li twaqqaf is-CSPE fl-2016.

(265) Il-punt 195 tal-Linji Gwida tal-2014 jippermetti lill-pjan ta' aġġustament jilħaq b'mod progressiv il-livelli tal-għajnuna li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-kriterji ta' eliġibbiltà u proporzjonalità stabbiliti fit-Taqsima 3.7.2 tal-Linji Gwida tal-2014, sabiex tiġi evitata żieda f'daqqa fil-ħlas addizzjonali li jrid isir mill-kumpaniji individwali.

(266) Barra minn hekk, il-punt 196 tal-Linji Gwidatal-2014 jispeċifika li, sal-punt li l-għajnuna ġiet mogħtija fir-rigward tal-perjodu qabel id-data tal-applikazzjoni tal-Linji Gwida tal-2014, il-pjan għandu wkoll jipprevedi l-applikazzjoni progressiva tal-kriterji ta' eliġibbiltà u ta' proporzjonalità għal dak il-perjodu.

(267) Taħt il-punt 197 tal-Linji Gwida tal-2014, sal-punt li għajnuna fil-forma ta' tnaqqis jew eżenzjoni mill-piż relatat mal-appoġġ finanzjarju għall-elettriku minn sorsi rinnovabbli ġiet mogħtija qabel id-data tal-applikazzjoni tal-Linji Gwida tal-2014 għal impriżi li mhumiex eliġibbli taħt it-Taqsima 3.7.2. tal-Linji Gwida tal-2014, tali għajnuna tista' tiġi ddikjarata kompatibbli sakemm il-pjan ta' aġġustament jipprevedi minimu ta' kontribuzzjoni proprja ta' 20 % tal-kostijiet addizzjonali tas-soprataxxa mingħajr tnaqqis, li għandha tiġi stabbilita progressivament u mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2019.

(268) L-informazzjoni li baghtet Franza, għal ċerti snin li għalihom biss għandha statistika, uriet li għal dawn is-snin, numru sinifikanti ta' benefiċjarji kisbu tnaqqis akbar mil-livelli ta' tnaqqis permessi mil-Linji Gwida tal-2014. Għalhekk, fl-2004, pereżempju, 124 benefiċjarju tal-limitu massimu tas-CSPE ta' 0,5 % tal-valur miżjud ħallsu CSPE ta' inqas minn 15 fil-mija u 202 ħallsu CSPE ta' inqas minn 20 fil-mija tal-livell massimu tagħha. Barra minn hekk, 27 benefiċjarju tal-limitu massimu għal kull sit ħallsu inqas minn 15 fil-mija tas-CSPE, 39 oħra inqas minn 20 fil-mija tas-CSPE. Barra minn hekk il-Kummissjoni tinnota li d-934 benefiċjarju tal-limitu massimu tas-CSPE ta' 0,5 % tal-valur miżjud jappartjenu għal 135 settur ta' attività differenti (131 kodiċi NACE), jiġifieri bażi usa' minn dik permessa mill-Annessi 3 (68 kodiċi NACE) tal-Linji Gwida tal-2014.

(269) Għaldaqstant, Franza baghtet pjan ta' aġġustament intiż biex iġib il-livelli ta' tnaqqis mogħti bħala parti mill-miżura inkwistjoni, f'livelli konformi mal-Linji Gwida tal-2014 u biex jistabbilixxi l-livelli ta' CSPE li għandhom jitħallsu. Id-dettalji u l-metodi ta' dan il-pjan ta' aġġustament ġew ippreżentati fit-Taqsima 4.4. Il-Kummissjoni tqis l-ewwel nett li dan il-pjan ta' aġġustament jirrispetta d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 3.7.3 tal-Linji Gwida tal-2014. Franza għamlet ħilitha b'mod partikolari biex tivverifika li għall-benefiċjarji li jappartjenu f'wieħed mis-setturi elenkati fl-Anness 3 tal-Linji Gwida tal-2014 u għall-benefiċjarji li għandhom intensità ta' użu tal-elettriku ta' mill-inqas 20 fil-mija u li fl-istess ħin jappartjenu għal wieħed mis-setturi elenkati fl-Anness 5 tal-Linji Gwida 2014, l-ammont imħallas ta' CSPE maħsub għall-finanzjament tal-appoġġ għall-enerġiji rinnovabbli jilħaq tal-inqas wieħed mill-valuri li ġejjin:

— 15 fil-mija tal-ammont tas-CSPE maħsub biex jiffinanzja l-appoġġ għall-enerġiji rinnovabbli;

— 4 fil-mija tal-valur miżjud tagħha jekk il-kumpanija jkollha intensità fl-użu tal-elettriku ta' inqas minn 20 fil-mija;

— 0,5 fil-mija tal-valur miżjud jekkil-kumpanija jkollha intensità fl-użu tal-elettriku ta' 20 fil-mija jew aktar.

(270) Jekk dan ma jkunx il-każ, hija ntrabtet li tivverifika li l-ammont imħallas ta' CSPE maħsuba għall-finanzjament tal-appoġġ għall-enerġiji rinnovabbli jilħaq tal-inqas il-livell ta' kontribuzzjoni meħtieġ mill-pjan ta' aġġustament ibbażat fuq il-formula ta' progressjoni deskritta fil-premessa 140. Fl-aħħar nett, Franza spjegat li jekk il-kontribuzzjoni mħallsa minn benefiċjarju ma tikkorrispondix għall-ammont meħtieġ mill-pjan ta' aġġustament, id-differenza bejn il-kontribuzzjoni diġà mħallsa u l-kontribuzzjoni dovuta taħt il-pjan ta' aġġustament għandha tiġi rkuprata.

(271) Skont il-paragrafu 197 tal-Linji Gwida tal-2014, Franza ntrabtet li tivverifika jekk il-benefiċjarji mhux eliġibbli skont it-Taqsima 3.7.2 tal-Linji Gwida tal-2014 iżda li peress li bbenefikaw mit-tnaqqis tas-CSPE qabel l-1 ta' Lulju 2014, iħallsux tal-inqas 20 fil-mija tas-CSPE maħsuba għall-finanzjament tal-appoġġ għall-enerġiji rinnovabbli. Meta dan ikun il-każ, ma jkun meħtieġ ebda aġġustament addizzjonali. Jekk dan ma jkunx il-każ, jiġi applikat pjan ta' aġġustament progressiv li jżid b'mod progressiv l-ammont annwali ta' CSPE li trid titħallas biex, sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2019, ikunu jistgħu jintlaħqu 20 fil-mija tas-CSPE maħsuba għall-finanzjament tal-appoġġ għall-enerġiji rinnovabbli. Jekk il-kontribuzzjoni mħallsa minn benefiċjarju ma tikkorrispondix għall-ammont meħtieġ mill-pjan ta' aġġustament, Franza tipprovdi li tirkupra d-differenza bejn il-kontribuzzjoni diġà mħallsa u l-kontribuzzjoni dovuta skont il-pjan ta' aġġustament. Peress li Franza ddeċidiet li twaqqaf is-CSPE fl-2016, il-pjan ta' aġġustament jista' jieqaf japplika fil-31 ta' Diċembru 2015.

(272) Il-benefiċjarji mhux eliġibbli skont it-Taqsima 3.7.2 tal-Linji Gwida tal-2014 u li ma bbenefikawx mit-tnaqqis tas-CSPE qabel l-1 ta' Lulju 2014 se jkollhom iħallsu 100 fil-mija tas-CSPE maħsuba għall-finanzjament tal-appoġġ għall-enerġiji rinnovabbli sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2019.

(273) Il-Kummissjoni tinnota li l-verżjoni tal-pjan ta' aġġustament proposta minn Franza fit-23 ta' Novembru 2017, u spjegata fit-Taqsima 4.4, hija bbażata fuq analiżi estensiva u dettaljata tas-sitwazzjoni ta' kull benefiċjarju fir-rigward tas-CSPE. Għaldaqstant il-Kummissjoni tqis li Franza rrispettat il-paragrafi 198 sa 200 tal-Linji Gwida tal-2014.

(274) Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tinnota li l-paragrafu 248 tal-Linji Gwida 2014 jawtorizza bidu tal-pjan ta' aġġustament fl-2011. Skont dan l-istess paragrafu, il-Kummissjoni tqis li t-tnaqqis applikat fuq il-parti tas-CSPE maħsuba għall-finanzjament tal-appoġġ għall-enerġiji rinnovabbli qabel l-1 ta' Jannar 2011 jista' jiġi ddikjarat kompatibbli mas-suq intern.

5.4.1.5. Konklużjoni dwar il-kompatibbiltà tal-miżura mas-suq intern

(275) Abbażi tal-elementi ppreżentati fil-premessi 115 sa 148, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-pjan ta' aġġustament ippreżentat minn Franza u deskritt fit-Taqsima 4.4 huwa kompatibbli mat-Taqsima 3.7.3 tal-Linji Gwida tal-2014 sa fejn jikkonċerna l-parti tas-CSPE maħsuba għall-finanzjament tal-appoġġ għall-enerġiji rinnovabbli. Bl-istess mod, l-eżenzjonijiet mis-CSPE sa fejn is-CSPE tiffinanzja l-produzzjoni tal-elettriku minn enerġiji rinnovabbli huma kompatibbli mat-Taqsima 3.7.3. tal-Linji Gwida tal-2014 u mal-Artikolu 107(3)(c) TFUE, diment li t-tnaqqis mogħti ma jaqbiżx it-tnaqqis permess fuq il-bażi tal-pjan ta' aġġustament u li l-ammont minimu tal-parti tas-CSPE maħsuba għall-finanzjament tal-appoġġ għall-enerġiji rinnovabbli kif deskritt fil-premessi 269 sa 272 ikun tħallas.

(276) Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni tikkonkludi li kwalunkwe ammont ta' għajnuna ogħla mil-livelli permessi mill-pjan ta' aġġustament huwa meqjus inkompatibbli mas-suq intern u għandu jiġi rkuprat. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tivvalida l-arranġamenti għall-implimentazzjoni ta' dan il-pjan ta' aġġustament, kif spjegati minn Franza, fit-Taqsima 4.4 ta' din id-Deċiżjoni.

5.4.2. *Il-kompatibbiltà mas-suq intern tat-tnaqqis tas-CSPE sa fejn tiffinanzja politiki oħrajn tal-enerġija minbarra l-iżvilupp tal-produzzjoni tal-elettriku minn enerġiji rinnovabbli*

(277) Il-Kummissjoni tinnota, l-ewwel nett, li l-kompatibbiltà mas-suq intern tat-tnaqqis tas-CSPE sa fejn din tiffinanzja l-iskemi ta' appoġġ minbarra l-appoġġ għall-produzzjoni tal-elettriku minn enerġiji rinnovabbli, ma tistax tiġi evalwata la fid-dawl tat-Taqsima 3.7.1 tal-Linji Gwida tal-2014, u lanqas fid-dawl tat-Taqsimiet 3.7.2 u 3.7.3 ta' dawn l-istess Linji Gwida:

(278) Minn naħa, il-Kummissjoni tqis li t-tnaqqis tas-CSPE mogħti għall-iskemi ta' appoġġ għall-koġenerazzjoni, għall-ugwalizzazzjoni tat-tariffi u għat-tariffi soċjali, ma jistax jitqies bħala "taxxa ambjentali" għar-raġunijiet diġà esposti fil-premessi 223 sa 225.

(279) Min-naħa l-oħra, it-Taqsimiet 3.7.2 u 3.7.3 tal-Linji Gwida tal-2014 japplikaw biss għat-tnaqqis tat-taxxi maħsuba biex jiffinanzjaw l-appoġġ għall-enerġiji rinnovabbli. Għaldaqstant ma jkoprux it-tnaqqis tal-ħlasijiet żejda maħsuba għall-finanzjament tal-miżuri ta' appoġġ għall-koġenerazzjoni, għall-ugwalizzazzjoni tat-tariffi u għat-tariffi soċjali.

(280) Peress li ebda linja gwida oħra ma setgħet tiġi applikata għat-tnaqqis mogħti fuq dawn il-komponenti tas-CSPE, il-Kummissjoni eżaminat il-kompatibbiltà ta' dawn il-miżuri mas-suq intern fid-dawl tal-Artikolu 107(3)(c) TFUE. Il-Kummissjoni tista' tiddikjara miżura ta' għajnuna kompatibbli direttament skont l-Artikolu 107(3)(c) TFUE jekk din tikkontribwixxi għal għan ta' interess komuni, hija adegwata u meħtieġa biex jintlaħaq dan l-għan u proporzjonata, u jekk l-effetti pożittivi tagħha jisbqu l-effetti negattivi fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ.

(281) Il-Kummissjoni diġà kkonkludiet li eżenzjonijiet minn taxxi oħrajn għajr dawk maħsuba għall-finanzjament tal-enerġiji rinnovabbli setgħu jitqiesu li jsegwu għan ta' interess komuni. B'mod partikolari, il-Kummissjoni nnutat, fid-Deċiżjonijiet SA.38635 ([41]) u SA.42393 ([42]) tagħha li t-tnaqqis tat-taxxi fuq l-elettriku maħsuba biex jiffinanzjaw il-koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja jista' jitqies bħala li jikkontribwixxi għall-għan ta' interess komuni, li huwa adegwat u meħtieġ biex jintlaħaq dan l-għan jekk huwa meħtieġ biex jinżammu l-ħlasijiet li jiżguraw il-finanzjament tal-appoġġ għal din il-politika li fiha nfisha hija politika ta' interess komuni.

(282) Il-Kummissjoni vverifikat jekk is-CSPE li sservi biex tiffinanzja l-koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja, l-ugwalizzazzjoni tat-tariffi u t-tariffi soċjali, isservix għan ta' interess komuni u jekk it-tnaqqis kienx meħtieġ għaż-żamma tal-istabilità tal-finanzjament ta' dawn il-politiki:

5.4.2.1. Għan ta' interess komuni

Koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja

(283) Il-premessa 38 tad-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([43]) tiddefinixxi l-koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja bħala li tippermetti l-iffrankar tal-enerġija, ikkalkulat skont l-Anness II tad-Direttiva. Skont l-Anness II, din il-koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja trid tissodisfa żewġ kriterji. L-ewwel nett, il-produzzjoni ta' koġenerazzjoni minn unitajiet ta' koġenerazzjoni trid tipprovdi ffrankar tal-enerġija primarja ta' mill-inqas 10 % meta mqabbel mar-referenzi għall-produzzjoni separata tas-sħana u l-elettriku. It-tieni, il-produzzjoni minn unitajiet ta' skala żgħira u mikro koġenerazzjoni li jipprovdu ffrankar tal-enerġija primarja, tista' tikkwalifika bħala koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja.

([41]) ĠU C 336, 6.10.2017.
([42]) ĠU L 258, 6.10.2017.
([43]) Id-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-effiċjenza fl-enerġija, li temenda d-Direttivi 2009/125/KE u 2010/30/UE u li tħassar id-Direttivi 2004/8/KE u 2006/32/KE (ĠU L 315, 14.11.2012, p. 1).

(284) F'dan il-każ, kif spjegat fil-premessa 10(b), Franza spjegat li l-impjanti ta' koġenerazzjoni ffinanzjati mis-CSPE kienu kemm l-impjanti ta' koġenerazzjoni li l-effiċjenza fl-enerġija tagħhom kienet ogħla minn 65 fil-mija kif ukoll l-impjanti ta' koġenerrazzjoni bil-gass naturali b'effiċjenza fl-enerġija għolja ta' aktar minn 12 MW. Franza kkonfermat li dawn l-impjanti kollha kienu jissodisfaw il-kriterji tal-impjanti b'effiċjenza fl-enerġija għolja kif definiti mid-Direttiva 2012/27/UE ([44]).

(285) Il-Kummissjoni taqbel ukoll ma' Franza li l-appoġġ għall-inċinerazzjoni tal-iskart mhux bijodegradabbli iżda bl-użu tal-koġenerazzjoni b'effiċjenza fl-enerġija għolja jista' wkoll jitqies bħala appoġġ għall-koġenerazzjoni b'effiċjenza fl-enerġija għolja (ara wkoll il-premessa 134).

(286) Il-Kummissjoni tinnota li l-promozzjoni tal-koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja hija rikonoxxuta bħala għan ta' interess komuni minħabba li din tikkontribwixxi għall-effiċjenza tal-produzzjoni tal-enerġija u tnaqqas l-emissjonijiet tal-karbonju iżda li dawn l-esternalitajiet pożittivi mhumiex riflessi b'mod sħiħ fil-prezzijiet, b'mod li l-koġenerazzjoni b'effiċjenza fl-enerġija għolja ġeneralment ma tiżviluppax spontanjament mingħajr appoġġ addizzjonali (ara l-paragrafu 51 tal-Linji Gwida tal- 2008). Huwa għalhekk li l-Kummissjoni tippermetti għajnuna operattiva għall-koġenerazzjoni b'effiċjenza fl-enerġija għolja (ara l-punti 138, 139 u 151 tal-Linji Gwida tal-2014, it-Taqsima 3.1.7. tal-Linji Gwida tal-2008, it-Taqsima E.3.4. tal-Linji Gwida tal-2001) ([45]). Il-Kummissjoni taqbel għalhekk mal-kummenti li għamlet Franza fil-premessa 99(1).

Interess komuni ta' tnaqqis tas-CSPE maħsub għall-finanzjament tal-ugwalizzazzjoni tat-tariffi

(287) Il-Kummissjoni tosserva l-ewwel nett li l-finanzjament ta' miżuri li jillimitaw il-kosti tal-enerġija fir-reġjuni mbiegħda għandu tabilħaqq għan ta' interess komuni. Dan il-finanzjament huwa ġġustifikat l-ewwel nett mill-prijorità ta' koeżjoni reġjonali msemmija fl-Artikolu 3(3) TUE. Barra minn hekk, l-Artikolu 174 TFUE jiddikjara li l-Unjoni Ewropea "*għandha tiżviluppa u tfittex li twettaq l-azzjonijiet tagħha li jwasslu sabiex tissaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali fi ħdanha. B'mod partikolari, l-Unjoni għandha jkollha l-għan li tnaqqas id-diverġenzi bejn il-livelli ta' żvilupp tar-reġjuni varji u r-ritard ta' dawk ir-reġjuni li huma anqas favoriti. Fost ir-reġjuni konċernati, għandha tingħata attenzjoni partikolari lil żoni rurali, lil żoni milquta minn transizzjoni industrijali, u lil reġjuni li jbatu minn żvantaġġi naturali jew demografiċi gravi u permanenti bħal per eżempju r-reġjuni tat-tramuntana mbiegħda b'densità ta' popolazzjoni baxxa ħafna, u reġjuni insulari, reġjuni transkonfinali u reġjuni muntanjużi*". Fl-aħħar nett, l-Artikolu 349 TFUE jinsisti fuq il-ħtieġa li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-karatteristiċi u r-restrizzjonijiet tar-reġjuni ultraperiferiċi.

(288) F'dak li jirrigwarda r-reġjuni ultraperiferiċi, li jibbenefikaw b'mod sinifikanti mill-"ugwalizzazzjoni tat-tariffi", il-Kummissjoni nfisha fil-Komunikazzjoni reċenti tagħha dwar ir-reġjuni ultraperiferiċi ([46]), tinsisti fuq il-"*bżonn ċar li jittejbu l-isforzi biex ir-reġjuni ultraperiferiċi jiksbu l-benefiċċji kollha tas-sħubija fl-UE u jisfruttaw il-globalizzazzjoni.* " F'dak li jirrigwarda s-settur tal-enerġija, il-Komunikazzjoni tirrikonoxxi b'mod espliċitu l-problema relatata ma' konnessjoni insuffiċjenti ta' dawn it-territorji man-netwerks tal-elettriku tal-kontinent u għalhekk il-ħtieġa li jirċievu sussidji sabiex jiġu evitati prezzijiet għoljin tal-elettriku.

(289) Barra minn hekk, il-Kummissjoni diġà approvat miżuri ffinanzjati mill-Istati Membri għat-territorji li mhumiex konnessi biżżejjed, immirati biex jillimitaw il-prezzijiet tal-elettriku, sabiex tiġi evitata differenza kbira wisq mill-prezzijiet tal-kontinent ([47]).

(290) Għaldaqstant il-Kummissjoni tikkonkludi li hemm għan ta' interess komuni segwit mis-sehem tas-CSPE allokat għall-finanzjament tal-"ugwalizzazzjoni tat-tariffi".

(291) Il-Kummissjoni taqbel għalhekk mal-kummenti li għamlet Franza fil-premessa 99(2).

Interess komuni ta' tnaqqis tas-CSPE maħsuba għall-finanzjament tat-tariffi soċjali

(292) Il-Kummissjoni tenfasizza l-ewwel nett li l-komponent tas-CSPE maħsub biex jiffinanzja t-tariffi soċjali għandu għan ta' interess komuni. Dan huwa espress b'mod ċar mill-Artikoli 3 TUE u 174 TFUE, li jistabbilixxu b'mod espliċitu l-koeżjoni soċjali u ekonomika bħala għan tal-Unjoni Ewropea.

---

([44]) Nota tal-awtoritajiet Franċiżi tal-20 ta' Diċembru 2016, p. 16.
([45]) Permezz tad-Deċiżjoni tas-16 ta' Settembru 2016 il-Kummissjoni approvat l-iskema Franċiża ta' appoġġ għall-koġenerazzjoni SA.43719.
([46]) COM(2017) 623 final, 24.10.2017
([47]) SA.32060: "Alleged illegal State aid for discharging Public Service Obligations in the Non Interconnected Islands in Greece".

(293) Dawn l-għanijiet huma wkoll ripetuti fil-leġiżlazzjoni sekondarja tal-Unjoni Ewropea applikabbli fil-qasam tal-elettriku. B'mod partikolari, id-Direttiva 2009/72/KE ("id-Direttiva dwar l-Enerġija") tistipula fil-premessa 45 li "*l-Istati Membri għandhom jiżguraw li klijenti domestiċi u (…) impriżi żgħar, igawdu d-dritt li jkunu fornuti b'elettriku ta' kwalità speċifikata bi prezzijiet komparabbli b'mod ċar, trasparenti u raġonevoli..*" Il-premessa 53 ta' din id-Direttiva tippromwovi l-adozzjoni ta' miżuri u l-iżvilupp ta' pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali biex jiġi indirizzat il-faqar fl-enerġija. Barra minn hekk, l-Artikolu 3(7) tad-Direttiva jobbliga b'mod espliċitu lill-Istati Membri sabiex jieħdu l-miżuri xierqa biex jipproteġu lill-konsumaturi finali, u b'mod partikolari lill-klijenti vulnerabbli. Fl-aħħar nett il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Enerġija nadifa għall-Ewropej kollha tinsisti fuq il-ħtieġa li jiġu protetti l-klijenti vulnerabbli" ([48]), tinsisti wkoll fuq il-ħtieġa li jiġu protetti l-konsumaturi l-aktar vulnerabbli.

(294) Għaldaqstant il-Kummissjoni tikkonkludi li hemm għan ta' interess komuni segwit mis-sehem tas-CSPE allokat għall-finanzjament tat-tariffi soċjali.

(295) Il-Kummissjoni taqbel għalhekk mal-kummenti magħmula mill-assoċjazzjoni UNIDEN, esposti fil-premessi 71, u dawk magħmula minn Franza, esposti fil-premessi 99(3).

5.4.2.2. Natura xierqa u neċessità

(296) Il-Kummissjoni mbagħad ivverifikat jekk it-tnaqqis tas-CSPE jistax jitqies meħtieġ biex tiġi żgurata ż-żamma tal-finanzjament tal-miżuri ta' appoġġ għall-koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja, għall-ugwalizzazzjoni tat-tariffi u għat-tariffi soċjali.

(297) Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li tnaqqis tas-CSPE allokat għall-finanzjament tat-tariffi soċjali, mogħtija lill-kumpaniji b'intensità tal-elettriku għolja jista' jkun iġġustifikat mill-ħtieġa li jiġi żgurat finanzjament suffiċjenti tal-miżura, billi jiġi evitat li ammont għoli tas-CSPE jimponi piż kbir wisq għall-kumpaniji partikolarment sensittivi għas-soprataxxi tal-konsum tal-elettriku, jiġifieri l-kumpaniji li jużaw l-elettriku b'mod intensiv esposti għall-kummerċ internazzjonali. Piż kbir wisq jista' jwassal għall-għeluq tal-kumpaniji u jipperikola s-sostenibbiltà tal-finanzjament tal-miżuri ta' appoġġ u fl-aħħar mill-aħħar l-għanijiet segwiti mill-miżuri ta' appoġġ.

(298) Sabiex jiġi evitat li l-konsumaturi tal-elettriku partikolarment affettwati mill-kostijiet ta' finanzjament tal-koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja, l-ugwalizzazzjoni tat-tariffi u t-tariffi soċjali, jiġifieri kemm kumpaniji li jużaw l-elettriku b'mod intensiv kif ukoll esposti għall-kompetizzjoni internazzjonali, jistgħu jsibu ruħhom f'sitwazzjoni ta' falliment jew ta' rilokazzjoni barra l-Unjoni Ewropea, jista' jkun meħtieġ tnaqqis fil-ħlasijiet imposti fuq il-konsum tal-elettriku. Fil-fatt, il-falliment jew ir-rilokazzjoni ta' numru kbir ta' kumpaniji jista' jherri l-bażi finanzjarja. Minflok ma jħallsu ammont inqas tas-CSPE, il-kumpaniji affettwati lanqas ikkontribwew għall-finanzjament tagħha, li jimplika finanzjament aktar sinifikanti mingħand il-konsumaturi sabiex jiġi ffinanzjat l-appoġġ għall-koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja, għall-ugwalizzazzjoni tat-tariffi u għat-tariffi soċjali, biex b'hekk tonqos l-aċċettabbiltà tal-miżuri għall-bqija tal-kontributuri.

(299) Il-Kummissjoni tinnota f'dan ir-rigward li d-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-effiċjenza fl-enerġija, stabbiliet għan ta' 20 fil-mija ta' effiċjenza fl-enerġija u pprovdiet għanijiet nazzjonali, li l-koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja tista' tgħin b'mod sinifikanti biex jintlaħqu. Fit-23 ta' Ottubru 2014, il-Kunsill Ewropew stabbilixxa wkoll għan ta' 27 fil-mija titjib tal-effiċjenza fl-enerġija għall-2030.

(300) Għaldaqstant, il-ħtiġijiet tal-finanzjament tal-appoġġ għall-koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja jistgħu jkunu sinifikanti. Dan huwa l-każ fi Franza, peress li 25 fil-mija tas-CSPE hija allokata għall-finanzjament tal-koġenerazzjoni, jiġifieri EUR 1,7 biljun. Barra minn hekk, fi Franza il-ħlas addizzjonali maħsub biex jiffinanzja l-koġenerazzjoni jiżdied mal-komponenti l-oħrajn tas-CSPE, fosthom dak li jiffinanzja l-enerġiji rinnovabbli (EUR 2,7 biljun).

(301) Dan il-ħlas jiżdied aktar bil-finanzjament tal-"ugwalizzazzjoni tat-tariffi" u tat-tariffi soċjali li jiżdiedu mal-komponenti l-oħrajn tas-CSPE. Dawn il-komponenti tal-"ugwalizzazzjoni tat-tariffi" u tat-tariffi soċjali tas-CSPE flimkien irrappreżentaw 34 fil-mija tas-CSPE fuq il-perjodu tal-2003 sal-2014 u EUR 12,7 biljun.

(302) Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li minħabba l-kobor relattiv tas-CSPE (l-ammont tas-CSPE ta' EUR 19,5/MWh, meta mqabbel ma' prezz Day-ahead fuq Bażi ta' EUR 38,8/MWh għall-istess sena) u ż-żieda kbira tagħha matul il-perjodu tal-2003 u l-2015 (+ 550 fil-mija), Franza setgħet tqis neċessarju li tipprovdi tnaqqis tas-CSPE għall-kumpaniji l-aktar sensittivi għal din iż-żieda fil-ħlas.

([48]) "Providing a Fair Deal for Consumers"

(303) Il-Kummissjoni tinnota wkoll li l-miżuri huma xierqa biex jintlaħaq l-għan ta' interess komuni mfittex. Il-Kummissjoni tinnota f'dan ir-rigward li l-miżuri kollha ta' appoġġ huma relatati mas-servizz pubbliku tal-elettriku fi Franza: il-promozzjoni tal-koġenerazzjoni sabiex titjieb l-effiċjenza fl-enerġija tal-produzzjoni tal-elettriku Franċiża u l-impatt tagħha fuq l-ambjent, il-ġlieda kontra l-faqar fl-enerġija permezz tal-istabbiliment ta' tariffi soċjali tal-elettriku, il-garanzija ta' aċċess għal elettriku bi prezz ekwivalenti għat-Territorji *extra*-Ewropej inqas konnessi u li m'għandhomx park ta' produzzjoni ekwivalenti għall-park disponibbli fil-Metropoli. F'dan ir-rigward huwa konsistenti li Franza tkun trid tiżgura l-finanzjament tal-miżuri kkonċernati permezz ta' kontribuzzjoni obbligatorja fuq il-konsum tal-elettriku fi Franza.

Konklużjonijiet dwar l-eżistenza ta' għanijiet ta' interess komuni u l-adegwatezza u l-ħtieġa tal-miżura

(304) Abbażi ta' dawn l-elementi, il-Kummissjoni tikkonkludi li t-tnaqqis tas-CSPE maħsub għall-finanzjament tal-koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja, għall-ugwalizzazzjoni tat-tariffi u għat-tariffi soċjali jista' jitqies bħala li jikkontribwixxi għall-għan ta' interess komuni peress li jista' jitqies bħala meħtieġ biex jinżammu l-komponenti tas-CSPE, u b'hekk jiżgura l-appoġġ għal dawn il-politiki.

(305) Il-Kummissjoni taqbel għalhekk mal-kummenti li għamlet Franza, esposti fil-premessa 99(1) sa 99(3).

(306) Madankollu għandu jiġi enfasizzat li għalkemm l-ilħuq tal-għanijiet ta' effiċjenza fl-enerġija, tal-ġlieda kontra l-faqar fl-enerġija u taż-żamma tal-koeżjoni territorjali permezz ta' tariffi tal-elettriku ta' livell ekwivalenti bejn Franza kontinentali u t-Territorji *extra*-Ewropej jistgħu jitqiesu bħala li għandhom għan ta' interess komuni, it-titjib jew iż-żamma tal-kompetittività ta' kumpanija fiha nfisha u b'mod ġenerali ma tistax titqies bħala li hija għan ta' interess komuni skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3)(c) TFUE.

(307) Il-Kummissjoni tenfasizza li l-evalwazzjoni tal-għanijiet ta' interess komuni ma tistax tkun rikonoxximent ġenerali u sistematiku ta' kwalunkwe tnaqqis tat-taxxa jew tas-soprataxxa mħallsa mill-kumpaniji li jużaw l-elettriku b'mod intensiv.

(308) L-eżistenza ta' għan ta' interess komuni għal tnaqqis tas-CSPE ġiet rikonoxxuta biss sakemm dan it-tnaqqis jippermetti li tiġi żgurata l-istabilità tal-finanzjament ta' miżuri ta' appoġġ li għandhom għan ta' interess komuni ppruvat li jaqa' taħt il-politiki tal-Unjoni dwar l-enerġija.

(309) F'dan is-sens, il-Kummissjoni titbiegħed mill-kummenti ta' ALFI, esposti fil-premessa 67, ta' UNIDEN, esposti fil-premessa 71, u ta' Franza, esposti fil-premessi 100 sa 102, li tikkunsidra l-prevenzjoni ta' riskju fuq il-kompetittività u r-rilokazzjoni bħala għan ta' interess komuni. Madankollu, it-titjib tal-kompetittività ta' ċerti kumpaniji għad-detriment tal-kompetituri tagħhom ma jistax fih innifsu jitqies bħala għan ta' interess komuni fis-sens tal-Artikolu 107(3)(c) TFUE.

5.4.2.3. Effett ta' inċentiv, proporzjonalità u nuqqas ta' effett mhux iġġustifikat fuq id-distorsjoni tal-kompetizzjoni

(310) Il-Kummissjoni tosserva li għalkemm it-tnaqqis tal-ħlasijiet addizzjonali maħsuba biex jiffinanzjaw il-koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja, l-ugwalizzazzjoni tat-tariffi u t-tariffi soċjali huwa kbir wisq, jew ingħataw lil għadd kbir ta' setturi jew ta' benefiċjarji, il-piż globali maħsub biex jiffinanzja dawn il-miżuri jista' wkoll ikun mhedded u l-aċċettazzjoni tal-pubbliku għal dawn il-miżuri tista' tkun ipperikolata. B'mod parallel, id-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u l-impatt fuq il-kummerċ, maħluqa minn dan it-tnaqqis jistgħu jkunu sinifikanti.

(311) Sabiex tevalwa l-kompatibbiltà mas-suq intern ta' dan it-tip ta' tnaqqis, il-Kummissjoni indikat fid-Deċiżjonijiet tagħha SA. 42393 u SA.38635 li d-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 185 sa 187 tal-Linji Gwida tal-2014 huma bażi ta' analiżi rilevanti għall-identifikazzjoni tal-kumpaniji l-aktar sensittivi għall-introduzzjoni ta' taxxi għoljin fuq il-konsum tal-elettriku u sabiex jiġi stabbilit l-effett ta' inċentiv tal-għajnuna. Dan jidher partikolarment iġġustifikat minħabba li minn naħa l-appoġġ għall-koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja, għall-ugwalizzazzjoni tat-tariffi u għat-tariffi soċjali huwa kollu ffinanzjat mis-CSPE u għandhom għan ta' interess komuni marbut mas-settur tal-enerġija, bħall-appoġġ għall-enerġiji rinnovabbli, u min-naħa l-oħra, is-CSPE allokata għall-koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja, għall-ugwalizzazzjoni tat-tariffi u għat-tariffi soċjali tiżdied mal-komponenti tal-enerġija rinnovabbli tas-CSPE. Dawn il-komponenti kollha tas-CSPE huma strutturati u jinġabru b'mod identiku u indifferenzjat. Peress li s-CSPE tinġabar fi proporzjon tal-elettriku kkunsmat, din se taffettwa b'mod partikolari lill-

kumpaniji li għalihom il-kost tal-enerġija jirrappreżenta parti sinifikanti tal-valur miżjud u li ma jistgħux jittrasferixxu faċilment dawn il-kostijiet fuq il-konsumaturi finali mingħajr ma jitilfu ishma mis-suq, minħabba li s-setturi li fihom joperaw huma esposti għall-kummerċ internazzjonali. Dawn huma kumpaniji li jistgħu jiġu identifikati permezz tal-kriterji speċifikati fil-paragrafi 185 sa 187 tal-Linji Gwida tal-2014.

(312) Il-Kummissjoni indikat ukoll fid-Deċiżjonijiet tagħha SA.42393 u SA.38635 li tista' tuża l-paragrafi 188 u 189 tal-Linji Gwida tal-2014 bħala bażi biex tevalwa l-proporzjonalità tat-tnaqqis tal-ħlasijiet addizzjonali maħsuba biex jiffinanzjaw il-koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja, l-ugwalizzazzjoni tat-tariffi u t-tariffi soċjali. Dan jidher xieraq billi, minn naħa waħda l-koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja, l-ugwalizzazzjoni tat-tariffi u t-tariffi soċjali għandhom għanijiet ta' interess komuni fis-settur tal-enerġija, bħall-appoġġ għall-enerġiji rinnovabbli, li wkoll huwa kopert mis-CSPE, u min-naħa l-oħra t-tnaqqis mogħti u mmirat biex jiżgura s-sostenibbiltà tal-finanzjament ta' dawn il-miżuri ta' appoġġ billi jnaqqas it-taxxa għall-kumpaniji partikolarment affettwati mill-ħlasijiet addizzjonali għall-enerġija, iżda xorta waħda jeżiġi mingħandhom kontribuzzjoni suffiċjenti. F'dan ir-rigward, il-kriterji stabbiliti fil-punti 188 u 189 tal-Linji Gwida tal-2014 iservu biex jiddefinixxu dan il-bilanċ.

(313) Il-Kummissjoni tinnota f'dan ir-rigward li numru kbir ta' benefiċjarji eliġibbli huma kumpaniji li jużaw l-elettriku b'mod intensiv skont il-paragrafi 185 sa 187 tal-Linji Gwida tal-2014 u li ċertu numru ta' benefiċjarji jikkontribwixxu għall-minimu meħtieġ, jiġifieri 15 fil-mija tat-taxxa.

5.4.2.4. Pjan ta' aġġustament

(314) Għall-benefiċjarji li ma jikkwalifikawx bħala kumpaniji li jużaw l-elettriku b'mod intensiv skont il-paragrafi 185 sa 187 tal-Linji Gwida tal-2014, u għal dawk li, għalkemm jużaw l-elettriku b'mod intensiv skont dawn il-paragrafi, ma ħallsux tal-inqas 15 fil-mija tas-CSPE, jew 0,5 fil-mija tal-valur miżjud, skont il-każ, Franza ppreżentat pjan ta' aġġustament li jippermetti żieda gradwali tal-kontribuzzjoni tagħhom (ara t-Taqsima 4.4) sabiex jintlaħqu l-15 fil-mija (għall-kumpaniji li jużaw l-elettriku b'mod intensiv skont il-paragrafi 185 sa 187 tal-Linji Gwida tal-2014) u 100 fil-mija (għall-kumpaniji li ma jużawx l-elettriku b'mod intensiv) sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2019. Peress li s-CSPE tneħħiet fl-1 ta' Jannar 2016, il-pjan ta' aġġustament se jkun japplika sal-31 ta' Diċembru 2015.

(315) Dan il-pjan ta' aġġustament huwa aġġustament kumulattiv li jirrigwarda t-tnaqqis kollu tas-CSPE, li tiffinanzja l-enerġiji rinnovabbli, il-koġenerazzjoni, l-ugwalizzazzjoni tat-tariffi u t-tariffi soċjali kollha flimkien, u li l-kompatibbiltà tagħha mas-suq intern diġà ġiet evalwata mill-Kummissjoni fit-Taqsimiet 5.4.1 u 5.4.2.

(316) Il-Kummissjoni tqis li l-pjan ta' aġġustament huwa ġġustifikat għall-istess raġunijiet ta' dak implimentat għall-komponent tal-enerġija rinnovabbli tas-CSPE. B'mod partikolari, dan il-pjan ta' aġġustament jevita żieda kbira u f'daqqa tal-piż finanzjarju li l-konsumaturi jridu jġorru ladarba ma jibqgħux jibbenefikaw mit-tnaqqis tas-CSPE wara l-applikazzjoni tal-kriterji ta' proporzjonalità,stabbiliti fil-paragrafi 185 u 189 tal-Linji Gwida tal-2014 u f'dan is-sens jikkontribwixxu għas-sostenibbiltà tal-appoġġ għall-koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja, għall-ugwalizzazzjoni tat-tariffi u għat-tariffi soċjali, filwaqt li jinżammu l-aċċettabbiltà tal-appoġġ u l-finanzjament assigurat u kontinwu tiegħu.

<u>Data tal-bidu tal-pjanijiet ta' aġġustament</u>

(317) Il-Kummissjoni tapprova d-dati ta' bidu tal-pjanijiet ta' aġġustament:

(318) Rigward il-koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja, il-Kummissjoni tqis li l-punt tal-bidu tal-pjan ta' aġġustament, stabbilit għall-2011, għat-tnaqqis tas-CSPE immirata għall-finanzjament tal-enerġiji rinnovabbli u l-koġenerazzjoni, huwa ġġustifikat. Fil-fatt, f'Ġunju 2010 il-Kunsill Ewropew aċċetta mira ta' 20 fil-mija ta' effiċjenza fl-enerġija li trid tintlaħaq sal-2020. Matul l-2010 u l-2011, l-Unjoni Ewropea adottat diversi Pjanijiet ta' Azzjoni u Komunikazzjonijiet ([49]) fejn insistiet fuq l-importanza tal-effiċjenza fl-enerġija u l-ħtieġa li jissaħħu l-isforzi f'dan is-sens, anki ffinanzjati b'taxxi, f'dak li jirrigwarda l-ġenerazzjoni tal-elettriku biex tiżdied din l-effiċjenza fl-enerġija. Meqjus flimkien mad-Direttiva dwar l-effiċjenza fl-enerġija, li theġġeġ lill-Istati Membri jżidu l-miżuri ta' appoġġ tagħhom, u jikkontribwixxu għaż-żieda fil-kostijiet ta' finanzjament ta' dawn l-ispejjeż, it-tnedija ta' dan il-pjan fl-2011 huwa ġġustifikat.

([49]) Ara l-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-17 ta' Ġunju 2010, li jikkonfermaw l-għan ta' effiċjenza fl-enerġija bħala waħda mill-miri ta' strateġija ġdida għall-impjieg u tkabbir inklużiv u sostenibbli.

(319) Il-Kummissjoni tqis ukoll li, fid-dawl tal-progress limitat ta' dawn il-miżuri, qabel l-2011 (qabel l-implimentazzjoni tal-mira ta' 20 fil-mija), l-ammonti ta' tnaqqis mogħti qabel dawn is-snin ta' referenza jistgħu jitqiesu li ma jikkonformawx mal-kriterji tal-Artikolu 107(1) TFUE, iżda li huma koperti mill-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 994/98 ([50]) li kien applikabbli dak iż-żmien (għajnuna *de minimis*) jew li huma konformi mal-Artikolu 107(3)(b) TFUE minħabba li dan it-tnaqqis mogħti bejn Diċembru 2008 u Diċembru 2010 kien jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Qafas Temporanju tal-UE għall-miżuri ta' Għajnuna mill-Istat intiżi biex jappoġġjaw l-aċċess għall-finanzjament fil-kriżi ekonomika u finanzjarja (b'mod partikolari t-Taqsima 4.2.2. tiegħu) ([51]) u kien kopert mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni N7/2009 ([52]).

(320) Rigward il-komponenti l-oħrajn iffinanzjati mis-CSPE, il-Kummissjoni tqis li l-punt ta' tluq tal-pjan ta' aġġustament, stabbilit fl-2004, għat-tnaqqis tas-CSPE intiża biex tiffinanzja l-ugwalizzazzjoni tat-tariffi u t-tariffi soċjali, huwa wkoll iġġustifikat, din id-darba minħabba l-preskrizzjoni ta' għaxar snin applikabbli f'dan il-każ, ipprovduta fl-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2015/1589.

(321) Għall-benefiċjarji kkwalifikati bħala kumpaniji li jużaw l-elettriku b'mod intensiv skont il-paragrafi 185 sa 187 tal-Linji Gwida tal-2014, Franza uriet li ċerti benefiċjarji jħallsu mill-inqas 15 fil-mija tas-CSPE, 4 fil-mija jew 0,5 fil-mija tal-valur miżjud. Għall-benefiċjarji li jħallsu ammont inqas minn dawn il-limiti, Franza pproponiet l-implimentazzjoni ta' pjan ta' aġġustament li jadatta l-kontribuzzjoni tagħhom b'mod gradwali għall-minimu meħtieġ (ara t-Taqsima 4.4), b'mod li fid-data teoretika tal-1 ta' Jannar 2019, huma se jkollhom iħallsu mill-inqas 15 fil-mija tas-CSPE jew 0,5/4 fil-mija tal-valur miżjud skont il-każ.

(322) Abbażi tal-elementi esposti, b'mod partikolari l-impenn li jiġi implimentat pjan ta' aġġustament, il-Kummissjoni tikkonkludi li Franza uriet li t-tnaqqis tat-taxxi tas-CSPE intiżi għall-finanzjament tal-koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja, tal-ugwalizzazzjoni tat-tariffi u t-tariffi soċjali, huwa meħtieġ, xieraq, għandu effett ta' inċentiv u ma joħloqx distorsjoni indebita fil-kompetizzjoni u li għaldaqstant huwa kompatibbli mal-Artikolu 107(3)(c) TFUE, sakemm ma jaqbżux it-tnaqqis previst fil-pjan ta' aġġustament.

(323) Il-Kummissjoni żżid li fil-każijiet l-oħrajn kollha, il-kumpanija trid tilħaq il-100 fil-mija tat-taxxa fl-1 ta' Jannar 2019. Għaldaqstant it-tnaqqis mis-CSPE mogħti f'dawn il-każijiet l-oħrajn irid jiġi rkuprat. F'dan ir-rigward il-Kummissjoni tapprova l-pożizzjoni proposta minn Franza, spjegata fil-premessi 122 u 124.

(324) Għaldaqstant, il-Kummissjoni tapprova l-arranġamenti għall-applikazzjoni tal-pjan ta' aġġustament kif ippreżentati fil-premessi 117 sa 124, kif ukoll fit-Taqsimiet 4.4.5. sa 4.4.8.

5.4.2.5. Il-kompatibbiltà tat-tnaqqis mis-CSPE għas-sehem tas-CSPE allokat għall-għanijiet l-oħrajn minbarra l-iżvilupp tal-enerġiji rinnovabbli, il-koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja, l-ugwalizzazzjoni tat-tariffi u l-finanzjament tat-tariffi soċjali mas-suq intern

(325) Il-Kummissjoni tqis li Franza ma urietx li l-komponenti l-oħrajn tas-CSPE jiffinanzjaw miżuri ta' appoġġ li jsegwu għan ta' interess komuni, u lanqas li t-tnaqqis tat-taxxa huwa meħtieġ għall-kisba ta' dawn l-għanijiet u li huwa proporzjonat għal dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq l-għan imfittex.

(326) B'mod partikolari, f'dak li jirrigwarda l-parti tas-CSPE li tiffinanzja l-appoġġ għall-produzzjoni tal-enerġija mill-inċinerazzjoni tal-iskart mhux bijodegradabbli u mingħajr użu tal-koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja, il-Kummissjoni tinnota li hija ġeneralment tawtorizza biss appoġġ għall-produzzjoni tal-elettriku mill-inċinerazzjoni tal-iskart meta l-iskart ikun bijodegradabbli jew meta tintuża l-koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja. Fil-fatt, il-produzzjoni tal-elettriku mill-inċinerazzjoni ta' skart fossili ġeneralment ma teħtieġ ebda appoġġ biex tkun profittabbli u tista toħloq problemi f'dak li jirrigwarda l-ġerarkija tal-iskart. B'mod partikolari, l-inċentiv għall-produzzjoni tal-elettriku minn skart fossili joħloq is-$CO_2$ u jista' jnaqqas l-inċentiv ta' riċiklar jew użu mill-ġdid tal-iskart ikkonċernat; barra minn hekk, jista' jnaqqas l-inċentiv għall-użu tas-sħana diretta minflok tiġi konvertita f'elettriku meta mill-aspett ambjentali l-użu tas-sħana huwa aktar rilevanti minħabba effiċjenza akbar fl-enerġija. Franza ma urietx li l-appoġġ għall-produzzjoni tal-elettriku mill-inċinerazzjoni tal-iskart fossili (u skart ieħor mhux bijodegradabbli) ma kien jinkludi ebda inċentiv biex tiġi evitata l-ġerarkija tal-iskart u b'mod partikolari li jiġi rriċiklat. Fi kwalunkwe każ ma urietx li kienu meħtieġa miżuri ta' appoġġ ffinanzjati mis-CSPE biex jinċentivaw lill-inċineraturi tal-iskart fossili jipproduċu elettriku fid-dawl tal-kundizzjonijiet tas-suq.

([50]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 994/98 tas-7 ta' Mejju 1998 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 92 u 93 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għal ċertu kategoriji ta' għajnuna Statali orizzontali (ĠU L 142, 14.5.1998, p. 1).

([51]) ĠU C 83, 7.4.2009, p. 1.

([52]) ĠU C 91, 21.4.2009, p. 1.

(327) Hija rrikonoxxiet ukoll fin-nota tagħha tat-23 ta' Novembru 2017 li din il-parti tas-CSPE allokata għall-finanzjament tal-impjanti ta' inċinerazzjoni li jużaw riżorsi mhux bijodegradabbli ma setgħetx titnaqqas.

(328) It-tieni, Franza ma urietx li l-appoġġ iffinanzjat mis-CSPE u ntiż għall-appoġġ tal-impjanti għall-użu fl-eqqel ħinijiet kien meħtieġ biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija, fid-dawl tal-miżuri kollha diġà stabbiliti minn Franza sabiex tiżgura s-sigurtà tal-provvista u tal-kundizzjonijiet tas-suq bejn l-2003 u l-2015. Barra minn hekk, Franza ma urietx li l-impatt pożittiv ipotetiku tal-appoġġ għall-mezzi għall-użu fl-eqqel ħinijiet ikkonċernati kien jegħleb l-effett ta' distorsjoni fuq il-kompetizzjoni mill-appoġġ lil dawn il-mezzi ta' produzzjoni (b'mod speċjali l-ġeneraturi li jaħdmu bid-diżil u mibnija fis-snin 90). Franza kkonkludiet ukoll li s-sehem tas-CSPE allokat għal dan l-għan kellu jitħallas kollu, u dan ġie kkonfermat mill-Kummissjoni.

(329) Fl-aħħar nett, Franza ma urietx suffiċjentement li t-tnaqqis mill-parti tas-CSPE allokata għall-miżuri li jinkoraġġixxu l-produzzjoni indipendenti, ta' użu anċillari għas-servizz pubbliku tal-elettriku, ippreżentata fil-premessa 11(3), kellu għan ta' interess komuni. B'mod ġenerali, l-għan imfittex mhuwiex stabbilit b'mod ċar. Lanqas ma ġiet stabbilita l-ħtieġa ta' appoġġ u huwa saħansitra inqas stabbilit li l-effetti pożittivi ipotetiċi ta' dawn il-miżuri ta' appoġġ jegħlbu l-effetti negattivi tagħhom fuq il-kompetizzjoni. Għaldaqstant, lanqas ma huma stabbiliti l-adegwatezza u l-ħtieġa tat-tnaqqis ta' din il-parti tas-CSPE. Franza kkonfermat fin-nota tagħha tat-23 ta' Novembru 2017 li s-CSPE allokata għal dan il-għan kellha titħallas kollha, u dan huwa kkonfermat mill-Kummissjoni.

(330) Il-Kummissjoni tikkonferma b'hekk l-analiżi proposta minn Franza u ppreżentata fil-premessa 124.

5.4.2.6. Trasparenza

(331) Skont it-Taqsima 3.2.7. tal-Linji Gwida tal-2014, mill-1 ta' Lulju 2016, l-Istati Membri jridu jippubblikaw ċerta informazzjoni dwar il-benefiċjarji tal-għajnuna. Peress li l-miżuri ma baqgħux japplikaw mill-1 ta' Jannar 2016, it-Taqsima 3.2.7. tal-Linji Gwida tal-2014 mhijiex applikabbli.

5.4.2.7. Konklużjoni dwar il-kompatibbiltà tal-miżura mas-suq intern

(332) L-ewwel nett, il-Kummissjoni tikkonkludi li s-sehem tas-CSPE intiż biex jiffinanzja diversi għanijiet, minbarra l-enerġiji rinnovabbli li jinkludu l-inċinerazzjoni ta' skart bijodegradabbli, il-koġenerazzjoni li tinkludi l-inċinerazzjoni ta' skart mhux bijodegradabbli użata fil-koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja, l-ugwalizzazzjoni tat-tariffi u t-tariffi soċjali, għandu jitħallas kollu u li dan ma jistax jitnaqqas. Jekk ikun il-każ, irid jiġi rkuprat.

(333) It-tieni, fuq il-bażi tal-elementi ppreżentati fil-premessi 251 sa 274, dwar il-miżuri u l-pjan ta' aġġustament propost, il-Kummissjoni tikkonkludi li Franza uriet biżżejjed li parti mit-tnaqqis tas-CSPE kienet meħtieġa, xierqa, kellha effett ta' inċentiv u ma tfixkilx il-kompetizzjoni u li hija wkoll kompatibbli mal-Artikolu 107(3)(c) TFUE.

(334) Iżda l-Kummissjoni tikkonkludi li kwalunkwe ammont ta' għajnuna ogħla mil-livelli awtorizzati mill-pjan ta' aġġustament huwa inkompatibbli u għandu jitħallas lura mill-benefiċjarji tal-miżura. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tivvalida l-arranġamenti għall-implimentazzjoni ta' dan il-pjan ta' aġġustament, kif spjegati minn Franza, fit-Taqsima 4.4 ta' din id-Deċiżjoni.

5.4.3. *L-applikazzjoni tal-livelli de minimis*

(335) Il-Kummissjoni tinnota li Franza, kif spjegat fil-premessa (135), uriet l-intenzjoni tagħha li tapplika l-livelli *de minimis* ipprovduti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1046 ([53]), meta l-ammont tal-għajnuna jkun inqas minn EUR 200 000 fuq tliet snin kontinwi, għal kull tnaqqis.

(336) Il-Kummissjoni tispeċifika li sabiex jitqiesu applikabbli, il-miżuri jridu jkunu konformi mad-dispożizzjonijiet kollha tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1046.

([53]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1046 tat-28 ta' Ġunju 2016 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' wajers tal-molibdenu li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 (ĠU L 170, 29.6.2016, p. 19).

5.4.4. *Konklużjoni ġenerali*

(337) Kif spjegat fit-Taqsimiet 5.4.1 u 5.4.2, fuq il-bażi tal-elementi ppreżentati fil-premessi 252 sa 334, rigward kemm il-miżuri kif ukoll il-pjan ta' aġġustament, il-Kummissjoni tikkonkludi li Franza uriet biżżejjed li parti mit-tnaqqis tas-CSPE issegwi għan ta' interess komuni, hija meħtieġa, xierqa, proporzjonata, kellha effett ta' inċentiv u ma tfixkilx il-kompetizzjoni b'mod li jmur kontra l-interess komuni u li hija wkoll kompatibbli mal-Artikolu 107(3)(c) TFUE.

(338) Iżda Franza ma urietx li l-għajnuna li taqbeż l-ammonti ta' għajnuna permessi mill-pjan ta' aġġustament għandha għan ta' interess komuni, hija meħtieġa, xierqa proporzjonata, għandha effett ta' inċentiv u ma tfixkilx il-kompetizzjoni b'mod li jmur kontra l-interess komuni. Għaldaqstant din l-għajnuna hija inkompatibbli mal-Artikolu 107(3)(c) TFUE. L-istess japplika għat-tnaqqis tas-CSPE mogħti għall-parti tas-CSPE allokata għall-miżuri ta' appoġġ, minbarra l-appoġġ għall-enerġiji rinnovabbli, għall-koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja, għall-ugwalizzazzjoni tat-tariffi u għat-tariffi soċjali.

(339) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tapprova l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-pjan ta' aġġustament, kif deskritti minn Franza fit-Taqsima 4.4 u spjegati fil-premessi 329 u 334.

## 6. **KONFORMITÀ MAL-ARTIKOLI 30 U 110 TFUE**

(340) Skont ġurisprudenza kostanti tal-Qorti tal-Ġustizzja, it-taxxi ma jaqgħux fl-ambitu tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar l-għajnuniet mill-Istat sakemm dawn ma jkunux il-metodu ta' finanzjament ta' miżura ta' għajnuna, b'mod li jagħmlu parti integrali minn din il-miżura ([54]).

(341) Barra minn hekk, il-paragrafu 29 tal-Linji Gwida tal-2014 jispeċifika li jekk għajnuna mill-Istat jew il-kundizzjonijiet marbutin magħha, inkluż il-metodu ta' finanzjament tagħha, jekk dan ikun parti integrali mill-miżura, toħloq b'mod indeferibbli ksur tad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari tal-Artikoli 30 u 110 TFUE, l-għajnuna ma tistax tkun iddikjarata kompatibbli mas-suq intern.

(342) Il-Kummissjoni vverifikat jekk is-CSPE kellhiex titqies bħala li tagħmel parti integrali mill-għajnuna, u jekk allura kellhiex teżamina l-konformità tas-CSPE mal-Artikoli 30 u 110 TFUE, pereżempju.

(343) Il-ġurisprudenza tistipula li sabiex taxxa tista' tiġi kkunsidrata bħala li tagħmel parti integrali minn miżura ta' għajnuna, għandu jkun hemm rabta ta' allokazzjoni vinkolanti bejn it-taxxa u l-għajnuna skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti. Id-dħul mit-taxxa għandu neċessarjament jintuża għall-finanzjament tal-għajnuna. Jekk rabta bħal din teżisti, id-dħul mit-taxxa jinfluwenza direttament l-ammont tal-għajnuna u, konsegwentement, l-evalwazzjoni tal-kompatibbiltà ta' din l-għajnuna mas-suq intern ([55]).

(344) Il-Kummissjoni tqis li dan mhuwiex il-każ f'din il-kawża għal żewġ raġunijiet:

(345) Minn naħa, is-CSPE hija kontribuzzjoni obbligatorja biex jiġi ffinanzjat l-appoġġ għall-enerġiji rinnovabbli, għall-koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja u għal politiki oħrajn. Ma ġietx stabbilita biex tiffinanzja l-eżenzjonijiet eżaminati f'din id-Deċiżjoni.

(346) Jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li kontribuzzjoni li sservi biex tiffinanzja miżura ta' appoġġ ma tagħmilx part integrali minnha jekk l-ammont ta' din il-miżura ma jiddependix fuq id-dħul mill-kontribuzzjoni obbligatorja. Għalhekk meta tintuża kontribuzzjoni mill-baġit, apparti l-kontribuzzjoni obbligatorja, biex iseħħ il-finanzjament ta' għajnuna, din il-kontribuzzjoni ma tiffurmax parti integrali mill-għajnuna ([56]).

([54]) Is-sentenzi tat-13 ta' Jannar 2005, C 174/02, EU:C:2005:10, punt (25); tat-13 ta' Jannar 2005, Pape, C 175/02, ECLI:EU:C:2005:11, punt (14), u tas-27 ta' Ottubru 2005, Casino France et, C 266/04 sa C 270/04, C 276/04 u C 321/04 sa C 325/04, ECLI:EU:C:2005:657, punt (34)

([55]) Ara s-sentenzi Streetkgewest, punt (26), u tas-27 ta' Ottubru 2005, Casino France et, C-266/04 sa C-270/04, C-276/04 u C-321/04, Ġabra P I-9481, punt (40), Air Liquide Industries Belgium (C-393/04), ECLI:EU:C:2005:657, u Province de Liège (C-41/05), ECLI:EU:C:2006:403

([56]) DTS C-449/14 P 68-72, ECLI:EU:C:2016:848.

(347) Il-Kummissjoni tinnota li f'dan il-każ m'hemmx rabta ta' allokazzjoni vinkolanti bejn is-CSPE u l-iskema ta' appoġġ. Għalkemm is-CSPE hija fil-fatt allokata għall-finanzjament tal-iskema ta' appoġġ, il-Kummissjoni tqis iżda li ma hemmx korrelazzjoni vinkolanti bejn l-ammont tat-taxxa u l-ammont tal-għajnuna. Fil-fatt ma jistax jingħad li l-prodott tas-CSPE jaffettwa direttament il-kobor tal-iskema ta' għajnuna. Il-grafika li ġejja tispjega n-nuqqas ta' rabta ta' allokazzjoni vinkolanti u turi li mill-2007, il-kontribuzzjoni unitarja applikata ma tkoprix il-kost ta' finanzjament reali tal-miżuri appoġġjati:




*Sors:* Commission de régulation de l'énergie (Kummissjoni Regolatorja tal-Enerġija)

(348) Id-differenza tħallset direttament minn EDF. Kull sena, is-CRE (il-Kummissjoni Regolatorja tal-Enerġija) iddeterminat l-ammont ta' kontribuzzjoni meħtieġa biex tkopri l-kost reali tal-politiki li jridu jiġu ffinanzjat minnha.

(349) Barra minn hekk, minn perspettiva teknika, is-CSPE tinġabar minn EDF, li hija responsabbli għall-finanzjament tal-politiki li fit-teorija jridu jkunu koperti mis-CSPE. Id-differenza bejn is-CSPE miġbura u l-ammonti li ħallset EDF tammonta għal aktar minn EUR 5,3 biljun. Din id-differenza hija mqassma kif ġej (għal kull sena u għal kull politika):

**Differenzi bejn is-CSPE miġbura mill-EDF u l-kost reali tal-politiki ffinanzjati**

| | ENR | Inċineraz-zjoni | Koġeneraz-zjoni | Ugwaliz-zazzjoni tar-rati | Tariffi soċjali | Produz-zjoni fil-ħinijiet intensivi | Oħrajn | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 2003 | 26 | 6 | 138 | 66 | 0 | 4 | 3 | 243 |
| 2004 | 5 | 1 | 17 | 10 | 0 | 1 | 0 | 34 |
| 2005 | (22) | (4) | (98) | (60) | (12) | (5) | (3) | (204) |
| 2006 | (3) | (1) | (38) | (22) | (2) | (1) | (1) | (68) |
| 2007 | 1 | 6 | (70) | (115) | 1 | (4) | (1) | (182) |
| 2008 | (5) | 1 | (19) | (39) | (2) | (2) | (1) | (67) |
| 2009 | 128 | 3 | 219 | 341 | 18 | 10 | 5 | 724 |

| | ENR | Inċineraz-zjoni | Koġeneraz-zjoni | Ugwaliz-zazzjoni tar-rati | Tariffi soċjali | Produz-zjoni fil-ħinijiet intensivi | Oħrajn | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 2010 | 119 | (6) | 223 | 197 | 17 | 7 | 5 | 562 |
| 2011 | 578 | 17 | 368 | 360 | 15 | 6 | 9 | 1 353 |
| 2012 | 514 | 2 | 221 | 317 | 21 | 3 | 3 | 1 081 |
| 2013 | 381 | 5 | 118 | 209 | 19 | 2 | 1 | 735 |
| 2014 | 708 | 7 | 117 | 322 | 54 | 2 | 1 | 1 211 |
| 2015 | (19) | 0 | (3) | (8) | (1) | 0 | 0 | (31) |
| | 2 411 | 37 | 1 193 | 1 578 | 128 | 23 | 21 | 5 391 |

*Sors*: Nota tal-awtoritajiet Franċiżi lis-servizzi tal-Kummissjoni - 20 ta' Diċembru 2016

(350) Id-defiċit ta' EDF imbagħad ġie rimborżat fuq il-bażi tal-baġit tal-Istat (ara l-Artikolu 5 tal-Liġi Finanzjarja ta' rettifika għall-2015 Nru 2015-1786 dwar il-kompożizzjoni tal-kont ta' approprjazzjoni speċjali).

(351) Minħabba n-nuqqas ta' rabta ta' allokazzjoni bejn is-CSPE u l-miżuri appoġġati, il-konformità tas-CSPE mal-Artikoli 30 u 110 TFUE m'għandhiex tiġi vvalutata.

## 7. **RKUPRU TAL-GĦAJNUNA**

(352) Fuq il-bażi tat-TFUE u tal-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-Kummissjoni hija kompetenti biex tiddeċiedi jekk l-Istat Membru kkonċernat għandux jabolixxi jew jibdel l-għajnuna meta tkun sabet li din tkun inkompatibbli mas-suq intern ([57]). Bl-istess mod, il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet ukoll b'mod konsistenti li l-obbligu ta' Stat Membru li jabolixxi għajnuna kkunsidrata mill-Kummissjoni bħala mhux kompatibbli mas-suq intern, huwa maħsub sabiex terġa' tiġi stabbilita s-sitwazzjoni li kienet teżisti qabel ([58]).

(353) F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja stabbiliet li dan l-għan jintlaħaq meta l-benefiċjarju jkun ħallas lura l-ammonti mogħtija taħt l-għajnuna inkompatibbli. B'din ir-rifużjoni, il-benefiċjarju jitilef il-vantaġġ li kien igawdi fuq il-kompetituri tiegħu fis-suq, u tiġi stabbilita mill-ġdid is-sitwazzjoni li kien hemm qabel il-ħlas tal-għajnuna ([59]).

(354) F'konformità ma' dik il-ġurisprudenza, l-Artikolu 16(1) tar-Regolament (UE) 2015/1589 jipprevedi li "fejn jittieħdu deċiżjonijiet negattivi f'każijiet ta' għajnuna kontra l-liġi, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi li l-Istat Membru kkonċernat għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex jirkupra l-għajnuna mill-benefiċjarju (…)".

(355) Il-miżuri inkwistjoni huma għajnuna illegali peress li ġew implimentati bi ksur tal-Artikolu 108 TFUE. Barra minn hekk huma wkoll inkompatibbli u għalhekk għandhom jiġu rkuprati sabiex tiġi stabbilita mill-ġdid is-sitwazzjoni tas-suq qabel ingħataw. L-irkupru għandu jkopri l-perjodu mill-mument li l-benefiċċju ngħata lill-benefiċjarju, jiġifieri mill-mument li fih l-għajnuna kienet disponibbli għall-benefiċjarju sal-irkupru effettiv tagħha, u l-ammonti li għandhom jiġu rkuprati għandhom jipproduċu interessi sal-mument tal-irkupru effettiv tagħhom.

([57]) Ara l-każ C-70/72, Il-Kummissjoni *vs* Il-Ġermanja [1973] Ġabra 813, premessa 13, ECLI:EU:C:1973:87
([58]) Ara l-kawżi magħquda C-278/92, C-279/92 u C-280/92, Spanja *vs* Il-Kummissjoni [1994] Ġabra I-4103, premessa 75, ECLI:EU:C:1994:325
([59]) Ara l-każ C-75/97, Il-Belġju *vs* Il-Kummissjoni [1999] Ġabra I-030671, premessi 64 u 65, ECLI:EU:C:1999:311

(356) Għaldaqstant, l-għajnuna mogħtija minn Franza trid tiġi rkuprata fil-proporzjon inkompatibbli mas-suq intern. L-irkupru għandu jirrigwarda biss it-tnaqqis tas-CSPE mogħti bejn l-2004 u l-2015, għat-tnaqqis tas-CSPE li tiffinanzja l-ugwalizzazzjoni tat-tariffi u t-tariffi soċjali, u bejn l-2011 u l-2015 għat-tnaqqis tas-CSPE intiża għall-finanzjament tal-ġenerazzjoni tal-elettriku minn enerġiji rinnovabbli u permezz tal-koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja.

(357) L-ammont li għandu jiġi rkuprat għandu jkun ikkalkulat għal kull sena u għal kull benefiċjarju. Għal kull sena kkonċernata, għandu jkun limitat għad-differenza bejn l-ammont kompatibbli għal kull sena u l-ammont tas-CSPE effettivament imħallas. L-ammont kompatibli ta' CSPE għandu jiġi stabbilit skont l-applikazzjoni tal-pjan ta' aġġustament, f'dak li jirrigwarda s-CSPE maħsuba għall-finanzjament tal-appoġġ għall-enerġiji rinnovabbli, għall-koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja, l-ugwalizzazzjoni tat-tariffi u t-tariffi soċjali. F'dak li jirrigwarda s-sehem tas-CSPE li jiffinanzja għanijiet oħrajn għajr l-appoġġ għall-enerġiji rinnovabbli, għall-koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja, l-ugwalizzazzjoni tat-tariffi u t-tariffi soċjali, l-ammont ta' CSPE kompatibbli li jrid jitħallas huwa t-total tas-CSPE għas-sehem tas-CSPE allokat għal dawn l-għanijiet l-oħrajn.

(358) Għal kull benefiċjarju, għal kull sena u għal kull politika, għandhom jiġu kkalkolati żewġ ammonti: l-ammont ta' CSPE imħallas, kif ukoll l-ammont tal-livell minimu ta' CSPE li għandu jitħallas abbażi tal-pjan ta' aġġustament miżjud mat-total tas-CSPE li sservi biex tiffinanzja l-appoġġ għall-għanijiet għajr l-appoġġ għall-enerġiji rinnovabbli, għall-koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja, l-ugwalizzazzjoni tat-tariffi u t-tariffi soċjali.

### 7.1. **Kalkolu tal-ammonti ta' CSPE effettivament imħallsa**

(359) L-ammont tas-CSPE li effettivament tħallas mill-benefiċjarji fuq sena partikolari għandu jinkiseb mill-informazzjoni miġbura mis-servizzi tal-awtoritajiet Franċiżi. Dawn l-ammonti jirriżultaw mill-applikazzjoni tat-tipi differenti ta' tnaqqis tas-CSPE. Madankollu Franza spjegat li għad m'għandhiex l-informazzjoni kollha meħtieġa, u semmiet il-fatt li m'għandhiex *data* f'format elettroniku ta' bejn l-2003 u l-2010. Għaldaqstant jenħtieġ li jsir kalkolu preċiż tal-ammont li jrid jitħallas mill-karti arkivjati.

(360) Rigward il-benefiċjarji tal-limitu massimu ta' CSPE ta' 0,5 % tal-valur miżjud, is-CSPE effettivament imħallsa hija ugwali għall-minimu bejn CSPE teoretika ddeterminata mill-pjan ta' aġġustament u 0,5 fil-mija tal-valur miżjud. F'każ ta' valur miżjud negattiv, l-ammont ta' CSPE meqjus imħallas għandu jkun żero. Dan l-ammont imbagħad għandu jitqassam bejn il-politiki skont it-tabella ppreżentata fil-premessa 133.

(361) Rigward il-benefiċjarji tal-limitu massimu għal kull sit, is-CSPE effettivament imħallsa hija ugwali għall-minimu bejn is-CSPE teoretika ddeterminata mill-pjan ta' aġġustament u l-ammont tal-limitu massimu għal kull sit tas-sena kkunsidrata. Dan l-ammont ukoll għandu jitqassam bejn kull politika skont it-tabella ppreżentata minn Franza u li tinsab fil-premessa 133.

(362) Rigward il-benefiċjarji tal-eżenzjoni minħabba l-konsum proprju, is-CSPE effettivament imħallsa hija ugwali għad-differenza bejn il-konsum totali u l-konsum eżentat, immultiplikata bir-rata ta' unità annwali tas-CSPE ippreżentata fil-premessa 133.

(363) Għal kull sit benefiċjarju tal-limitu massimu għal kull sit, din tiġi ddeterminata jekk is-sit jappartjeni għal kumpanija li tibbenefika wkoll mil-limitu massimu ta' 0,5 % tal-valur miżjud. Għal kull sit benefiċjarju tal-eżenzjoni minħabba l-awtokonsum, din tiġi ddeterminata jekk is-sit jappartjeni għal kumpanija benefiċjarja tal-limitu massimu ta' 0,5 % tal-valur miżjud u jekk jibbenefika wkoll mil-limitu massimu għal kull sit.

(364) F'każ li sit, benefiċjarju tal-limitu massimu għal kull sit jew tal-eżenzjoni minħabba l-awtokonsum, jappartjeni għal kumpanija benefiċjarja tal-limitu massimu ta' 0,5 % tal-valur miżjud, allura għandu jiġi kkunsidrat il-limitu massimu tal-valur miżjud biex il-benefiċċju mogħti ma jiġix kontabilizzat darbtejn. Jekk fil-fatt il-kumpanija tibbenefika mil-limitu massimu ta' 0,5 % tal-valur miżjud, magħruf fis-sena ta' wara, ir-rimborż li jsir *a posteriori* għandu jikkonsisti fid-differenza bejn is-CSPE imħallsa u 0,5 fil-mija tal-valur miżjud tal-kumpanija.

(365) F'każ li sit jibbenefika mil-limitu massimu għal kull sit u mill-eżenzjoni minħabba l-konsum proprju, iżda ma jappartjenix għal kumpanija benefiċjarja tal-limitu massimu tal-valur miżjud, allura għandu jiġi kkunsidrat il-limitu massimu għal kull sit.

### 7.2. **Il-kalkolu tal-ammonti ta' CSPE dovuti skont l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat u l-applikazzjoni tal-pjanijiet ta' aġġustament**

#### 7.2.1. *Is-CSPE li għandha titħallas u mhux soġġetta għall-pjan ta' aġġustament*

(366) Il-Kummissjoni tqis l-ewwel nett li s-CSPE kollha dovuta mill-benefiċjarji u eskluża mill-pjan ta' aġġustament tirrigwarda s-sehem tas-CSPE maħsub biex jiffinanzja l-inċinerazzjoni tal-iskart mhux bijodegradabbli jew mhux allokat għall-koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja, l-appoġġ għall-impjanti li jintużaw fl-eqqel ħinijiet u l-appoġġ għal diversi miżuri bħall-finanzjament tal-kuntratti ta' enerġija garantita, u ppreżentati fil-premessi 11(1) sa 11(3) u 325 sa 330. Is-CSPE diġà mħallsa mill-benefiċjarji tista' tkun allokata bi prijorità għall-finanzjament ta' dawn il-politiki l-oħrajn għall-applikazzjoni tal-pjan ta' aġġustament u d-determinazzjoni tal-ammont ta' għajnuna li għandu jiġi rkuprat.

#### 7.2.2. *Data tal-bidu tal-pjanijiet ta' aġġustament*

(367) Il-Kummissjoni tapprova d-data tal-bidu tal-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' aġġustament ippreżentata fil-premessi 275, 318 sa 321, għas-sehem tas-CSPE maħsub biex jiffinanzja l-enerġiji rinnovabbli u l-koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja minn naħa, u għas-sehem tas-CSPE maħsub biex jiffinanzja l-ugwalizzazzjoni tat-tariffi u t-tariffi soċjali min-naħa l-oħra.

#### 7.2.3. *Il-kalkolu tal-ammonti ta' CSPE li għandhom jitħallsu u l-progressività tagħhom*

(368) Il-Kummissjoni tapprova l-metodu ta' kalkolu tal-ammonti li jridu jitħallsu għad-diversi komponenti tas-CSPE soġġetti għal pjan ta' aġġustament u spjegat fil-premessi 265 sa 274, għas-sehem tas-CSPE maħsub biex jiffinanzja l-enerġiji rinnovabbli u fil-premessi 316 sa 317 għas-sehem tas-CSPE allokat għall-finanzjament tal-koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja, tat-tariffi soċjali u tal-ugwalizzazzjoni tat-tariffi.

(369) Il-Kummissjoni tapprova l-prinċipju u l-metodu ta' kalkolu tal-progressività tal-ammonti tas-CSPE li għandhom jitħallsu, deskritt fil-premessa 140 u bbażat fuq liġi statistika.

(370) Il-Kummissjoni tapprova l-metodu ta' kalkolu tas-CSPE li għandha titħallas, stabbilta għal kull benefiċjarju f'sena partikolari permezz tal-formola li ġejja: *Ammont li għandu jitħallas għal kull sena għal kull politika ffinanzjata = ammont imħallas + (l-ammont li għandu jitħallas – l-ammont imħallas)* × [(e^n)-1]/[(e^N)-1] b'n tkun in-numru tas-sena tal-pjan (eżempju: għal pjan li jibda fl-2011 u b'applikazzjoni sħiħa fl-2019, fl-2011 n = 0, fl-2012 n = 1, …, fl-2019 n = 8) u N tkun in-numru ta' snin tal-pjan (eżempju: għall-istess eżempju preċedenti, N = 8).

(371) Il-Kummissjoni tapprova wkoll il-metodu tal-ikkunsidrar tal-livelli *de minimis*, kif spjegat fil-premessa 135.

### 7.3. **Il-kalkolu tal-ammonti li għandhom jiġu rkuprati**

(372) It-total tal-ammonti li għandhom jiġu rkuprati, għal kull benefiċjarju, għandu jkun ugwali (i) għad-differenza bejn l-ammonti ta' CSPE dovuti skont l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat u (ii) l-ammonti ta' CSPE effettivament imħallsa mill-benefiċjarji eliġibbli.

(373) F'dan il-każ, il-Kummissjoni tapprova l-metodu ta' kalkolu tal-ammonti li għandhom jiġu rkuprati deskritt minn Franza u ppreżentat fil-premessi 145 sa 148.

## 8. **KONKLUŻJONIJIET**

(374) Il-Kummissjoni ssib li Franza, b'mod illegali, implimentat il-limiti massimi ta'CSPE bi ksur tal-Artikolu 108(3) TFUE.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-miżuri ta' eżenzjoni mis-CSPE implimentati minn Franza favur dawk li jikkunsmaw l-elettriku prodott minnhom stess, li rriżultaw mill-implimentazzjoni tal-Liġi Nru 2003-8 tat-3 ta' Jannar 2003 dwar is-swieq tal-gass u tal-elettriku u s-servizz pubbliku tal-enerġija ("il-Liġi Nru 2003-8"), ma jikkostitwixxux għajnuna mill-Istat, fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, meta l-elettriku eżentat mis-CSPE jiġi kkunsmat mill-produttur stess biex jipproduċi l-elettriku.

*Artikolu 2*

Il-miżuri ta' eżenzjoni mis-CSPE implimentati minn Franza favur dawk li jikkunsmaw l-elettriku prodott minnhom stess minn enerġiji rinnovabbli, li rriżultaw mill-implimentazzjoni tal-Liġi Nru 2003-8, ma jikkostitwixxux għajnuna mill-Istat, fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, għas-sehem tas-CSPE li jiffinanzja l-ġenerazzjoni tal-elettriku minn enerġiji rinnovabbli.

*Artikolu 3*

Il-miżuri ta' eżenzjoni mis-CSPE implimentati minn Franza favur dawk li jikkunsmaw l-elettriku prodott minnhom stess mill-koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja, li rriżultaw mill-implimentazzjoni tal-Liġi Nru 2003-8, ma jikkostitwixxux għajnuna mill-Istat, fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, għas-sehem tas-CSPE li jiffinanzja l-koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja.

*Artikolu 4*

Il-miżuri ta' eżenzjoni mis-CSPE implimentati minn Franza bi ksur tal-Artikolu 108(3) TFUE favur dawk li jikkunsmaw l-elettriku prodott minnhom stess, li rriżultaw mill-implimentazzjoni tal-Liġi Nru 2003-8, jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat kompatibbli mas-suq intern, skont l-Artikolu 107(3)(c) TFUE, fil-każijiet għajr dawk imsemmija fl-Artikoli 1, 2 u 3 ta' din id-Deċiżjoni diment li dawn ġew allokati għall-finanzjament għall-appoġġ għall-enerġiji rinnovabbli, għall-koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja, għall-ugwalizzazzjoni tat-tariffi u għat-tariffi soċjali u diment li ma qabżux l-ammonti ta' tnaqqis mis-CSPE permessi mill-pjan ta' aġġustament.

*Artikolu 5*

Il-miżuri implimentati minn Franza bi ksur tal-Artikolu 108(3) TFUE, fil-forma ta' limiti massimi ta' CSPE għal kull sit u tal-valur miżjud, favur konsumaturi tal-elettriku, li rriżultaw mill-implimentazzjoni tal-Liġi Nru 2003-8, jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat kompatibbli mas-suq intern, skont l-Artikolu 107(3)(c) TFUE, diment li dawn ġew allokati għall-finanzjament għall-appoġġ għall-enerġiji rinnovabbli, għall-koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja, għall-ugwalizzazzjoni tat-tariffi u għat-tariffi soċjali u diment li ma qabżux l-ammonti ta' tnaqqis mis-CSPE permessi mill-pjan ta' aġġustament.

*Artikolu 6*

Il-Kummissjoni taċċetta l-pjanijiet ta' aġġustament notifikati minn Franza. Franza se jkollha tinforma lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni ta' dawn il-pjanijiet skont il-modalitajiet spjegati fl-Artikoli 10 u 11 u fl-iskadenzi speċifikati fl-Artikolu 12.

*Artikolu 7*

Il-miżuri ta' eżenzjoni mis-CSPE implimentati minn Franza bi ksur tal-Artikolu 108(3) TFUE favur dawk li jikkunsmaw l-elettriku prodott minnhom stess, li rriżultaw mill-implimentazzjoni tal-Liġi Nru 2003-8 tat-3 ta' Jannar 2003 dwar is-swieq tal-gass u tal-elettriku u s-servizz pubbliku tal-enerġija ("il-Liġi Nru 2003-8"), u l-miżuri implimentati minn Franza bi ksur tal-Artikolu 108(3) TFUE, fil-forma ta' limiti massimi ta' CSPE għal kull sit u tal-valur miżjud li mhumiex koperti mill-Artikoli 1 sa 5 ta' din id-Deċiżjoni huma għajnuna inkompatibbli. Franza hija obbligata li tirkupra l-għajnuna illegali u inkompatibbli mingħand il-benefiċjarji.

*Artikolu 8*

Kull għajnuna individwali mogħtija skont l-iskema msemmija fl-Artikolu 7 ma tikkostitwix għajnuna jekk, fil-ħin li tingħata, hija tissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati mir-regolament adottat skont l-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 994/98 li huwa applikabbli fiż-żmien meta tingħata l-għajnuna.

*Artikolu 9*

Kull għajnuna individwali mogħtija taħt l-iskema msemmija fl-Artikolu 7 li, meta ngħatat, kienet tissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati minn Regolament adottat skont l-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 994/98 jew minn kwalunkwe skema ta' għajnuna approvata oħra hija kompatibbli mas-suq intern sal-intensitajiet massimi tal-għajnuna applikabbli għal dak it-tip ta' għajnuna.

*Artikolu 10*

1. L-ammonti li għandhom jiġu rkuprati għandhom jinkludu magħhom l-imgħaxijiet mid-data meta tpoġġew għad-dispożizzjoni tal-benefiċjarji sad-data tal-irkupru effettiv tagħhom.

2. L-imgħax għandu jkun ikkalkulat fuq il-bażi ta' imgħax kompost skont il-Kapitolu V tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 ([60]).

3. Franza għandha tħassar il-pagamenti pendenti kollha ta' għajnuna skont l-iskema msemmija fl-Artikolu 7 b'effett mid-data tan-notifika ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 11*

1. L-irkupru tal-għajnuna mogħtija għandu jkun immedjat u effettiv.

2. Franza għandha tiżgura li din id-Deċiżjoni tiġi implimentata fl-erba' xhur li jsegwu d-data tan-notifika tagħha.

*Artikolu 12*

1. Fi żmien xahrejn min-notifika ta' din id-Deċiżjoni, Franza trid tippreżenta l-informazzjoni segwenti lill-Kummissjoni:

— il-lista finali tal-benefiċjarji tal-għajnuna mogħtija taħt l-iskema msemmija fl-Artikoli 4, 5 u 7,

— l-ammont totali tal-għajnuna riċevut taħt l-iskema msemmija fl-Artikoli 4, 5 u 7,

— l-ammont totali tal-għajnuna li kull wieħed minnhom jista' jieħu taħt il-pjan ta' aġġustament,

— l-ammonti ta' CSPE li kull wieħed minnhom irċieva u li mhijiex għajnuna taħt l-Artikoli 1 sa 3.

— l-ammont totali li għandu jiġi rkuprat mingħand kull wieħed minnhom taħt l-iskema msemmija fl-Artikolu 7

— l-ammont ta' rkupru finali totali (kapital u imgħax tal-irkupru) li għandu jiġi rkuprat mingħand kull benefiċjarju

— deskrizzjoni dettaljata tal-miżuri ppjanati sabiex ikun hemm konformità ma' din id-Deċiżjoni.

2. Il-proċedura tal-irkupru għandha tkun ġiet implimentata fl-erba' xhur ta' wara n-notifika ta' din id-Deċiżjoni. F'dan il-perjodu, Franza għandha tibgħat lill-Kummissjoni d-dokumenti li juru li l-benefiċjarji ġew ordnati jħallsu lura l-għajnuna u li effettivament ħallsu lura l-għajnuna li kellha tiġi rkuprata.

3. Franza għandha żżomm lill-Kummissjoni infurmata dwar il-progress tal-miżuri nazzjonali meħuda sabiex tiġi implimentata din id-Deċiżjoni sakemm l-għajnuna mogħtija skont l-iskema msemmija fl-Artikolu 7 tkun irkuprata kollha. Hija għandha tippreżenta minnufih, sempliċement fuq talba tal-Kummissjoni, l-informazzjoni kollha dwar il-miżuri li diġà ttieħdu u li kienu previsti biex tintlaħaq konformità ma' din id-Deċiżjoni. Għandha wkoll tipprovdi informazzjoni dettaljata dwar l-ammonti ta' għajnuna u mgħax diġà rkuprati mill-benefiċjarji.

*Artikolu 13*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Franċiża.

Magħmul fi Brussell, il-31 ta' Lulju 2018.

*Għall-Kummissjoni*
Margrethe VESTAGER
*Membru tal-Kummissjoni*

([60]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 tal-21 ta' April 2004 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 li jistabblixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 140, 30.4.2004, p. 1).